L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva
ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

# 2013-097

**Dokument mibgħut skont l-Artikolu 12(1)(j) tar-Regolament Bażiku tal-eu-LISA**

Minn is-Sur Matthias Taube, President tal-Bord ta' Tmexxija tal-eu-LISA

Lil: is-Sur Alain Lamassoure, President tal-Kumitat BUDG,
il-Parlament Ewropew

is-Sur Juan Fernando López Aguilar, President tal-Kumitat LIBE,
il-Parlament Ewropew

is-Sur Uwe Corsepius, Segretarju Ġenerali, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

is-Sur Rafael Fernández-Pita Y Gonzalez, Direttur Ġenerali,
DĠ D - Ġustizzja u Affarijiet Interni, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

is-Sur Stefano Manservisi, Direttur Ġenerali tad-DĠ Affarijiet Interni
il-Kummissjoni Ewropea;

is-Sinjura Belinda Pyke, Direttur tad-Direttorat Ċ, Direttorat Ġenerali
Affarijiet Interni, il-Kummissjoni Ewropea.

Suġġett Programm ta' Ħidma 2014 tal-eu-LISA

L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva
ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

# Programm ta' Ħidma

# 2014

# Werrej

1. Sommarju Eżekuttiv ... 5
1.1. Ħarsa Ġenerali ... 5
1.2. Għanijiet Strateġiċi ... 6
1.2.1. Għan 1: It-twettiq tal-kompiti ewlenin tal-Aġenzija ... 6
1.2.2. Għan 2: It-tkomplija tal-bini ta’ organizzazzjoni moderna u effiċjenti ... 6
1.2.3. Għan 3: It-triq biex l-Aġenzija ssir ċentru ta’ eċċellenza ... 7
1.2.4. Għan 4: Żvilupp tar-relazzjonijiet mas-sħab ... 7
1.3. Għanijiet operattivi għall-2014 ... 8
1.3.1. Għanijiet operattivi fl-Għan 1 ... 8
1.3.2. Għanijiet operattivi fl-Għan 2 ... 11
1.3.3. Għanijiet operattivi fl-Għan 3 ... 12
1.3.4. Għanijiet operattivi fl-Għan 4 ... 13
1.3.5. Riskji ewlenin u fatturi ewlenin ta’ suċċess ... 14
1.3.6. Approċċ ta’ implimentazzjoni ... 15
2. Parti Ġenerali ... 16
2.1. Introduzzjoni ... 16
2.2. Missjoni u Viżjoni tal-Aġenzija ... 16
2.3. Valuri u prinċipji ta’ implimentazzjoni ta’ gwida ... 17
2.4. Kuntest tal-politika u ħarsa ġenerali lejn l-istrateġija ... 18
2.5. Għanijiet strateġiċi ta’ nofs il-perjodu tal-Aġenzija ... 21
2.5.1. Għan Strateġiku 1: It-twettiq tal-kompiti ewlenin tal-Aġenzija ... 21
2.5.2. Għan Strateġiku 2: It-tkomplija tal-bini ta’ organizzazzjoni moderna u effiċjenti ... 22
2.5.3. Għan Strateġiku 3: It-triq biex l-Aġenzija ssir ċentru ta’ eċċellenza ... 23
2.5.4. Għan Strateġiku 4: Twaqqif u żvilupp ta’ relazzjonijiet mas-sħab ... 25
2.6. Għanijiet operattivi ewlenin ... 26
2.6.1. Għanijiet operattivi fl-Għan Strateġiku 1 ... 27
2.6.2. Evoluzzjoni tas-sistemi ... 31
2.6.3. Żvilupp u implimentazzjoni ta’ sistemi ġodda ... 31
2.6.4. Sigurtà u protezzjoni tad-dejta ... 32
2.6.5. Infrastruttura tal-Komunikazzjoni ... 33
2.6.6. Taħriġ u assistenza teknika ... 34
2.7. Għanijiet operattivi fl-Għan Strateġiku 2 ... 35
2.8. Għanijiet operattivi fl-Għan Strateġiku 3 ... 36
2.8.1. Riċerka u żvilupp ... 36
2.8.2. Monitoraġġ, rapportar u statistika ... 37

2.8.3. Ġestjoni finanzjarja, infrastruttura, loġistika u kompiti amministrattivi ... 37

2.9. Għanijiet operattivi fl-Għan Strateġiku 4 ... 39

2.9.1. Kooperazzjoni ma' Aġenziji u korpi oħrajn ... 39
2.9.2. Komunikazzjoni ... 42

2.10. L-għanijiet operattivi speċifiċi u l-indikaturi tal-prestazzjoni ... 43

2.10.1. Strateġija u Governanza ... 43
2.10.2. Forniment tas-Servizz ... 44
2.10.3. Operazzjonijiet u Infrastruttura tal-IT ... 47
2.10.4. Koordinazzjoni Ġenerali ... 50
2.10.5. Riżorsi Umani u Amministrazzjoni ... 54
2.10.6. Finanzi, Akkwist u Kuntratti ... 57
2.10.7. Sigurtà u protezzjoni tad-dejta ... 60
2.10.8. Awditjar Intern ... 62

2.11. Anness A: Previżjoni tal-baġit – baġit 2014 ... 63

2.12. Anness B: Ħarsa ġenerali lejn ir-riskji kritiċi u l-miżuri ta' mitigazzjoni ... 65

2.13. Anness C: Tabella Sommarja ta' Proġetti tal-Akkwist Maġġuri għall-2014 ... 68

# 1. Sommarju Eżekuttiv

## 1.1. Ħarsa Ġenerali

L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja twaqqfet bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 01.11.2011, p. 1) li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011. Ir-Regolament ippreveda li l-Aġenzija ser tieħu f'idejha r-responsabilitajiet ewlenin tagħha mill-1 ta' Diċembru 2012.

L-iskop ta' dan il-Programm ta' Ħidma Annwali huwa li jipprovdi deskrizzjoni ta' livell għoli tal-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija fl-2014, jittrasforma l-għanijiet strateġiċi tagħha f'għanijiet u kompiti partikolari u jipprovdi bażi għall-ippjanar tal-baġit.

Il-kompitu ewlieni tal-Aġenzija fl-2014 ser jibqa' li tkompli żżid valur lill-Istati Membri[1] permezz tat-tmexxija operattiva stabbli u kosteffiċjenti tal-VIS, is-SIS II u l-EURODAC, kif ukoll l-evoluzzjoni u t-tnedija ulterjuri tas-sistemi skont il-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Aġenzija ser tippjana u twettaq attivitajiet għall-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet il-ġodda tal-EURODAC skont il-bażi legali riveduta tagħha, kif ukoll tħejji għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni jew it-twettiq ta' sistemi ġodda kif jiddettaw l-istrumenti legali.

L-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa wkoll il-mudelli operattivi u ta' governanza tagħha kif ukoll tibni l-kapaċitajiet tagħha fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni ġodda fuq skala kbira f'dan il-qasam ta' politika, kif stabbilit mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti.

Għadd ta' żviluppi ekonomiċi, politiċi u teknoloġiċi ser ikollhom impatt importanti fuq l-istrateġija fuq perjodu ta' żmien medju sa twil tal-Aġenzija u l-mod kif dawn jinbidlu f'għanijiet operattivi għall-2014. Il-klima kontinwa ta' awsterità fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ser ikompli jkollha impatt fuq il-baġits nazzjonali. B'riżultat ta' dan, l-użu għaqli tar-riżorsi skarsi disponibbli ser jibqa' punt fil-quċċata tal-aġenda tal-Istati Membri u jkompli jirriżulta f'sejħiet għal responsabilità u effiċjenza ikbar fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE. Għaldaqstant, l-Aġenzija ser ikollha turi biċ-ċar il-benefiċċji tal-infiq u l-operazzjonijiet tagħha u tagħti prova li hija kapaċi tipprovdi propożizzjoni ta' valur lill-Istati Membri b'mod kontinwu.

***L-isfida ewlenija għall-Aġenzija ser tkun li jitwieżnu l-kumplessità u l-kapaċitajiet tas-sistemi amministrati u l-istruttura tal-Aġenzija bl-aspettattivi għoljin, kif ukoll l-għanijiet ambizzjużi u r-rekwiżiti tal-partijiet interessati tagħha.***

**Naturalment, prerekwiżit ewlieni għall-Aġenzija biex tindirizza din l-isfida u tiżgura implimentazzjoni b'suċċess ta' dan il-Programm ta' Ħidma huwa livelli adegwati ta' persunal miksuba sa tmiem l-2013. Fil-fatt, sa Diċembru 2013, eu-LISA laħqet il-miri għar-reklutaġġ stabbiliti fil-Pjan ta' Stabbiliment tal-2013.**

[1] Bit-terminu "Stati Membri" dan id-dokument jirreferi għall-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati li huma marbutin skont il-liġi tal-Unjoni bl-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, l-operazzjoni u l-użu tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira kollha ġestiti mill-Aġenzija

Il-flussi migratorji, kemm fl-UE kif ukoll lejn l-UE minn pajjiżi terzi, huma mistennija li jkomplu bix-xejra 'l fuq tagħhom fl-2014. Għaldaqstant l-importanza tas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija ser tkompli tikber peress li dawn ser ikunu l-għodod teknoloġiċi ewlenin għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali. Għall-istess raġuni x'aktarx li l-viżibilità politika u s-sensittività ta' dawn is-sistemi ser ikomplu jikbru wkoll.

## 1.2. Għanijiet Strateġiċi

Sabiex jiġu indirizzati l-aspettattivi tal-Istati Membri u jiġu ssodisfati d-dmirijiet ewlenin tagħha skont ir-Regolament Bażiku, l-Aġenzija stabbilixxiet hija stess għadd ta' għanijiet strateġiċi ta' nofs il-perjodu. Dawn huma:

### 1.2.1. Għan 1: It-twettiq tal-kompiti ewlenin tal-Aġenzija

L-għan aħħari għall-Aġenzija ser ikun li żżomm l-operazzjonijiet stabbli u kontinwi tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC. Fl-istess ħin l-Aġenzija ser ikollha tiżgura forniment b'suċċess għal għadd ta' proġetti ġodda u li għaddejjin marbutin mal-evoluzzjoni ta' dawn is-sistemi bħal (iżda mhux limitata għal):

- It-tkomplija tat-tnedija fid-dinja kollha tal-VIS u l-VIS Mail 2
- L-implimentazzjoni tal-bidliet għall-EURODAC kif previst fir-Regolament rivedut dwar l-EURODAC
- L-implimentazzjoni ta' kapaċitajiet bijometriċi tas-SIS II[2]

L-Aġenzija jista' jkun li tkun teħtieġ ukoll li tipparteċipa fit-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda bħas-sistemi ta' Dħul/Ħruġ u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati matul l-2014. Għalhekk, l-eu-LISA għandha tiżviluppa l-ippjanar tagħha fir-rigward tar-riżorsi speċifiċi tal-infrastruttura, il-persunal u dawk organizzattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' tali sistemi bbażati fuq l-informazzjoni u r-rekwiżiti finanzjarji kif spjegat fl-oqfsa legali xierqa. Skont il-progress dwar l-adozzjoni ta' tali strumenti legali u d-dati ta' skadenza għall-implimentazzjoni tagħhom, l-Aġenzija tista' tibda l-proċess tax-xiri u l-akkwist tagħhom ta' riżorsi meħtieġa u pjan dettaljat ta' implimentazzjoni.

L-Aġenzija għandha wkoll tkompli tappoġġa b'mod proattiv l-użu mill-Istati Membri tas-sistemi eżistenti taħt il-maniġment bil-kompetenza teknika u ta' ġestjoni tal-proġett/programm rilevanti kif ukoll il-programmi tat-taħriġ fil-mira dwar kwistjonijiet tekniċi u oħrajn rilevanti.

### 1.2.2. Għan 2: It-tkomplija tal-bini ta' organizzazzjoni moderna u effiċjenti

Fl-2014 l-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa l-organizzazzjoni tagħha. Il-fokus ser ikun fuq integrazzjoni ulterjuri bbażata fuq il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri komuni tagħha. L-enfasi ser tingħata lil aspetti differenti ta' żamma u żvilupp tal-persunal.

---

[2] L-evoluzzjoni tas-sistemi hija soġġetta għad-disponibilità tal-bażi legali meħtieġa u l-ftehim dwar il-prijoritajiet mal-partijiet interessati.

L-abbozzar, l-approvazzjoni u t-tnedija tal-implimentazzjoni tal-istrateġija pluriennali approvata għall-Aġenzija għall-perjodu 2014 – 2020 ser ikunu wkoll wieħed mill-kompiti ewlenin fl-2014.

### 1.2.3. Għan 3: It-triq biex l-Aġenzija ssir ċentru ta' eċċellenza

Fl-2014 l-Aġenzija ser tkompli l-iżvilupp tagħha lejn Ċentru ta' Eċċellenza (CoE) kemm fil-mudelli operattivi kif ukoll ta' governanza tagħha. Dan ser jinkiseb permezz ta':

- Żvilupp ulterjuri tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija bbażat fuq l-istandards tal-industrija għal governanza korporattiva tal-ICT biex jiġi żgurat allinjament kontinwu bejn l-għanijiet kummerċjali u l-kapaċitajiet tal-Aġenzija
- Żvilupp ulterjuri tal-mudel operattiv tal-Aġenzija, biex jiġu żgurati operazzjonijiet sostenibbli u kosteffiċjenti, skont standards tal-industrija għall-ġestjoni tas-servizzi tal-IT[3]
- Żvilupp tal-kapaċitajiet tal-Aġenzija fl-oqsma ta' ppjanar strateġiku, arkitettura korporattiva, riċerka u żvilupp kif ukoll ġestjoni tal-programm u l-proġett
- Il-monitoraġġ kontinwu ta' infrastruttura, servizzi u sistemi biex tiġi ottimizzata u mtejba l-Ispiża Totali tas-Sjieda (TCO) tagħhom
- Żvilupp u integrazzjoni ulterjuri ta' għodod kollaborattivi interni fl-oqfsa operattivi u ta' governanza tal-Aġenzija

### 1.2.4. Għan 4: Żvilupp tar-relazzjonijiet mas-sħab

Biex tkompli żżid il-valur fl-2014, l-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa r-relazzjonijiet tagħha mal-partijiet interessati interni tagħha, is-sħab esterni u l-pubbliku ġenerali.

L-Aġenzija ser iżżomm relazzjoni miftuħa u trasparenti mal-Bord ta' Tmexxija, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, billi tipprovdi komunikazzjoni regolari u tiżgura viżibilità fir-rigward tal-istatus tal-operazzjonijiet u s-sistemi. L-Aġenzija ser tfittex ukoll b'mod proattiv u regolari feedback mill-Istati Membri dwar il-kwalità tas-servizzi li tipprovdi bil-għan li tidentifika opportunitajiet għal titjib u/jew ħtieġa għal bidliet fil-forniment tas-servizz eżistenti. Aspett importanti ieħor ta' relazzjoni mal-Istati Membri ser ikun l-istabbiliment ta' sħubiji effettivi mal-Gruppi Konsultattivi sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet operattivi u strateġiċi.

Fl-2014 l-Aġenzija ser tfittex ukoll li tiżviluppa ulterjorment is-sħubiji tagħha ma' aġenziji oħrajn fl-oqsma ta' politika rilevanti fuq il-bażi ta' memoranda ta' fehim u kooperazzjoni f'oqsma ta' interess konġunt. L-Aġenzija ser tfittex ukoll li tiskambja esperjenzi u għarfien ma' sħab identifikati, filwaqt li tikkontribwixxi għat-tnedija ta' sistemi komuni u pjattaformi tat-teknoloġija u tipprovdi servizzi skont l-istrumenti legali rilevanti fis-seħħ.

---

[3] L-ITIL/ITSM huma meqjusa bħala l-istandards prinċipali li l-Aġenzija ser tuża biex tevolvi l-mudell operattiv tagħha

## 1.3. Għanijiet operattivi għall-2014

Fl-2014 l-Aġenzija, filwaqt li tibni fuq ir-riżultati miksuba fl-2013, ser tkompli tiżviluppa ulterjorment l-operazzjonijiet u s-servizzi tagħha. Dak l-iżvilupp għandu jippermetti lill-Aġenzija tkompli l-iżvilupp tal-mudelli operattivi u ta’ governanza tagħha u tiżgura allinjament tas-servizzi u l-kapaċitajiet tal-Aġenzija mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri bil-għan li jiżdied iktar valur.

*F’dan il-kuntest l-għanijiet operattivi partikolari tal-Aġenzija għall-2014 huma:*

### 1.3.1. Għanijiet operattivi fl-Għan 1

#### 1.3.1.1. Ġestjoni Operattiva tas-sistemi

L-Aġenzija ser tkompli twettaq il-kompiti meħtieġa kollha għall-ġestjoni operattiva tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC biex tiżgura d-disponibilità tagħhom 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa.

L-Aġenzija ser ikollha wkoll ir-responsabilità tas-sorveljanza u l-kontroll tax-xogħol imwettaq mill-kuntratturi tagħha, fir-rigward kemm tal-aspetti finanzjarji kif ukoll dawk kuntrattwali. L-għanijiet speċifiċi marbutin mal-ġestjoni ta’ dawn is-sistemi huma:

- Il-ġestjoni tal-FLS għas-sistemi biex jiġi żgurat li l-livelli ta’ servizz huma ssodisfati bis-sħiħ u l-kwalità ta’ servizzi hija mmonitorjata u mkejla b’mod kostanti u preċiż
- Is-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-ħidma pprovduta skont il-kuntratti ta’ manutenzjoni għas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC
- Tkompli t-tnedija fid-dinja kollha għall-VIS fl-2014 flimkien mat-tnedija b’suċċess tal-VIS MAIL 2 [4]
- Għall-EURODAC l-għan ewlieni tal-Aġenzija fl-2014 ser ikun li tiżgura kkompletar b’suċċess tal-migrazzjoni tas-sistema lejn Strasburgu u integrazzjoni fil-mudell tas-servizzi tal-Aġenzija wara l-attivitajiet għal rilokazzjoni b’suċċess tal-EURODAC (xenarju Nru 4), filwaqt li toħloq siti tal-EURODAC ġodda fi Strasburgu u l-Awstrija bħala kloni tas-sistema eżistenti, b’akkwist assoċjat ta’ ħardwer ġdid u softwer COTS.

[4] Ma hemm ebda dispożizzjoni legali dwar id-dewmien eżatt tat-Tnedija Reġjonali tal-VIS, hekk kif dan jiddependi mill-Istati Membri u l-veloċità li biha jniedu s-sistema. Għaldaqstant, għandu jkun mifhum li d-Deċiżjoni skont l-Art. 46 ser tittieħed biss meta t-tnedija reġjonali tkun kważi lesta u mhux bilfors eżatt 22 xahar wara l-attivazzjoni ta’ VIS. Kwalunkwe referenza f’dan id-dokument għas-sistemi msemmija hawn fuq hija soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi legali meħtieġa. Barra minn hekk, kwalunkwe referenza f’dan id-dokument għall-evoluzzjoni tas-SIS II, inkluża l-implimentazzjoni tal-kapaċitajiet bijometriċi, hija soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi legali meħtieġa.

#### 1.3.1.2. Evoluzzjoni tas-sistemi[5]

L-eu-LISA ser tipprovdi wkoll il-kompiti meħtieġa kollha għall-iżgurar ta' evoluzzjoni ulterjuri tas-sistemi f'konformità mal-iżvilupp tal-bażi legali tagħhom u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari:

- L-evoluzzjoni ta' BMS[6]
- L-implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa fl-EURODAC f'konformità mar-Regolament imfassal mill-ġdid
- It-titjib ulterjuri tal-kapaċitajiet funzjonali tal-VIS, is-SIS II u l-EURODAC

Fir-rigward tal-evoluzzjoni funzjonali tal-VIS, l-eu-LISA tistenna lill-Istati Membri jimplimentaw bidliet speċifiċi fis-sistemi nazzjonali tagħhom sabiex jibbenefikaw mill-kapaċitajiet il-ġodda tas-sistema VIS ċentrali l-ġdida. L-eu-LISA ser twettaq valutazzjoni tal-ambitu tal-funzjonalitajiet il-ġodda fil-VIS ċentrali u ser taqbel dwar prijoritajiet għall-implimentazzjoni mal-Istati Membri. Ser tiġi pprovduta valutazzjoni tal-impatt tal-VIS ċentrali lill-Istati Membri sabiex tippermettilhom iħejju l-valutazzjoni tal-impatt tagħhom stess għas-sistemi nazzjonali tagħhom u tipprovdi r-riżorsi u l-baġits meħtieġa biex tiġi żgurata implimentazzjoni b'suċċess.

L-evoluzzjoni teknika tal-VIS ser tkompli fl-2014 kif meħtieġ biex tiġi żgurata disponibilità tas-sistema mill-Istati Membri. Fl-istess ħin, għandha ssir evoluzzjoni teknika tas-sistema fl-intier tagħha jiġifieri kemm tal-VIS kif ukoll tal-BMS.

#### 1.3.1.3. Żvilupp u implimentazzjoni ta' sistemi ġodda

L-Aġenzija ser ikollha l-kapaċitajiet li twettaq l-kompiti meħtieġa fiċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ ta' proġetti ġodda marbutin mal-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda f'konformità mal-istrumenti legali l-ġodda u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Dawn li ġejjin x'aktarx li jibdew joperaw fl-2015, soġġetti għall-adozzjoni tal-bażi legali rilevanti:

- Is-sistemi ta' Dħul/Ħruġ (EES)
- Il-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP)

Kif imsemmi hawn fuq, id-data speċifika għall-bidu tal-iżvilupp u l-ippjanar dettaljat għal dawn is-sistemi tiddependi mill-għażla taż-żmien għall-adozzjoni tal-istrumenti legali rilevanti.

Minbarra l-iżvilupp ta' sistemi ġodda, l-Aġenzija ser tkun lesta li tkompli tieħu responsabilitajiet addizzjonali għal sistemi eżistenti oħrajn skont il-bidliet u l-iżvilupp tal-istrumenti legali rispettivi tagħhom. Madankollu, għandu jinżamm preżenti li mhu

---

[5] Kwalunkwe referenza f'dan id-dokument għall-evoluzzjoni tas-sistemi, intitolata lill-Aġenzija tista' tkun soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi legali meħtieġa.

[6] L-evoluzzjoni teknika tal-VIS ser tkompli fl-2014 kif meħtieġ biex tiġi żgurata disponibilità tas-sistema mill-Istati Membri. Fl-istess ħin evoluzzjoni teknika tas-sistema għandha titqies fl-intier tagħha jiġifieri VIS u BMS kollha flimkien

ser ikun hemm ebda żvilupp konkret tal-EES u l-RTP qabel ftehim finali dwar il-bażi legali għal tali sistemi li jrid jiġi maqbul mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

#### 1.3.1.4. Sigurtà u protezzjoni tad-dejta

L-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa ulterjorment il-politika u l-istandards ġenerali tas-sigurtà tagħha kif ukoll il-kontinwità kummerċjali tagħha u l-pjanijiet ta' rkupru minn diżastri għall-Aġenzija nnifisha, is-sistemi taħt il-kontroll tagħha u n-netwerk(s) tal-komunikazzjonijiet użati minn dawn is-sistemi.

B'kunsiderazzjoni ta' dan l-għan, ġiet adottata Strateġija komprensiva dwar il-Ġestjoni tal-Kontinwità Kummerċjali (BCM) mill-Bord ta' Tmexxija f'Novembru 2013. L-għan tagħha huwa li tipprovdi l-qafas ta' governanza għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni għall-kontinwità kummerċjali fl-eu-LISA, b'mod speċifiku għall-proċessi kummerċjali tal-Aġenzija, l-infrastruttura tal-Aġenzija nnifisha kif ukoll is-sistemi li topera l-Aġenzija u n-netwerks u l-infrastrutturi relatati kollha li l-Aġenzija għandha responsabbiltà operattiva għalihom. L-Aġenzija ser twettaq ukoll kwalunkwe kompitu ta' sigurtà ieħor kif meħtieġ mir-Regolament Bażiku jew kwalunkwe strument legali rilevanti ieħor.

Għaldaqstant l-Aġenzija ser timplimenta u timmonitorja l-ogħla standard ta' protezzjoni tad-dejta personali. Barra minn hekk, l-Aġenzija ser twettaq awditjar intern biannwali dwar il-protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà biex tivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti legali u biex tidentifika opportunitajiet possibbli għat-titjib u l-iżvilupp ta' politiki u proċeduri interni.

#### 1.3.1.5. Infrastruttura tal-komunikazzjoni

Fl-2014 l-eu-LISA ser tkompli tkun responsabbli mis-sorveljanza, is-sigurtà u l-koordinazzjoni ta' relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II, l-EURODAC u l-VIS (in-netwerk sTESTA). L-Aġenzija ser tiżgura wkoll li kwalunkwe fornitur estern mis-settur privat tas-servizzi ta' netwerk jirrispetta bis-sħiħ il-politiki ta' sigurtà fis-seħħ u jipprovdi l-livelli ta' servizz maqbula. L-eu-LISA ser taħdem ukoll mal-Istati Membri biex tindirizza l-migrazzjoni tal-sTESTA attwali lejn netwerk WAN ġdid kif meħtieġ.

B'konsegwenza ta' din il-migrazzjoni, parti mill-kompiti operattivi mwettqa fl-sTESTA mill-fornitur tan-netwerk ser jiġu ttrasferiti lill-eu-LISA. Din il-bidla ser teħtieġ l-implimentazzjoni ta' servizz ġdid – Ċentru ta' Operazzjonijiet tan-Netwerk. Iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tan-Netwerk ser jimmaniġġja l-parti protetta tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni fejn id-dejta operattiva tas-SIS II, l-EURODAC u l-VIS hija ttrasferita fit-test ċar.

Biex ikun kapaċi jindirizza r-rekwiżiti addizzjonali kkawżati mill-bidla fil-mudell operattiv tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, iċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tan-Netwerk ser jeħtieġ baġit u riżorsi umani addizzjonali, peress li ż-żieda pproġettata tax-xogħol li jrid isir ser tkun diffiċli biex tiġi indirizzata fil-livelli ta' persunal attwali.

#### 1.3.1.6. Taħriġ u assistenza teknika

L-Aġenzija ser tkompli tipprovdi taħriġ dwar l-użu tekniku tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC lill-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti. Abbażi tal-ftehim milħuq fl-2013 bejn l-eu-LISA u l-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti u l-ambitu partikolari tat-taħriġ tekniku għall-VIS u l-EURODAC, l-eu-LISA ser tkompli tiżviluppa u tipprovdi taħriġ bl-użu tar-riżorsi interni tagħha u b’kooperazzjoni ma’ Aġenziji oħrajn.

Ser tipprovdi wkoll taħriġ għall-persunal ta’ SIRENE (SIRENE - Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali) u taħriġ għal membri tat-tim u esperti ewlenin tal-evalwazzjoni Schengen dwar l-aspetti tekniċi u funzjonali tas-SIS II.

Għandu jissemma wkoll li l-Aġenzija ffirmat MoU mas-CEPOL. Dan jistabbilixxi oqsma ta’ kooperazzjoni bejn iż-żewġ aġenziji biex jikkumplimentaw it-twettiq tal-mandati rispettivi. L-Aġenzija ser tiffirma MoU simili mal-FRONTEX matul l-2014.

L-assistenza teknika, ipprovduta lill-Istati Membri mill-Aġenzija ser tinkludi assistenza lil Stati Membri ġodda u eżistenti biex ikunu teknikament lesti għall-integrazzjoni tas-sistemi tagħhom mas-SIS II u l-VIS. L-integrazzjoni vera sseħħ biss wara li tiġi solvuta kwalunkwe kwistjoni politika pendenti u tiġi adottata d-deċiżjoni rispettiva tal-Kunsill. Minbarra taħriġ dwar is-sistemi, l-assistenza teknika ser tinkludi wkoll servizzi ta’ ġestjoni tal-programm/proġett.

### 1.3.2. Għanijiet operattivi fl-Għan 2

L-iżvilupp professjonali u tal-karriera tal-persunal tagħha ser ikun komponent ċentrali tal-konsolidazzjoni tal-attivitajiet tal-organizzazzjoni fl-2014. Sabiex jiġi mmassimizzat il-potenzjal tal-persunal tal-Aġenzija, jeħtieġ li jiġi implimentat proċess li jevalwa u jtejjeb b’mod regolari l-kapaċitajiet professjonali tagħhom, jiġġestixxi l-karrieri u jipprevedi l-ħtiġijiet tat-taħriġ tagħhom. Il-komponenti ewlenin ta’ dan il-mudull ser ikunu:

#### 1.3.2.1. L-iżvilupp tal-persunal

- Implimentazzjoni ta’ qafas tal-karrieri bbażat fuq il-mudell konsolidat tas-servizzi tal-IT tal-Aġenzija;
- Standardizzazzjoni tar-rwoli fl-impjieg fit-timijiet kollha biex jiġu ffaċilitati l-moviment intern tal-persunal u l-valutazzjoni regolari tal-kapaċitajiet professjonali u r-rekwiżiti tal-persunal
- Żvilupp ta’ familji ta’ impjiegi biex il-persunal tas-servizzi tal-IT jiġi organizzat fi gruppi funzjonali simili
- Analiżi regolari tal-ħtiġijiet tal-persunal u tat-taħriġ

#### 1.3.2.2. Taħriġ

- Bini ta’ pjanijiet ta’ taħriġ standard għal kull rwol u grupp funzjonali
- Massimizzazzjoni tal-użu ta’ riżorsi eżistenti tat-taħriġ inklużi bejjiegħa eżistenti

- Implimentazzjoni ta' mudelli innovattivi ta' taħriġ, bħal approċċ ta' taħriġ lil min iħarreġ u ċampjin tal-prodott biex isir taħriġ ta' gruppi ikbar tal-persunal

#### 1.3.2.3. Ġestjoni finanzjarja, akkwist, loġistika u amministrazzjoni

L-Aġenzija ser tiżviluppa ulterjorment il-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha, billi tieħu approċċ proattiv biex tiżgura ġestjoni trasparenti u effiċjenti kontinwa tar-riżorsi finanzjarji.

L-Aġenzija ser tiġġestixxi l-attivitajiet kollha ta' akkwist fuq il-bażi ta' pjan tal-akkwisti li ser jiġi kkomunikat lill-Bord ta' Tmexxija. Il-Bord ta' Tmexxija ser ikun mgħarraf ukoll dwar is-sejħiet ewlenin għall-offerti. Il-Gruppi Konsultattivi għandhom ikunu involuti wkoll fl-attivitajiet ta' akkwist marbutin mal-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi amministrati mill-Aġenzija. L-esperti tal-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna fuq bażi ta' każ b'każ biex jipprovdu kompetenzi tekniċi għad-definizzjoni tad-dokumenti u l-proċeduri tal-offerti.

Il-prijoritajiet ewlenin fil-qasam tal-ġestjoni tal-faċilità u l-loġistika ser ikunu l-iżgurar li kemm ix-xogħol fuq il-bini permanenti f'Tallinn kif ukoll ix-xogħlijiet għal żvilupp ulterjuri tas-sit tekniku fi Strasburgu jżommu bis-sħiħ mal-iskeda. Madankollu, il-progress tagħhom mhux għalkollox fl-abilità tal-Aġenzija u ser jiddependi sa ċertu punt minn fatturi u żviluppi esterni fl-2013 bħal (a) id-deċiżjoni tal-Gvern Estonjan dwar il-post tal-bini permanenti tal-Aġenzija; u (b) l-approvazzjoni tal-fajl għall-iżvilupp tas-sit tekniku ta' Strasburgu mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

### 1.3.3. Għanijiet operattivi fl-Għan 3

#### 1.3.3.1. Governanza korporattiva tal-IT

Fl-2013 il-fokus ewlieni għal dawk li jiżviluppaw il-qafas tal-governanza korporattiva tal-Aġenzija kien l-iżvilupp ta' approċċ xieraq, identifikazzjoni ta' għanijiet kimmerċjali rilevanti, tfassil ta' pjan direzzjonali xieraq u bidu tal-implimentazzjoni tiegħu.

Fl-2014 l-Aġenzija ser tkompli bl-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-mudell ta' governanza tagħha. Il-fokus ser ikun fuq l-implimentazzjoni kontinwa tal-pjan direzzjonali flimkien mal-ħolqien ta' indikaturi tal-prestazzjoni rilevanti għas-servizzi korporattivi u l-attivitajiet tekniċi tal-Aġenzija.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa l-infrastruttura interna tagħha b'enfasi fuq is-sistemi interni tal-IT, ir-rapportar tal-ġestjoni u l-għodod ta' kollaborazzjoni.

#### 1.3.3.2. Mudell tas-servizz

Fl-2014 l-Aġenzija ser tkompli bl-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali tal-implimentazzjoni tal-ITIL/ITSM. Il-fokus ser jimxi minn suċċessi u titjib ta' malajr lejn żvilupp u implimentazzjoni tal-qafas ta' proċess mill-bidu sal-aħħar bħala fattur ewlieni ta' kosteffiċjenza operattiva. Aspett importanti ta' evoluzzjoni tal-mudell tas-

servizz ser ikun konsolidazzjoni u standardizzazzjoni ulterjuri ta' għodod eżistenti tal-ġestjoni tas-servizz.

#### 1.3.3.3. Attivitajiet ta' riċerka u żvilupp

L-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tagħha fil-qasam ta' monitoraġġ u riċerka dwar teknoloġiji ġodda u emerġenti fl-2014. Riżultati ta' dak il-monitoraġġ ser jiddaħħlu fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet għall-evoluzzjoni ta' sistemi ġestiti mill-Aġenzija, biex jaġġornaw u jtejbu kemm il-proċessi tekniċi kif ukoll dawk kummerċjali tagħha. Il-qafas ta' governanza ser jipprovdi s-sett ta' għodda għall-evalwazzjoni u l-fokus tal-attivitajiet ta' R&Ż lejn l-ilħuq tal-objettivi kummerċjali tal-Aġenzija.

#### 1.3.3.4. Monitoraġġ, rapportar u statistika

L-Aġenzija ser tipproduċi rapportar u statistika regolari dwar l-użu tas-sistemi tal-IT ġestiti minnha u tissorvelja l-prestazzjoni tagħhom, kif previst fil-bażijiet legali għal tali sistemi tal-IT u rifless fir-Regolament Bażiku. Ser tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, *inter alia*, dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi. Ir-rapportar ser ikopri wkoll aspetti tas-sigurtà tas-sistemi ġestiti u ser jipprovdi wkoll lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li teħtieġ għall-evalwazzjoni regolari tal-VIS, l-EURODAC u s-SIS II.

Ir-rapporti li ġejjin għas-sistemi ġestiti ser ikunu pprovduti fl-2014:

- Rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS, inkluża s-sigurtà tagħha, skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament dwar il-VIS
- EURODAC: ir-rapport annwali tal-2013 dwar l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali tal-Eurodac skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 2725/2000 (Jannar/Frar 2014)
- EURODAC: forniment ta' redditu ta' rapportar statistiku trimestrali regolari dwar il-ħidma tal-Unità Ċentrali tal-Eurodac (skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 2725/2000)
- SIS II: pubblikazzjoni annwali tal-istatistika tal-utent tal-Istat Membru dwar is-SIS II skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 66(3) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI rispettivament; (Jannar/Frar 2014).

### 1.3.4. Għanijiet operattivi fl-Għan 4

#### 1.3.4.1. Kooperazzjoni ma' Aġenziji oħrajn

Fl-2014 l-Aġenzija ser tfittex ukoll li tiżviluppa ulterjorment is-sħubiji tagħha ma' aġenziji oħrajn fl-oqsma ta' politika rilevanti (jiġifieri l-EUROPOL, il-FRONTEX, l-EASO, l-EUROJUST, l-ENISA, is-CEPOL, l-FRA u l-KEPD) fuq il-bażi ta' memoranda ta' qbil formali u kooperazzjoni f'oqsma ta' interess konġunt. L-Aġenzija ser tfittex li tiskambja esperjenzi u għarfien ma' sħab identifikati, filwaqt li tikkontribwixxi għat-tnedija ta' sistemi komuni u pjattaformi tat-teknoloġija u tipprovdi servizzi skont l-istrumenti legali rilevanti fis-seħħ. Fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi u proġetti komuni mas-sħab tagħha, l-Aġenzija dejjem ser tieħu f'kunsiderazzjoni l-kwistjonijiet tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-dejta kif ukoll l-Istrateġija tal-UE għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni u l-iżviluppi fil-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni.

#### 1.3.4.2. Komunikazzjoni

Fl-2014 l-isforzi tal-Aġenzija f'dan il-qasam ser ikunu mmexxija mill-istrateġija ta' Komunikazzjoni Esterna tagħha approvata mill-Bord ta' Tmexxija f'Novembru 2013. Internament, l-Aġenzija ser tuża diversi kanali ta' komunikazzjoni biex issaħħaħ l-organizzazzjoni u tippromwovi l-missjoni u l-valuri tagħha. Esternament l-Aġenzija ser tiffoka fuq l-isforzi tagħha biex tipprovdi lill-pubbliku ġenerali b'informazzjoni regolari dwar l-attivitajiet tagħha, u tenfasizza l-valur miżjud liċ-ċittadini Ewropej tal-ħidma tal-Aġenzija. Barra minn hekk, l-Aġenzija ser torganizza u/jew tikkontribwixxi għal kampanji speċifiċi ta' informazzjoni kif meħtieġ.

Ser tiġi ffukata wkoll enfasi speċjali fuq komunikazzjoni regolari u komprensiva mal-Istati Membri u l-Bord ta' Tmexxija fir-rigward tal-progress tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma fl-intier tiegħu u proġetti u attivitajiet strateġiċi speċifiċi b'mod partikolari.

#### 1.3.4.3. Appoġġ lill-Bord ta' Tmexxija u lill-Gruppi Konsultattivi

L-Aġenzija ser tipprovdi appoġġ amministrattiv u loġistiku kontinwu lill-Bord ta' Tmexxija u lill-ħidma tal-Gruppi Konsultattivi permezz tas-Segretarjat tal-Bord. Il-Bord ta' Tmexxija ser ikompli jiżgura li l-Aġenzija twettaq il-kompiti u tipprovdi r-riżultati kif stabbiliti fir-Regolament Bażiku, bl-iktar mod kosteffettiv, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija f'perjodu medju. Minbarra l-approvazzjoni ta' dokumenti standard fiċ-ċiklu tal-ħajja annwali tal-baġit u tal-ippjanar, kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu segwiti mill-Bord ta' Tmexxija fl-2014 ser jinkludu kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp tal-bini permanenti tal-Aġenzija f'Tallinn u l-iżvilupp tas-sit tekniku fi Strasburgu. Fl-2014, il-Gruppi Konsultattivi ser ikomplu jipprovdu appoġġ lill-Bord ta' Tmexxija biex jadotta l-Programm ta' Ħidma 2015 u r-Rapport tal-Attività għall-2013 kif ukoll dwar kwistjonijiet tekniċi marbutin mal-evoluzzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi eżistenti.

L-Aġenzija ser tkompli bl-impenn proattiv tagħha mal-Gruppi Konsultattivi, filwaqt li tipprovdilhom appoġġ amminstrattiv u loġistiku meħtieġ u tissieħeb magħhom fl-indirizzar ta' kwistjonijiet operattivi u strateġiċi ewlenin marbutin mas-sistemi.

### 1.3.5. Riskji ewlenin u fatturi ewlenin ta' suċċess

Il-Programm ta' Ħidma għall-2014 jespandi ulterjorment fuq ir-riżultati miksuba fl-2013. L-għanijiet ta' nofs il-perjodu tal-Aġenzija u l-aspettattivi tal-partijiet interessati tagħha stabbilixxew standard għoli f'termini tal-prodotti finali tal-Aġenzija u d-dati ta' skadenza li dawn għandhom jinkisbu fihom. Minħabba l-kumplessità tas-sistemi u s-servizzi ġestiti mill-Aġenzija, dan fisser it-teħid ta' approċċ proattiv u viġilanti fil-ġestjoni ta' riskji u kwistjonijiet identifikati li għandhom il-potenzjal li jxekklu t-twettiq tal-għanijiet tagħha.

Xi wħud minn dawk ir-riskji huma:

- Mhux biżżejjed persunal minħabba l-kompiti l-ġodda assenjati lill-Aġenzija
- Ċaqliq kbir tal-persunal
- Bidliet frekwenti fil-prijoritajiet u d-domanda għas-servizz matul is-sena
- Il-baġit 2014 jiddevja b'mod sinifikanti mill-previżjoni
- Dewmien fix-xogħol ta' kostruzzjoni fi Strasburgu

Biex jiġu indirizzati, immonitorjati u ġestiti dawn ir-riskji u l-oħrajn kollha li jifdal, ser jiġi żviluppat u implimentat Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju separat.

Mitigazzjoni ġenerali importanti ta' riskji ewlenin hija l-fatturi ewlenin ta' suċċess li ser jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma u l-għanijiet operattivi tiegħu jekk imwettaq b'suċċess. Xi wħud minn dawk il-fatturi huma:

- L-iżgurar tas-sodisfazzjon u l-impenn tal-Bord ta' Tmexxija
- L-iżvilupp ta' relazzjoni mill-qrib mal-Gruppi Konsultattivi u appoġġ sħiħ mingħandhom
- L-iżgurar ta' kollaborazzjoni, relazzjoni u impenn trasparenti mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea
- Il-provvediment ta' impenn tat-tmexxija tal-persunal biex jinkisbu prijoritajiet fil-programm ta' ħidma
- L-iżgurar tad-disponibilità ta' riżorsi adegwati u l-infrastruttura meħtieġa

### 1.3.6. Approċċ ta' implimentazzjoni

Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel tal-Programm ta' Ħidma u l-ilħuq ta' għanijiet operattivi, il-proċess ta' implimentazzjoni ser ikun ġestit permezz ta' Pjan ta' Implimentazzjoni. Il-Pjan ta' Implimentazzjoni għandu jipprovdi kisbiet ewlenin għal kull għan, jassenja kompiti speċifiċi, jalloka r-riżorsi meħtieġa u jiddefinixxi s-sjieda, ir-rwoli u r-responsabilitajiet għall-kompiti individwali. L-impenn u l-appoġġ tal-persunal kollu huma prerekwiżiti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni.

Is-sorveljanza u l-kontroll tal-pjan ta' implimentazzjoni ser jiġu żviluppati fuq żewġ livelli; internament, l-Aġenzija ser twettaq analiżi regolari darbtejn fil-ġimgħa tal-progress. Għandhom jiġu pprovduti wkoll rapporti regolari kull xahar dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni lill-Bord ta' Tmexxija.

Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni ser jiġi analizzat fuq bażi regolari u *ad hoc* matul is-sena u jiġi aġġustat skont kif jiddettaw ir-rekwiżiti u ċ-ċirkustanzi.

# 2. Parti Ġenerali

## 2.1. Introduzzjoni

L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja twaqqfet permezz tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 01.11.2011, p. 1) li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011.

Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzija għas-sena ta' wara għandu jiġi adottat mill-Bord ta' Tmexxija sat-30 ta' Settembru ta' kull sena, skont it-termini speċifiċi tal-Artikolu 12 tar-Regolament Bażiku, wara li jirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni. Imbagħad, il-Programm ta' Ħidma adottat jintbagħat lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni mill-Bord ta' Tmexxija u jiġi ppubblikat. Skont ir-Regolament Bażiku, il-Programm ta' Ħidma Annwali għandu jiġi ppubblikat fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

L-għan tal-Programm ta' Ħidma Annwali huwa li jiddeskrivi u jaqbel dwar l-attivitajiet li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija fis-sena inkwistjoni, biex jiġu implimentati l-kompiti msemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament imsemmi hawn fuq. L-iskop tiegħu hu li jittrasforma l-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija f'għanijiet annwali u jipprovdi bażi għall-ippjanar tal-baġit.

Għaldaqstant, dan il-Programm ta' Ħidma u l-implimentazzjoni tiegħu huma marbutin mill-qrib mat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Abbozz tal-Baġit tal-Aġenzija għall-2014, li jiġġustifka l-allokazzjoni tal-mezzi għal titoli, kapitoli u artikoli speċifiċi.

Kif intqal hawn fuq, din l-Aġenzija l-ġdida twaqqfet fi tmiem l-2011. Il-pedamenti, l-infrastrutturi u l-funzjonijiet bażiċi ta' din l-Aġenzija ġew implimentati fl-2012 u fl-2013, biex b'hekk tkun tista' twettaq il-kompiti ċentrali tagħha għall-ġestjoni operattiva tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC.

Dan il-Programm ta' Ħidma jiddeskrivi l-kompiti tal-Aġenzija fl-2014, bil-ħsieb li:

- Jitwettqu b'mod kontinwu l-kompiti ċentrali għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT li hija responsabbli minnhom u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda kif ipprovdut mill-istrumenti legali rilevanti
- Jiġu implimentati bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet legali marbutin mas-sistemi tal-IT taħt il-kontroll tal-Aġenzija
- Żvilupp u konsolidazzjoni ulterjuri tal-organizzazzjoni u l-mudelli operattivi u ta' governanza tagħha

## 2.2. Missjoni u Viżjoni tal-Aġenzija

***Fil-kuntest iktar wiesa' tal-mandat tagħha, il-missjoni ċentrali tal-Aġenzija hija li tkun dedikata li b'mod kontinwu żżid il-valur lill-Istati Membri, billi tappoġġa permezz tat-teknoloġija l-isforzi tagħhom għal Ewropa iktar sikura.***

L-Aġenzija hija kontributur affidabbli għas-suċċess tal-politiki fil-qasam ta' ġustizzja, sigurtà u libertà, rispettata u appoġġata bis-sħiħ mill-Istati Membri. Hija tappoġġa b'mod proattiv il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' infurzar tal-liġi responsabbli mis-sigurtà interna fil-livell tal-UE. Fl-operazzjonijiet tagħha, l-Aġenzija tirrispetta d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u l-ogħla standards ta' sigurtà u protezzjoni tad-dejta. Fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE ta' Sigurtà Interna l-Aġenzija tiffoka l-attivitajiet operattivi tagħha wkoll fuq kontribut proattiv ta' sigurtà u moviment liberu tal-persuni ġewwa u lejn iż-Żona Schengen, filwaqt li timmira l-kriminalità organizzata fil-fruntieri esterni.

***Il-missjoni tal-Aġenzija hija implimentata permezz tal-viżjoni għall-organizzazzjoni li tinkludi:***

- ***Il-forniment ta' servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti***
- ***Il-kisba ta' fiduċja, filwaqt li jiġu allinjati b'mod kontinwu l-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-Istati Membri***
- ***It-tkabbir bħala Ċentru ta' eċċellenza***

## 2.3. Valuri u prinċipji ta' implimentazzjoni ta' gwida

Is-suċċess tal-Aġenzija huwa bbażat fuq il-valuri ewlenin tagħha li jmexxu l-attivitajiet operattivi u l-iżvilupp strateġiku tal-organizzazzjoni. Dawn il-valuri huma:

- ***L-integrità***, l-iżgurar li l-Aġenzija ser tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenza, l-għarfien u l-investimenti magħmula mill-Istati Membri u ser tkompli tiżviluppahom
- ***Ir-responsabilità***, it-tnedija ta' qafas ta' governanza sod, operazzjonijiet kosteffiċjenti u ġestjoni finanzjarja soda
- ***It-trasparenza***, il-provvediment ta' komunikazzjoni regolari u miftuħa lill-partijiet interessati ewlenin tal-Aġenzija u li dawn jiġu impenjati fi djalogu kontinwu biex tiġi definita strateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija
- ***L-eċċellenza***, permezz tal-istruttura organizzazzjonali t-tajba, il-persuni t-tajba u l-proċessi t-tajba fis-seħħ biex jiġu żgurati kontinwità fis-servizz u komprensività funzjonali tal-għodod ipprovduti lill-Istati Membri
- ***Il-ħidma f'tim***, tingħata s-setgħa lil kull membru individwali ta' tim biex jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, biex jikkontribwixxi għas-suċċess komuni

Dawn il-valuri huma riflessi fil-prinċipji ta' implimentazzjoni ta' gwida għal dan il-Programm ta' Ħidma. Il-prinċipji huma:

- L-Aġenzija tirrikonoxxi l-persuni bħala l-ikbar assi tagħha u tfittex b'mod kostanti li tattira, iżżomm u tiżviluppa professjonisti bi kwalifiki għoljin li

jikkondividu l-istess valuri tal-Aġenzija u li ser ikunu mmotivati u impenjati biex jilħqu l-missjoni u l-għanijiet tagħha

- L-Aġenzija tibni s-suċċess tagħha permezz ta' impenn effettiv u miftuħ tal-partijiet interessati mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet komuni
- L-Aġenzija tibni u żżomm kredibilità mas-sħab u l-partijiet interessati tagħha fl-UE permezz tas-suċċessi u l-kapaċitajiet professjonali tat-tim tagħha
- L-Aġenzija ser tistinka biex tippromwovi eċċellenza operattiva permezz tal-forniment ta' servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja lill-Istati Membri, li huwa allinjat mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom. L-ogħla standards ta' protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà ser jiddaħħlu fl-operazzjonijiet sabiex tiġi promossa fiduċja reċiproka
- L-Aġenzija ser tapplika prinċipji ta' governanza tajba u kosteffettività biex tmexxi l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha. Barra minn hekk, l-Aġenzija ser tiżgura konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-dejta applikabbli għas-sistemi amministrati minnha.

## 2.4. Kuntest tal-politika u ħarsa ġenerali lejn l-istrateġija

It-twaqqif ta' din l-Aġenzija diġà kien previst fl-istrumenti leġiżlattivi għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) adottati fl-2006-2007 u r-Regolament dwar il-VIS adottat fl-2008. F'Dikjarazzjonijiet Konġunti tat-tliet istituzzjonijiet dwar il-ġestjoni fit-tul ta' dawn is-sistemi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta minnufih il-proposti meħtieġa u impenjaw ruħhom li jadottawhom fil-ħin biex l-Aġenzija tkun tista' tibda bl-attivitajiet tagħha bis-sħiħ sal-2012. Dawn l-impenji politiċi ġew rispettati.

Il-ħolqien tal-Aġenzija seħħ fil-kuntest politiku tal-Programm ta' Stokkolma u l-pjan ta' azzjoni li jimplimenta dan il-Programm, li jistabbilixxu l-qafas għar-rispons tal-UE għall-isfidi l-kbar f'dan il-qasam ta' politika u jfasslu għadd ta' żviluppi ewlenin fil-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà tul il-perjodu li ġej.

Barra minn hekk, l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna (ISS) adottata fi Frar 2010 tidentifika "[i]t-tisħiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni tal-fruntieri" bħala wieħed mill-ħames għanijiet strateġiċi fejn l-UE tista' ġġib valur miżjud reali tul l-erba' snin li jmiss.

Għadd ta' żviluppi ekonomiċi, politiċi u teknoloġiċi ser iħallu impatt importanti fuq l-istrateġija fuq perjodu medju u fit-tul tal-Aġenzija u l-mod li bih dawn jiġu ttrasformati f'għanijiet operattivi għall-2014.

Iż-"Żmien ta' Awsterità" attwali fl-Ewropa diġà ġab miegħu tnaqqis notevoli fil-baġit fil-livell tal-Istati Membri u appella għal responsabilità u effiċjenza ikbar fost l-oqsma kollha ta' politika. Din is-sitwazzjoni aktarx li ser tkompli sew fuq perjodu medju, b'limitazzjonijiet serji u skrutinju ikbar fuq investimenti ġodda fit-teknoloġiji tal-informazzjoni, kemm fil-livell tal-Unjoni Ewropea kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. Għaldaqstant, ser tkun sfida importanti li jintwerew lill-partijiet interessati u s-soċjetà ġenerali dawk il-benefiċċji tal-investimenti u l-infiq li saru mill-Aġenzija, biex tiġi prodotta evidenza ċara tal-valur miżjud, il-kosteffettività, il-ġestjoni finanzjarja soda tagħha u l-potenzjal li għandha biex tiffranka l-ispejjeż għall-Istati Membri permezz

tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-introduzzjoni ta' proċessi iktar effiċjenti għas-sistemi amministrati minnha.

Għadd ta' fenomeni politiċi u soċjali ser ikomplu jħallu impatt fuq l-ambjent tas-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija. L-iżviluppi politiċi fil-pajjiżi terzi ġirien tul l-aħħar sena, b'mod partikolari l-instabilità f'ċerti pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani, wasslu għal influssi ta' massa ta' persuni fil-fruntieri tan-nofsinhar tal-UE u, b'mod iktar ġenerali, xejriet u sfidi ġodda fil-flussi migratorji lejn l-Unjoni. Dawn l-iżviluppi żiedu b'mod notevoli l-viżibilità ta' kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri esterni, u xeħtu dawl fuq l-importanza li jkun hemm sistemi effettivi għall-kontroll tal-fruntieri, iż-żamma tas-sigurtà, il-ġestjoni effettiva tal-applikazzjonijiet għal asil u l-implimentazzjoni ta' proċessi għall-ħruġ ta' viżi.

Għaldaqstant, is-sistemi amministrati mill-Aġenzija ser ikunu viżibbilment ċari u taħt skrutinju mill-qrib.

Meta nħarsu iktar 'il quddiem, l-Aġenzija għandha tkompli tassisti lill-Istati Membri attwali bit-tħejjijiet tagħhom biex ikunu teknikament lesti għall-integrazzjoni fis-SIS II u l-VIS kif meħtieġ. L-integrazzjoni proprja ta' kwalunkwe Stat Membru f'dawn is-sistemi tista' sseħħ biss ladarba jiġu solvuti l-kwistjonijiet politiċi pendenti marbutin mal-applikazzjoni tiegħu tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen. Huwa previst li għadd ta' Stati Membri oħrajn ser jeħtieġu wkoll assistenza fi kwistjonijiet tekniċi marbutin mal-integrazzjoni tagħhom fil-ġejjieni fis-SIS II.

Il-qafas kumpless tas-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija, kemm f'termini tan-numru ta' partijiet interessati kif ukoll il-ġeometrija varjabbli[7] fejn ċerti Stati Membri mhux ser ikunu jistgħu jivvotaw fil-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw ċerti sistemi, jeħtieġu strutturi ta' governanza kumplessi u funzjonalment effettivi. Dan il-punt japplika b'mod partikolari għar-Renju Unit u l-Irlanda, li aktarx ser jintegraw ruħhom fis-SIS II u l-VIS mill-2014 'il quddiem L-Aġenzija trid tkompli tikkonsolida l-organizzazzjoni u t-timijiet tagħha u turi l-ħila tagħha li taqdi l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni sħiħa l-interessi u l-prijoritajiet tal-UE.

L-iskala u l-kumplessità tas-sistemi tal-IT f'dan il-qasam ta' politika jimponu wkoll sfidi tekniċi enormi. Il-partijiet interessati jistennew ukoll soluzzjonijiet tal-ogħla żvilupp f'termini ta' funzjonalitajiet, żmien għar-rispons u l-kontinwità tal-operazzjonijiet. Il-ħeffa tal-bidla teknoloġika fis-settur tal-IT hija kemm sfida kif ukoll opportunità. L-Aġenzija ser tilqa' dan b'mod proattiv billi tikkonsolida l-proċeduri, l-istrutturi u l-proċessi ta' governanza tagħha biex tkun tista' tapplika b'mod effettiv teknoloġiji

---

[7] L-oqfsa legali ta' SIS II, VIS u EURODAC huma kkaratterizzati minn ġeometrija varjabbli, terminu użat biex jenfasizza l-fatt li ċerti Stati Membri jew ma jipparteċipaw xejn f'waħda jew bosta mis-sistemi, jew jipparteċipaw b'mod parzjali biss. Pereżempju, l-Irlanda u r-Renju Unit jipparteċipaw fl-EURODAC iżda huma involuti biss fis-SIS II għal aspetti li kienu jaqgħu taħt it-tielet pilastru, mhux għal aspetti ta' moviment liberu. Dawn iż-żewġ Stati Membri ma jipparteċipawx fil-VIS. Min-naħa l-oħra, id-Danimarka hija involuta fl-istrumenti tas-SIS II u l-VIS li kienu jaqgħu taħt l-ewwel pilastru skont il-liġi internazzjonali u fl-EURODAC skont ftehim internazzjonali. Għadd ta' pajjiżi mhux tal-UE, jiġifieri l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein huma assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u għaldaqstant jipparteċipaw kemm fis-SIS II kif ukoll fil-VIS. Huma assoċjati wkoll mal-implimentazzjoni ta' miżuri marbutin mal-EURODAC u jipparteċipaw fl-EURODAC.

innovattivi biex tappoġġa n-negozji u l-ħtiġijiet tal-utenti u żżid l-effiċjenza tal-proċeduri amministrattivi tagħha stess. Uħud mill-eżempji tal-oqsma li jridu jiġu eżaminati huma l-bijometrika u l-avvanzi teknoloġiċi li ser itejbu l-prestazzjoni, l-affidabilità u l-flessibilità tas-sistemi.

Kif ġie spjegat f'iktar dettall fil-punt t'hawn taħt, l-Aġenzija aktarx li tkun fdata bl-iżvilupp u l-ġestoni ta' sistemi tal-IT ġodda, b'mod partikolari, il-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati u s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, li għalihom fl-2013 kellhom suppost jiġu adottati strumenti legali. Sistemi oħrajn lil hinn mill-qasam ta' ġestjoni tal-fruntieri, bħal għodod għall-iskambju ta' dejta għall-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, jistgħu eventwalment isiru wkoll ir-responsabilità tal-Aġenzija fuq perjodu medju.

Tajjeb li meta nħarsu 'l quddiem, inżommu f'rasna l-imgħoddi. Spiss hemm idea negattiva dwar proġetti tal-IT ġestiti mis-settur pubbliku kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali, minħabba għadd ta' każijiet ferm viżibbli ta' dewmien kbir u/jew infiq ikbar milli ppjanat sinifikanti/katastrofiku li seħħew fl-imgħoddi reċenti. L-Aġenzija trid tibni fuq dawn l-esperjenzi u t-tagħlimiet fi proġetti tal-IT kbar oħrajn u tiżgura governanza riġida, ippjanar rigoruż, u monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-proġetti li hija responsabbli minnhom flimkien ma' proċeduri ta' akkwisti effiċjenti.

Sfida waħda li spiss titfaċċa fi proġetti bħal dawn hija l-kisba tal-bilanċ it-tajjeb bejn il-flessibilità u l-limiti rilevanti taż-żmien u dawk baġitarji. F'qasam ta' politika bħal-libertà, il-ġustizzja u s-sigurtà, il-partijiet interessati f'sistemi tal-IT kbar jistennew grad għoli ta' flessibilità dwar ir-rekwiżiti u s-soluzzjonijiet tekniċi magħżula għal proġetti li għaddejjin, sabiex jieħdu f'kunsiderazzjoni kemm it-talbiet tal-politiki f'evoluzzjoni kostanti kif ukoll l-aħħar żviluppi teknoloġiċi, standards tas-sigurtà u salvagwardji dejjem ikbar għall-protezzjoni tad-dejta. Dan huwa l-każ b'mod partikolari meta jseħħu avvenimenti ferm viżibbli bħal attakki terroristiċi jew influssi ta' migrazzjoni tal-massa, li spiss jirriżultaw fl-introduzzjoni mgħaġġla ta' miżuri ta' politika ġodda bħala ġlieda għat-tali fenomeni (*inter alia* billi titħaffef il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli). Sfida importanti għall-Aġenzija ser tkun sabiex turi l-livell meħtieġ ta' flessibilità għall-iżvilupp u l-adattament tas-sistemi li hija responsabbli minnhom, filwaqt li tibqa' kosteffettiva u tnaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq iż-żmien.

Il-partijiet interessati diġà għandom għadd ta' aspettattivi identifikati b'mod ċar għal titjib fil-ġejjieni fis-sistemi tal-IT li huma ġestiti mill-Aġenzija. Pereżempju, kompitu ewlieni għall-Aġenzija fl-2014 ser ikun li tiżgura implimentazzjoni fil-ħin tar-Regolament imfassal mill-ġdid dwar l-EURODAC.

Anki l-protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà tad-dejta ser ikunu fil-qalba tal-prijoritajiet tal-Aġenzija. L-Aġenzija hija meħtieġa tiżgura rispett strett tad-dispożizzjonijiet kollha ta' protezzjoni tad-dejta u tas-sigurtà li japplikaw għas-sistemi tal-IT li tiġġestixxi u ser tkun soġġetta wkoll għal awditjar regolari f'dawn l-oqsma speċifiċi.

Sa mill-bidu tal-2014 l-Aġenzija hija mistennija li tkun stabbilixxiet il-mudell bażiku operattiv tagħha marbut mal-ġestjoni operattiva tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC, filwaqt li tiżgura li jaħdmu bla waqfien 24/7 u tiżviluppa ulterjorment dan il-mudell matul is-sena.

## 2.5. Għanijiet strateġiċi ta' nofs il-perjodu tal-Aġenzija

L-għanijiet strateġiċi għall-Aġenzija għall-perjodu 2014-2020 u lil hinn huma deskritti hawn taħt. Dawn jirriflettu l-kuntest ta' politika spjegat fil-kapitolu preċedenti u l-prijoritajiet tal-Aġenzija kif definit fid-djalogu mal-Istati Membri. L-għanijiet strateġiċi huma soġġetti għal analiżi u evoluzzjoni regolari kif meħtieġ.

### 2.5.1. Għan Strateġiku 1: It-twettiq tal-kompiti ewlenin tal-Aġenzija

**L-Aġenzija ser tiżviluppa ulterjorment il-mudell operattiv tagħha sabiex iżżomm l-operazzjonijiet tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC stabbli u kontinwi, filwaqt li tiżgura t-twettiq tal-kompiti marbutin mat-temma tal-ħidma u l-evoluzzjoni li għaddejjin ta' dawn is-sistemi. Barra minn hekk, l-Aġenzija ser tieħu responsabilitajiet addizzjonali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda kif jiddettaw l-istrumenti legali xierqa kif ukoll ser tappoġġa b'mod proattiv lill-Istati Membri matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-użu tas-sistemi taħt il-kontroll tal-Aġenzija.**

L-Aġenzija ser tkompli tkun responsabbli mill-ġestjoni operattiva tal-VIS, is-SIS II u l-EURODAC fl-2014. Ir-responsabilitajiet tagħha ser jinkludu l-kompiti kollha meħtieġa biex iżżomm is-sistemi jiffunzjonaw 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa f'konformità mal-qafas legali tagħhom u r-Regolament Bażiku tal-Aġenzija. Komponent ewlieni ta' dawn l-attivitajiet ser ikun ix-xogħol ta' manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa biex jiġi żgurat li s-sistemi jiffunzjonaw fil-livell sodisfaċenti ta' kwalità operattiva u li jkunu allinjati mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri. L-Aġenzija ser tipprovdi wkoll assistenza lill-Istati Membri attwali biex ikunu teknikament lesti għall-integrazzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħha mas-SIS II, il-VIS jew l-EURODAC ladarba jiġu solvuti l-kwistjonijiet politiċi kollha marbutin mal-applikazzjoni tagħhom tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen.

L-Aġenzija ser twettaq ukoll il-kompiti meħtieġa biex tikseb tnedija tal-VIS u t-Tieni Fażi tal-VIS Mail jekk ma jkunux ġew konklużi fl-2013.[8]

Fir-rigward tal-EURODAC, l-Aġenzija ser tkompli timplimenta l-bidliet fis-sistema skont ir-Regolament imfassal mill-ġdid, li ġie adottat fl-2013.

L-Aġenżija tista' tingħata r-responsabilità wkoll għat-tħejjija, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ta' informazzjoni oħrajn fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jekk dan ikun stipulat bi strumenti leġiżlattivi rilevanti, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament Bażiku.

L-Aġenzija ser tħares 'il quddiem, sabiex tantiċipa l-implikazzjonijiet ġenerali tas-sistemi addizzjonali tal-IT li jista' jkollha tiżviluppa jew tieħu l-kontroll ta' u tamministra fuq perjodu medju. Ser tkun kapaċi wkoll tipprovdi kontribut kif meħtieġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' persunal, baġit u

---

[8] Ma hemm ebda dispożizzjoni legali dwar id-dewmien eżatt tat-Tnedija Reġjonali tal-VIS, hekk kif dan jiddependi mill-Istati Membri u l-veloċità li biha jiskjeraw is-sistema. Għaldaqstant, għandu jkun mifhum li d-Deċiżjoni skont l-Art. 46 ser tittieħed biss meta t-tnedija reġjonali tkun kważi lesta u mhux bilfors eżatt 22 xahar wara l-attivazzjoni tal-VIS.

infrastruttura kif ukoll dwar kapaċitajiet tat-teknoloġija biex tappoġġa l-istrumenti legali eżistenti u ġodda rispettivi. L-Aġenzija ser tiżgura wkoll li jkun hemm biżżejjed flessibilità fl-organizzazzjoni interna tagħha biex tieħu l-passi ta' implimentazzjoni inizjali malajr kemm jista' jkun wara li jiġu adottati l-bażijiet legali rilevanti.

Il-prijoritajiet immedjati fir-rigward tas-sistemi l-ġodda possibbli ser ikunu s-sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati. Madankollu, żvilupp ulterjuri f'dawn l-oqsma ser jiddependi mill-progress lejn l-adozzjoni tal-istrumenti legali rispettivi.

### 2.5.2. Għan Strateġiku 2: It-tkomplija tal-bini ta' organizzazzjoni moderna u effiċjenti

**L-Aġenzija ser tiffoka l-isforzi tagħha fuq l-iżvilupp professjonali u tal-karriera tal-persunal tagħha. Fl-istess ħin ser tkompli l-iżvilupp tal-organizzazzjoni fuq il-bażi tal-missjoni, il-viżjoni u l-valuri tal-Aġenzija. Pilastru ieħor għandu jkun l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija pluriennali tal-Aġenzija għall-2014-2020**

Kif previst fil-Pjan ta' Stabbiliment tal-Aġenzija tal-2013, fi tmien l-2013, l-Aġenzija għandu jkollha persunal komplut bin-numru totali ta' persunal ta' 120 persuna. Madankollu minħabba diffikultajiet partikolari fir-reklutaġġ tal-persunal għall-Kwartieri Ġenerali f'Tallinn, jista' jkun hemm ħtieġa li l-proċessi ta' reklutaġġ jitkomplew fl-2014. Dawk id-diffikultajiet huma l-iktar marbutin mal-korrezzjoni tal-koeffiċjent f'Tallinn applikabbli għar-rimunerazzjoni tal-persunal.

Madankollu, ma hemm ebda dispożizzjoni fil-baġit 2014 tal-Aġenzija għal persunal addizzjonali. Minħabba l-kompiti addizzjonali marbutin mal-Aġenzija fl-2014, hemm riskju ċar għal nuqqas fir-riżorsi disponibbli biex jitwettqu l-kompiti kollha ppjanati.

L-Aġenzija ser tkompli wkoll timmonitorja u tiżviluppa l-proċessi amministrattivi u kummerċjali tagħha, f'konformità mal-bidliet fil-proċeduri u r-regolamenti tal-UE.

Fl-2014 l-Aġenzija għandha l-għan ukoll li tikseb livell għoli ta' motivazzjoni u kompetenza fl-organizzazzjoni. It-taħriġ tal-persunal tal-Aġenzija ser ikun prijorità ewlenija. Biex isir l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli, il-programmi tat-taħriġ individwali ser jiġu allinjati mar-rwoli fl-organizzazzjoni u l-ħtiġijiet individwali tal-membri tal-persunal. It-taħriġ ser jingħata bl-użu ta' metodi diversi; mit-taħriġ immexxi mill-individwu għal sessjonijiet ta' "taħriġ lil min iħarreġ" u taħriġ iktar formali, bl-użu ta' sħubiji ma' aġenziji u organizzazzjonijiet esterni oħrajn għall-għoti. Għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-iżvilupp tat-tim ta' tmexxija tal-Aġenzija.

Bil-għan li titkompla l-integrazzjoni tal-organizzazzjoni, fl-2014 l-Aġenzija ser tiżviluppa attivitajiet ta' bini tat-tim kif ukoll inizjattivi interni li jipprovdu opportunitajiet għall-persunal biex jaħdem f'siti differenti.

L-Aġenzija ser timmira li tiżviluppa u timplimenta qafas ta' karrieri bbażat fuq il-mudell konsolidat tas-servizzi tal-IT tagħha. Dan ser jinkludi rwoli fl-impjieg standardizzati fit-timijiet kollha, żvilupp tal-familji tal-impjieg u l-gruppi funzjonali, analiżi regolari tal-ħtiġijiet tal-persunal u tat-taħriġ.

Element importanti ieħor tal-governanza effiċjenti fl-Aġenzija ser ikun il-kisba ta' livell għoli ta' kompetenza dwar l-akkwist u l-kwistjonijiet kuntrattwali u żvilupp ulterjuri ta'

din l-kompetenza permezz ta' taħriġ formali, skambju ta' informazzjoni u esperjenza u żamma tas-sensibilizzazzjoni tal-persunal dwar ir-regoli u l-proċeduri fis-seħħ. L-Aġenzija ser tiskambja wkoll prattiki tajba u esperjenza ma' aġenziji oħrajn u anki se timpjega servizzi konsultattivi kif meħtieġ.

Huwa previst li l-ħidma mwettqa fl-Għan Strateġiku 2 ser tiffaċilita l-allinjament tal-ħtiġijiet kummerċjali mal-kapaċitajiet tekniċi tal-Aġenzija.

### 2.5.3. Għan Strateġiku 3: It-triq biex l-Aġenzija ssir ċentru ta' eċċellenza

**L-Aġenzija għandha timmira li timplimenta oqfsa operattivi u ta' governanza komprensivi bbażati fuq l-istandards tal-industrija, dawn ser jiżguraw operazzjonijiet effiċjenti u kosteffettivi tas-sistemi billi jimmonitorjaw u jevolvu b'mod kontinwu l-proċessi operattivi, ifittxu opportunitajiet biex jottimizzaw u jtejbu l-Ispiża Totali tas-Sjieda tas-sistemi eżistenti u jibnu ulterjorment il-kapaċitajiet strateġiċi tal-Aġenzija.**

Billi tibni fuq il-pedamenti inizjali tal-mudell ta' ċentru ta' eċċellenza żviluppat fl-2013, l-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa l-governanza u l-operazzjonijiet tagħha biex tiżgura allinjament kontinwu tat-teknoloġija u l-kapaċitajiet mal-għanijiet kummerċjali u mad-domanda mill-Istati Membri. B'dak il-mod l-Aġenzija ser twassal b'mod kontinwu valur miżjud permezz tat-teknoloġija lill-Istati Membri. Dan ser jintlaħaq permezz tal-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali, definit fl-2013 għall-implimentazzjoni ta' Governanza Korporattiva tal-ICT[9]. Dan ser jinvolvi implimentazzjoni ulterjuri tal-livelli ta' maturità essenzjali tal-qafas COBIT[10] (jew qafas ta' governanza xieraq ieħor)[11] għall-governanza tal-IT fl-2014.

L-Aġenzija ser tkompli wkoll bl-attivitajiet biex tiżviluppa l-mudell operattiv tagħha. Dan ser jakkomoda l-istandards u l-aqwa prattiki fil-ġestjoni tas-servizzi tal-IT mill-

[9] Kunċett ta' ġestjoni li jfittex li jallinja l-proċess u l-organizzazzjoni ta' ppjanar strateġiku u operattiv għall-ICT mal-ippjanar strateġiku tan-negozju fl-organizzazzjoni biex b'hekk jiġi massimizzat il-valur miżjud lin-negozju mill-investimenti u l-operazzjonijiet marbutin mal-IT.

[10] Għanijiet ta' kontroll għal teknoloġija tal-informazzjoni u teknoloġija relatata (COBIT) huwa qafas maħluq mill-ISACA biex jappoġġa l-governanza tal-IT billi jiġu ddefiniti u allinjati l-għanijiet kummerċjali mal-għanijiet tal-IT u l-proċessi tal-IT. Huwa sett ta' għodod ta' appoġġ li jippermetti lill-maniġers inaqqsu d-diskrepanza bejn ir-rekwiżiti ta' kontroll, il-kwistjonijiet tekniċi u r-riskji kummerċjali. COBIT jiddefinixxi 34 proċess ġeneriku għall-ġestjoni tal-IT, flimkien mal-inputs u l-outputs tal-proċessi rispettivi tagħhom, l-attivitajiet tal-proċessi ewlenin, l-għanijiet, il-kejl tal-prestazzjoni tagħhom u mudell ta' maturità elementari.

[11] Fl-aħħar għaxar snin ġew introdotti u evoluti oqfsa ta' governanza komprensiva għall-ICT oħrajn bħall-PASS 99, il-Calder-Moir kif ukoll il-Qafas il-Ġdid ta' Governanza Konġunta (NJGF), li jgħaqqad l-aqwa elementi minn oqfsa ta' governanza komuni oħrajn. L-Aġenzija ser tagħżel il-mudell ta' governanza l-iktar adattat għall-missjoni u l-għanijiet tagħha.

ITIL/ITSM[12], filwaqt li jiffoka b'mod partikolari (iżda mhux limitat għal) fuq il-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT.

Element importanti ieħor fl-iżvilupp tal-Mudell ta' Governanza tal-Aġenzija ser ikun il-ħidma lejn l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità, bil-għan li jiġi adottat u implimentat l-istandard ISO 9001 fuq perjodu medju u twil.

Element ewlieni li qiegħed jiġi żviluppat fil-mudell ta' governanza tal-Aġenzija ser ikun manutenzjoni u żvilupp ulterjuri tal-istandards tal-kontroll intern, f'konformità mal-istandards eżistenti u l-prattiki tajbin tal-Kummissjoni Ewropea u l-Governanza Korporattiva fis-settur pubbliku. Dawn l-istandards ser jippermettu lill-Aġenzija tiżgura b'mod kontinwu li:

- L-attivitajiet operattivi jkunu effettivi u effiċjenti
- Ikun hemm konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali u regolatorji
- Ir-rapportar finanzjarju u rapportar ieħor dwar il-ġestjoni jkunu preċiżi u fil-ħin
- L-assi u l-informazzjoni jkunu salvagwardati

Ser ikun importanti wkoll għall-Aġenzija li tgħaqqad l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u li tali żviluppi jkunu riflessi fl-operazzjonijiet u l-evoluzzjoni tas-sistemi ġestiti. Dan ser jinkiseb permezz ta' konsolidazzjoni tal-organizzazzjoni, ir-riżorsi umani u l-proċessi tal-ġestjoni interna tal-Aġenzija biex tieħu f'kunsiderazzjoni r-riżultati tal-"osservazzjoni tat-teknoloġija" tal-Aġenzija u l-monitoraġġ strutturat ta' żviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi ġodda u futuri. L-Aġenzija ser tipparteċipa b'mod attiv ukoll fl-attivitajiet ta' netwerking u kondiviżjoni ta' kompetenzi ma' aġenziji u sħab esperti oħrajn kif ukoll tistabbilixxi sħubiji privati-pubbliċi fejn xieraq.

Il-fattur ewlieni tad-deċiżjonijiet għall-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda ser ikun it-titjib ulterjuri tal-kosteffiċjenza tal-operazzjonijiet u t-titjib tal-kapaċitajiet tas-sistemi u s-servizzi pprovduti. Biex tivvaluta u timplimenta teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda, l-Aġenzija ser tikkoopera mill-qrib mal-partijiet interessati tagħha b'mod partikolari mal-Gruppi Konsultattivi rispettivi kkonċernati

L-għarfien huwa wieħed mill-iktar assi importanti tal-Aġenzija. L-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tagħha flimkien mal-kondiviżjoni ta' esperjenzi u prattiki tajbin fl-organizzazzjoni ser tkun fattur importanti ta' effiċjenza. Bil-proċessi xierqa tal-ġestjoni tal-għarfien fis-seħħ, l-Aġenzija ser tkun tista' ddaħħal ir-riżultati tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-proċess u l-operazzjonijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet, inklużi d-definizzjonijiet tar-rekwiżiti, l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tal-akkwist/tal-offerti. Minħabba l-għamla tas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija u ż-żmien għall-implimentazzjoni tal-bidliet, l-iktar minħabba formalitajiet tal-baġit u tal-akkwist, aktarx li l-impatt l-iktar importanti fuq l-utenti aħħarin ser iseħħ fuq perjodu medju u, b'mod partikolari, għall-ewwel ġenerazzjoni tas-sistemi li għandhom jiġu żviluppati mill-Aġenzija.

---

[12] ITIL huwa sett ta' prattiki għall-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM) li jiffoka fuq l-allinjament tas-servizzi tal-IT mal-ħtiġijiet tan-negozju. Fl-għamla attwali tiegħu (ITILv3 / ITIL 2011 edition), jikkonsisti f'ħames pubblikazzjonijiet ewlenin, b'kull waħda minnhom tkopri stadju taċ-ċiklu tal-ħajja ta' ITSM. ITILv3 jissottolinja l-ISO/IEC 20000, l-Istandard Internazzjonali għall-Ġestjoni tas-Servizzi għall-ġestjoni tas-servizzi tal-IT, għad li jeżistu differenzi bejn iż-żewġ oqfsa.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(1)h, tar-Regolament Bażiku, il-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija għandu jadotta programm ta' ħidma pluriennali[13] fuq il-bażi ta' abbozz ippreżentat mid-Direttur Eżekuttiv u wara konsultazzjoni mal-Gruppi Konsultattivi. Filwaqt li jinbena fuq l-iżviluppi fl-2013, l-attivitajiet marbutin mal-iżvilupp, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma pluriennali 2014-2020 għandhom jitkomplew fl-2014.

#### 2.5.4. Għan Strateġiku 4: Twaqqif u żvilupp ta' relazzjonijiet mas-sħab

**L-Aġenzija għandha tiżviluppa ulterjorment sħubiji interni u esterni kif ukoll il-komunikazzjonijiet interni u esterni tagħha mal-partijiet interessati tagħha. .**

Fl-2014 l-Aġenzija ser tkompli tikkoopera ma' aġenziji oħrajn fil-qasam ta' politika ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-kooperazzjoni ser tkun ibbażata fuq Memoranda ta' Fehim, li l-għan tiegħu ser ikun li l-Aġenzija (a) titgħallem mill-esperjenza tal-imgħoddi tal-aġenziji l-oħrajn; (b) tiskambja esperjenzi u prattika tajba kemm fl-operazzjonijiet kif ukoll fil-governanza; u (c) tiżviluppa inizjattivi, proċeduri u proġetti ta' interess komuni.

Il-prinċipji ewlenin ta' gwida tas-sħubija ma' aġenziji oħrajn ser ikunu (a) il-valur miżjud lill-Istati Membri; (b) il-benefiċċji reċiproċi; u (c) il-kumplimentarjetà.

Attivitajiet partikolari marbutin mal-kooperazzjoni ma' aġenziji individwali ser ikunu riflessi fi pjan ta' azzjoni annwali. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni għandhom jiġu organizzati f'konformità mal-Istrateġija ta' Komunikazzjoni tal-Aġenzija.

Il-komunikazzjoni interna ser tkun waħda mill-għodod ewlenin għall-iżvilupp u l-integrazzjoni ulterjuri tal-organizzazzjoni. Din ser tuża kanali u metodi differenti ta' forniment u ser tinkludi azzjonijiet li jiżguraw li dawk il-missjonijiet, il-viżjonijiet u l-valuri korporattivi kif ukoll l-istinkar biex tintlaħaq eċċellenza teknika u organizzattiva bl-iktar mod kosteffettiv ikunu ankrati sew fil-kultura organizzattiva.

L-attivitajiet tal-komunikazzjoni esterna tal-Aġenzija ser jimmiraw li juru li l-Aġenzija qiegħda tipprovdi valur miżjud lill-Istati Membri permezz tas-sistemi u s-servizzi li tipprovdi. L-Aġenzija ser torganizza attivitajiet ta' komunikazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess fl-oqsma fi ħdan il-kompiti tagħha, bl-użu tal-kanali ta' komunikazzjoni tagħha stess kif ukoll billi tikkontribwixxi għall-attivitajiet u l-inizjattivi ta' komunikazzjoni usa' ta' korpi oħrajn. Fl-istess ħin, l-Aġenzija għandha tikkonforma mal-kompiti legali tagħha dwar il-pubblikazzjoni ta' ċerti tipi ta' informazzjoni, inklużi listi ta' awtoritajiet nazzjonali li għandhom id-dritt li jaċċessaw jew jużaw dejta fis-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija u kwalunkwe aġġornament fit-tali listi.

[13] Għalkemm mhux imsemmi b'mod espliċitu fir-Regolament Bażiku, fl-2013 l-Aġenzija ser tiżviluppa l-istrateġija fit-tul tagħha għall-perjodu 2014-2020. Il-programm ta' ħidma pluriennali ser ikun ibbażat fuq l-Istrateġija għall-Aġenzija diskussa u adottata mill-Bord ta' Tmexxija.

L-Aġenzija ser timmira li tiżviluppa sħubiji ta' ħidma tajbin mas-settur privat u tiffaċilita l-ilħuq ta' xi għanijiet strateġiċi tal-organizzazzjoni marbutin mal-eċċellenza operattiva u r-riċerka u l-iżvilupp b'mod partikolari.

L-Aġenzija għandha tkompli tappoġġa l-ħidma tal-Bord ta' Tmexxija tagħha u l-Gruppi Konsultattivi matul is-sena kif meħtieġ.

## 2.6. Għanijiet operattivi ewlenin

Din it-taqsima tiddeskrivi l-għanijiet operattivi ewlenin tal-Aġenzija fl-2014. L-għanijiet operattivi speċifiċi fit-taqsima 2.10 jidħlu f'iktar dettall billi jiddefinixxu kompiti speċifiċi u rabta ċara mal-prodotti finali u r-riżultati mistennija, u jkopru wkoll għadd ta' kompiti amministrattivi li jistgħu ma jkunux koperti hawn taħt.

L-indikaturi tal-prestazzjoni għall-biċċa l-kbira ta' dawn l-għanijiet speċifiċi, b'mod partikolari dawk marbutin mal-ġestjoni tas-sistemi, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni jew is-sigurtà, huma pprovduti direttament fit-taqsima 2.10. Dan japplika b'mod partikolari għal kompiti amministrattivi, ta' servizzi korporattivi u ta' koordinazzjoni.

Il-Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz (FLS) bejn l-Aġenzja u l-Istati Membri għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sigurtà, ladarba approvati mill-Bord ta' Tmexxija fl-2013, ser jiġu mmonitorjati u żviluppati b'mod regolari sabiex jissodisfaw fi kwalunkwe żmien matul is-sena l-ħtiġijiet tal-Istati Membri. L-Indikaturi tal-Prestazzjoni Ewlenin iddefiniti fl-FLS ser ikunu soġġetti għal analiżi regolari biex tiġi żgurata konformità mal-livelli ta' servizz u mar-rekwiżiti[14]. L-eu-LISA ser tinforma lill-Grupp Konsultattiv rilevanti dwar it-twettiq fil-konfront tal-FLS maqbula.

Il-prijorità ewlenija għall-Aġenzija fl-2014 ser tkun l-iżvilupp ulterjuri tal-mudelli operattivi u ta' governanza tal-Aġenzija, biex jiġu żgurati operazzjonijiet kosteffettivi.

Peress li l-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija jeħtieġu livelli ta' servizz stabbli u konsistenti kif ukoll riżultati partikolari li għandhom jinkisbu, fl-2014 il-prijoritajiet f'dan il-programm ġew stabbiliti wara djalogu estensiv magħhom. Il-Gruppi Konsultattivi u l-Istati Membri ġew ikkonsultati dwar il-Programm ta' Ħidma 2014, fejn id-dokument ġie analizzat ulterjorment u ġew ipprovduti diskussjoni u emendi ssuġġeriti qabel l-adozzjoni mill-Bord ta' Tmexxija fil-laqgħa tiegħu f'Marzu 2013. Barra minn hekk, l-opinjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija ttieħdu f'kunsiderazzjoni fl-istabbiliment tal-prijoritajiet fil-Programm ta' Ħidma 2014. Għaldaqstant, il-portafoll tal-prodotti finali u s-servizzi spjegati f'dan il-Programm ta' Ħidma jipprovdi bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, l-eżitu tal-eżerċizzju inizjali ta' analiżi tar-riskji u l-ħtieġa li jiġu rispettati r-rekwiżiti fundamentali stabbiliti fir-Regolament Bażiku għall-Aġenzija u l-bażijiet legali għas-sistemi li għandha topera taħthom.

*L-għan ta' integrazzjoni ta' Stati Membri ġodda jew eżistenti huwa kopert għal kull sistema individwali fil-punt 2.10.2.*

---

[14] Fir-rigward tal-VIS u l-EURODAC, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sigurtà, l-Aġenzija ser ikollha żżomm tal-inqas il-livell ta' servizz li kien hemm fis-seħħ qabel l-1.12.2012. Dan ser jiggarantixxi wkoll livell ta' servizz ekwivalenti għas-SIS II.

### 2.6.1. Għanijiet operattivi fl-Għan Strateġiku 1

#### 2.6.1.1. Ġestjoni Operattiva tas-sistemi

Għalkemm il-ġestjoni operattiva tas-sistemi qiegħda tiġi analizzata separatament, fit-taqsimiet t'hawn taħt f'iktar dettall, ta' min jinnota hawnhekk li l-Aġenzija ser topera mudell ta' servizz unifikat għas-sistemi kollha bħala wieħed mill-fatturi ewlenin għall-kostefficjenza u l-kontinwità tal-operazzjonijiet. L-Aġenzija ser issegwi l-pjan direzzjonali tal-implimentazzjoni tal-ITIL/ITSM imfassal fl-2013 fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-mudell operattiv tagħha.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ser tniedi attivitajiet ulterjuri biex tomoġenizza l-ambjent taċ-ċentru tad-dejta, tnaqqas il-kumplessità u tissemplifika l-ġestjoni operattiva, b'hekk ittejjeb id-disponibilità, l-affidabilità u l-prestazzjoni u tipprovdi sodisfazzjon ġenerali lill-utent finali. Għal dan l-għan l-Aġenzija timmira li:

- Tieħu perspettiva olistika u operattiva tul l-ambjenti taċ-ċentri tad-dejta kollha tagħha biex tipprovdi servizzi affidabbli;
- Tissimplifika u tawtomatizza kemm jista' jkun possibbli proċessi kkombinati mal-ġestjoni ċentralizzata biex tiżdied l-effiċjenza operattiva; u
- Tipprovdi kapaċitajiet flessibbli u aġli tal-IT biex tlaqqa' l-kapaċità tal-IT mad-domandi kummerċjali.

Billi żżomm l-ogħla livell ta' sigurtà, sikurezza u affidabilità, l-Aġenzija ser tiżgura separazzjoni kompleta tad-dejta fit-tliet sistemi attwalment amministrati minnha u tiżgura li r-rekwiżiti rigorużi tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-dejta huma ssodisfati bis-sħiħ u b'mod kostanti.

##### 2.6.1.1.1. SIS II

**Fl-2014 s-SIS II ser tkun fl-istadju bikri tal-operazzjonijiet tagħha u għaldaqstant ser teħtieġ sforz sinifikanti għall-monitoraġġ, il-ġestjoni operattiva u s-soluzzjoni ta' inċidenti. L-Aġenzija ser twettaq l-attivitajiet kollha meħtieġa biex tiġi żgurata stabilità u kontinwità tal-operazzjonijiet tas-SIS II Dawn ser jinkludu (iżda jistgħu ma jkunux limitati għal) il-ġestjoni operattiva tas-sistema, is-soluzzjoni tal-inċidenti, l-appoġġ lill-Istati Membri bl-użu tas-sistema, is-sorveljanza tal-ħidma mwettqa mill-kuntrattur magħżul skont il-kuntratt ta' manutenzjoni u l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp tat-teknoloġija marbutin ma' din is-sistema.**

Minn Mejju 2013 meta s-SIS II bdiet topera, l-Aġenzija issa hija responsabbli mill-ġestjoni operattiva tas-SIS II Ċentrali, billi tieħu ħadet f'idejha l-kompiti mogħtija lill-Awtorità ta' Tmexxija mir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

Fl-2014, l-Aġenzija ser tkompli twettaq il-kompiti kollha meħtieġa biex is-SIS II Ċentrali tibqa' taħdem 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa skont l-istrumenti legali msemmija hawn fuq, b'mod partikolari l-manutenzjoni tas-sistema, is-soluzzjoni tal-inċidenti u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-tħaddim bla xkiel tas-sistema.

L-Aġenzija ser tavvanza lejn implimentazzjoni sħiħa tal-mudell ta' Servizz 2013 biex tiżgura li d-disponibilità tas-sistema tibqa' għolja. B'mod partikolari, l-Aġenzija ser tiffoka l-isforzi tagħha fl-oqsma li ġejjin:

- Operazzjonijiet tas-Servizz tas-SIS II, biex tiżgura twettiq bla xkiel tal-proċessi ewlenin għall-ġestjoni tal-inċidenti, il-ġestjoni tal-problemi u l-ġestjoni tal-avvenimenti
- Evoluzzjoni tal-proċessi ta' Transizzjoni tas-Servizz tas-SIS II, inklużi l-Ġestjoni tal-Bidla u l-Ġestjoni tar-Rilaxx u tat-Tnedija u l-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni.

L-Aġenzija ser tiżgura wkoll li proċessi xierqa ta' ġestjoni tal-FLS u ta' ġestjoni tad-Disponibilità jiġu implimentati u segwiti.

L-Aġenzija ser tipprovdi wkoll assistenza lill-Istati Membri eżistenti u ġodda sabiex dawn ikunu teknikament lesti għall-integrazzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom mas-SIS II kif meħtieġ. L-integrazzjoni proprja ta' kull pajjiż individwali tista' tibda biss ladarba jiġu solvuti l-kwistjonijiet politiċi pendenti marbutin mal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen. Il-kandidati potenzjali għal assistenza teknika huma Ċipru, l-Irlanda, ir-Renju Unit u l-Kroazja li huma mistennija jibdew jużaw is-SIS II minn matul l-2014 'il quddiem.

Fl-2014, l-Aġenzija għandha tiżgura l-implimentazzjoni bla xkiel tal-ħidma skont il-kuntratt ta' manutenzjoni għas-SIS II u b'mod speċjali li l-kuntrattur iwettaq ix-xogħol fi żmien id-dati ta' skadenza maqbula u skont ir-rekwiżiti tal-kwalità mitluba.

Fl-2014 l-Aġenzija ser tkompli tipprovdi lill-Istati Membri programmi speċifiċi ta' taħriġ tekniku u servizzi ta' ġestjoni tal-programm/proġett kif meħtieġ.

Qasam ta' prijorità li għandu jiġi eżaminat, bil-ħsieb li jsir titjib teknoloġiku fil-ġejjieni fis-SIS II, ser ikun il-bijometrika. Fil-bidu, ir-ritratti u l-marki tas-swaba ser jintużaw biss biex jikkonfermaw l-identità ta' persuna li tkun instabet permezz ta' tfittxija alfanumerika li saret fis-SIS II. Madankollu, l-istrumenti legali fis-SIS II jispeċifikaw ukoll li, hekk kif dan isir teknikament possibbli, il-marki tas-swaba jistgħu jintużaw ukoll biex tiġi identifikata t-tali persuna fuq il-bażi tal-identifikatur bijometriku tagħha[15]. Il-Kummissjoni hija meħtieġa mill-bażijiet legali li tippreżenta rapport dwar din il-kwistjoni. L-Aġenzija lesta tagħti s-sehem tagħha f'dan ir-rapport jekk meħtieġ.

*Ara wkoll l-għan operattiv speċifiku DEV2. L-obbligi ta' rapportar għas-SIS II huma koperti fl-għan OPI 6.1 fit-taqsima 2.6.6, l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp huma koperti fl-objettiv GC2 u t-taħriġ tal-persunal ta' NS.SIS u SIRENE huwa kopert fil-punt 2.10.4, għanijiet u għanijiet speċifiċi GC8 u 9.*

[15] L-Artikolu 22 b) u c) tar-Regolament u d-Deċiżjoni dwar is-SIS II. Qabel ma din il-funzjonalità tiġi implimentata fis-SIS II, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar id-disponibilità u t-tlestija tat-teknoloġija meħtieġa li dwarha għandu jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew.

#### 2.6.1.1.2. VIS

**Fl-2014 l-Aġenzija ser tkun responsabbli mill-ġestjoni operattiva tal-VIS/BMS, bl-iżgurar ta' stabilità u kontinwità tal-operazzjonijiet. Ser tkun responsabbli wkoll mill-iżgurar tal-kapaċitajiet tekniċi tas-sistema għall-appoġġ tal-operazzjonijiet fid-dinja kollha. L-Aġenzija ser tissorvelja u timmonitorja wkoll il-ħidma skont il-kuntratt għall-manutenzjoni teknika tal-VIS u ser tkun responsabbli mill-evoluzzjoni teknika ta' dan il-kuntratt biex tiġi aġġornata l-VIS. L-Aġenzija ser tiżgura wkoll it-tlestija tal-attivitajiet biex il-VIS MAIL 2 issir operattiva u jiġu integrati Stati Membri ġodda.**

L-Aġenzija ser tkun responsabbli mill-ġestjoni operattiva tal-VIS. Dan ser jinkludi l-kompiti kollha meħtieġa biex il-VIS tibqa' taħdem 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa skont ir-Regolament rilevanti. Komponent ewlieni ta' dawn l-attivitajiet ser ikun ix-xogħol ta' manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa biex jiġi żgurat li s-sistema tiffunzjona f'livell sodisfaċenti ta' kwalità operattiva, b'mod partikolari fir-rigward taż-żmien meħtieġ għal interrogazzjoni tad-database ċentrali minn karigi konsulari, li għandu jkun qasir kemm jista' jkun.

L-Aġenzija ser tevolvi ulterjorment il-mudell ta' servizz tagħha biex tiżgura li dan ikun allinjat f'kull ħin mar-rekwiżiti għal disponibilità għolja tas-sistema. B'mod partikolari, l-Aġenzija ser tiffoka l-isforzi tagħha fl-oqsma li ġejjin:

- Proċessi ta' Operazzjonijiet tas-Servizz tal-VIS, biex tiżgura twettiq u evoluzzjoni bla xkiel tal-proċessi ewlenin għall-ġestjoni tal-inċidenti, il-ġestjoni tal-problemi u l-ġestjoni tal-avvenimenti
- Evoluzzjoni tal-proċessi ta' Transizzjoni tas-Servizz tal-VIS, inklużi l-Ġestjoni tal-Bidla, il-Ġestjoni tar-Rilaxx u tat-Tnedija, il-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni

L-Aġenzija ser tiżgura wkoll li proċessi xierqa ta' ġestjoni tal-FLS u ta' ġestjoni tad-disponibilità jiġu implimentati u segwiti.

L-Aġenzija ser tipprovdi wkoll assistenza lill-Istati Membri eżistenti u ġodda sabiex ikunu teknikament lesti għall-integrazzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom mal-VIS kif meħtieġ. L-integrazzjoni proprja ta' kull pajjiż individwali fis-sistema tista' sseħħ biss ladarba jiġu solvuti l-kwistjonijiet politiċi pendenti marbutin mal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen.

L-Aġenzija ser tkun lesta twettaq kompiti meħtieġa addizzjonalment u tkompli t-tnedija tal-VIS fl-2014 jekk meħtieġ. It-Tieni Fażi tal-VIS Mail għandha titlesta sa tmiem Ottubru 2013, li għandu jikkoinċidi mal-finalizzazzjoni tat-tnedija tal-VIS fir-reġjuni kollha. L-Aġenzija ser tkun lesta tkompli mit-tnedija sat-tlestija tal-VIS MAIL 2 fl-2014.

Fir-rigward tal-ġestjoni finanzjarja, l-Aġenzija ser tkompli tissorvelja u timmonitorja l-ħidma skont il-kuntratt għall-manutenzjoni tal-VIS. Ser tieħu f'idejha wkoll il-ħidma ta' evoluzzjoni tal-VIS skont dan il-kuntratt. L-għan ġenerali ewlieni tagħha ser ikun li żżomm is-sistema allinjata mal-ħtieġa tal-Istati Membri.

*Ara wkoll l-għan operattiv speċifiku DEV3 fit-taqsima 2.10.2. L-attivitajiet ta' monitoraġġ, rapportar u statistika huma deskriti fil-punt 2.6.6, l-għanijiet OPI 4, 5 u 6 u r-riċerka u l-iżvilupp huma koperti fl-għan GC1.*

#### 2.6.1.1.3. EURODAC

**Fl-2014 l-Aġenzija ser issir responsabbli mit-tħaddim tad-database ċentrali tal-EURODAC f'isem l-Istati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-EURODAC. Fl-istess ħin l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti meħtieġa biex tikkonkludi l-implimentazzjoni tal-bidliet fis-sistema previsti fir-Regolament imfassal mill-ġdid.[16] L-Aġenzija ser tipprovdi wkoll sorveljanza għal kwalunkwe xogħol imwettaq mill-kuntratturi għall-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistema.**

L-Aġenzija ser tkun responsabbli mit-tħaddim tad-database ċentrali tal-EURODAC f'isem l-Istati Membri, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-EURODAC[17].

Fl-2014, l-Aġenzija ser tkompli twettaq il-kompiti kollha meħtieġa biex id-database ċentrali tal-EURODAC tibqa' taħdem 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa skont l-istrument legali msemmi hawn fuq, b'mod partikolari l-manutenzjoni tas-sistema, is-soluzzjoni tal-inċidenti u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-tħaddim bla xkiel tas-sistema. Dan ser jinkludi wkoll is-sorveljanza tal-ħidma tal-kuntratturi marbuta mal-manutenzjoni tas-sistema skont il-kuntratt(i) ta' manutenzjoni eżistenti.

L-Aġenzija ser tkompli bl-integrazzjoni tal-EURODAC fil-mudell ta' servizz tagħha, li beda fl-2013, biex tiżgura disponibilità għolja tas-sistema għall-utenti tagħha. B'mod partikolari, l-Aġenzija ser tiffoka l-isforzi tagħha fl-oqsma li ġejjin:

- Operazzjonijiet tas-Servizz tal-EURODAC, biex tiżgura twettiq bla xkiel tal-proċessi ewlenin għall-ġestjoni tal-inċidenti, il-ġestjoni tal-problemi u l-ġestjoni tal-avvenimenti
- Evoluzzjoni tal-proċessi ta' Transizzjoni tas-Servizz tal-EURODAC, inklużi l-Ġestjoni tal-Bidla, il-Ġestjoni tar-Rilaxx u tat-Tnedija u l-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni

L-Aġenzija ser tiżgura wkoll li proċessi xierqa ta' ġestjoni tal-FLS u ta' ġestjoni tad-disponibilità jiġu implimentati u segwiti.

L-Aġenzija ser timmira li tikkonkludi l-implimentazzjoni tal-bidliet previsti fir-Regolament Imfassal mill-Ġdid, sabiex tiżgura li l-bidliet tekniċi ser jużaw bl-aħjar mod it-teknoloġiji u l-proċessi operattivi l-ġodda.

L-Aġenzija ser tipprovdi wkoll assistenza lil Stati Membri eżistenti u ġodda biex ikunu lesti teknikament biex jaċċessaw l-EURODAC kif meħtieġ. L-integrazzjoni ta' kull pajjiż individwali tista' sseħħ biss ladarba jiġu solvuti l-kwistjonijiet politiċi pendenti marbutin mal-applikazzjoni tal-istrumenti legali rispettivi.

---

[16] Huwa mistenni li l-bidliet fir-Regolament dwar l-EURODAC ser jiġu adottati fl-ewwel trimestru tal-2013.

[17] Ir-Regolamenti (KE) Nru 2725/2000 u (KE) Nru 407/2002.

Il-prijorità ewlenija ta' osservazzjoni tat-teknoloġija marbuta mal-EURODAC għall-2013 ser tkun li jiġi żgurat li kwalunkwe bidla teknika meħtieġa biex jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet tal-istrument imfassal mill-ġdid, ser tagħmel l-aqwa użu mit-teknoloġiji u l-proċessi l-ġodda.

*Ara wkoll l-għan operattiv speċifiku DEV4 fit-taqsima 2.10.2. L-attivitajiet ta' monitoraġġ, rapportar u statistika huma deskriti fil-punt 2.6.6, l-għanijiet OPI 4, 5 u 6 u r-riċerka u l-iżvilupp huma koperti fl-għan GC1.*

### 2.6.2. Evoluzzjoni tas-sistemi

Fl-2014 is-sistemi amministrati mill-Aġenzija ser jimmiraw li jevolvu billi jespandu ulterjorment il-kapaċitajiet tekniċi u/jew funzjonali tagħhom, jew li jevolvu billi jiksbu konformità mal-bidliet fl-istrument legali li jirregolahom.

Barra minn hekk, l-aġġornamenti meħtieġa fl-infrastruttura u l-liċenzji assoċjati ser jitwettqu matul is-sena għas-sistemi rilevanti.

#### 2.6.2.1. SIS II

Fl-2014 l-Aġenzija ser tippjana u possibbilment tibda timplimenta l-użu tal-ġestjoni ta' dejta bijometrika fis-SIS II. L-Aġenzija ser timmira li tagħti valur lill-funzjonalità tas-sistema u li tippermetti l-ipproċessar u l-użu ta' dejta ta' valur.

#### 2.6.2.2. VIS

Fl-2014 l-evoluzzjoni tal-VIS tal-Aġenzija ser timmira b'mod ewlieni li tkompli żżomm is-sistema allinjata mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri, kemm mill-perspettiva teknika kif ukoll minn dik funzjonali.

#### 2.6.2.3. EURODAC

Fl-2014 l-Aġenzija ser timmira li timplimenta l-bidliet meħtieġa fis-sistema skont ir-Regolament Imfassal mill-Ġdid għall-EURODAC, adottat fl-2013.

*Ara wkoll l-għan operattiv speċifiku DEV2, 3 u 4 fit-taqsima 2.10.2*

### 2.6.3. Żvilupp u implimentazzjoni ta' sistemi ġodda

**Soġġett għall-adozzjoni tal-bażijiet legali għall-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati u s-Sistema Dħul/Ħruġ, huwa possibbli li l-Aġenzija tista' tintalab tibda tiżviluppa dawn is-sistemi sa mill-2015. Fl-2014 l-Aġenzija għandha tkun lesta li twettaq valutazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tal-infrastruttura, il-persunal u dawk organizzattivi għall-implimentazzjoni ta' tali sistemi, kif ukoll ippjanar inizjali għal tali implimentazzjoni, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni l-hemżiet finanzjarji tal-proposti leġiżlattivi għal dawn is-sistemi.**

Kif tħabbar fil-Komunikazzjoni dwar il-Fruntieri Intelliġenti tal-25 ta' Ottubru 2011[18], il-Kummissjoni beħsiebha tadotta proposti għal żewġ strumenti leġiżlattivi li jistabbilixxu l-qafas legali għal dawn is-sistemi. Dawn il-proposti ser jinkludu dispożizzjonijiet li jafdaw lill-Aġenzija bl-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati[1] u Sistema ta' Dħul/Ħruġ[2]. Skont il-pjanijiet attwali, hu previst li n-negozjati mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni ta' dawn ir-regolamenti jiġu kompletati sa tmiem l-2014. Soġġett għall-adozzjoni ta' dawn il-bażijiet legali, huwa previst li l-Aġenzija tkun tista' tibda taħdem fuq dawn is-sistemi sa mill-2015.

B'mod parallel, ser ikun hemm emenda għar-Regolament tal-Aġenzija li ser tipprevedi t-trasferiment tar-responsabilità mill-Kummissjoni lejn l-Aġenzija ta' ċerti responsabilitajiet għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sigurtà fir-rigward ta' sistemi eżistenti u jiġi implimentat il-qafas għar-riżorsi meħtieġa mill-Aġenzija biex tiżviluppa s-sistemi l-ġodda.

Il-Pjan ta' Stabbiliment tal-Aġenzija ser jiġi mmodifikat ukoll, bil-ħsieb li l-Aġenzija tingħata r-riżorsi umani addizzjonali meħtieġa għall-iżvilupp tal-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati u s-sistemi tad-Dħul/Ħruġ.

Mhu ser isir ebda xogħol dwar l-iżvilupp ta' dawn is-sistemi l-ġodda qabel ma l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu adottaw il-bażijiet legali rispettivi, li jistabbilixxu biċ-ċar ir-rekwiżiti.

L-Aġenzija għandha wkoll tkun lesta li tieħu r-responsabilità għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi oħrajn skont l-istrumenti legali l-ġodda jew il-bidliet f'dawk eżistenti.

*Ara wkoll l-għan operattiv speċifiku DEV5 fit-taqsima 2.10.2*

### 2.6.4. Sigurtà u protezzjoni tad-dejta

**L-Aġenzija ser tkompli timplimenta l-politiki u l-pjanijiet ta' sigurtà flimkien ma' miżuri għall-kontinwità kummerċjali għall-organizzazzjoni tagħha stess, għas-sistemi li tiġġestixxi u għan-netwerks ta' komunikazzjoni għal dawn is-sistemi. Barra minn hekk, din ser twettaq ukoll kompiti oħrajn tas-sigurtà previsti fir-Regolament Bażiku u l-istrumenti legali għas-sistemi tal-IT. Din ser tiżgura wkoll konformità sħiħa u rigoruża mad-dispożizzjonijiet kollha tal-protezzjoni tad-dejta dwar kwalunkwe aċċess għad-dejta fis-sistemi amministrati minn korpi esterni.**

Fl-2014 l-Aġenzija ser tkompli tevolvi l-pjanijiet u l-politiki ta' sigurtà tagħha. Wieħed mill-għanijiet ser ikun li toħloq qafas komuni ta' sigurtà standard għas-sistemi kollha ġestiti mill-Aġenzija. Fl-2013 il-ħidma fuq il-kontinwità kummerċjali u l-pjan ta' rkupru minn diżastru għall-Aġenzija kif ukoll il-pjanijiet ta' sigurtà u ta' rkupru minn diżastri għas-sistemi għandhom ikunu ġew konklużi. Dak ser jiżgura l-implimentazzjoni u l-konformità sħiħa mad-diversi miżuri ta' sigurtà u pjanijiet ta' sigurtà għall-Aġenzija

[18] KUMM(2011) 680.

stess[19], is-sistemi[20] li ser tiġġestixxi (li jkopru kwistjonijiet bħall-organizzazzjoni tas-sigurtà, miżuri tekniċi inklużi miżuri biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta’ rekords, il-kontinwità kummerċjali, il-kontroll tal-aċċess, ir-responsabilità - l-iżgurar li kull aċċess għal dejta personali u kull skambju tagħha jiġu rreġistrati f’livell ċentrali, il-kooperazzjoni mal-KEPD u s-segwitu għall-awditi tal-KEPD), in-netwerks ta’ komunikazzjoni għal dawn is-sistemi[21] (inklużi proċeduri u dispożizzjonijiet tas-sigurtà għall-kontinwità kummerċjali u l-ġestjoni ta’ kuntratturi), u miżuri għall-protezzjoni tad-dejta. L-Aġenzija għandha tiżgura li tkun f’konformità mal-prinċipji u r-Regolamenti Ewropej għall-protezzjoni tad-dejta fis-seħħ. Sabiex tappoġġa dan l-għan, l-Aġenzija għandha tħejji u tinforma kull sena lill-Bord ta’ Tmexxija. Il-politiki interni kollha fil-qasam tal-Protezzjoni tad-dejta ser jiġu żviluppati b’kooperazzjoni sħiħa mal-KEPD, bl-applikazzjoni ta’ standards rigorużi tal-aħjar prattika Ewropea u bl-iżgurar tal-konformità sħiħa mar-regolamenti attwalment fis-seħħ.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ser twettaq kwalunkwe kompitu addizzjonali tas-sigurtà assenjat lilha skont l-istrumenti legali għas-sistemi li tħaddem bħar-rapportar regolari dwar kwistjonijiet tas-sigurtà fi ħdan il-qafas iktar ġenerali tar-rapportar dwar is-sistemi.

*Ara wkoll l-għanijiet operattivi speċifiċi dwar is-sigurtà (b’mod partikolari MAN3 u SE 2 u SE5 fil-punt 2.10.7).*

### 2.6.5. Infrastruttura tal-Komunikazzjoni

**L-Aġenzija ser tkun responsabbli mis-sorveljanza, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-EURODAC, il-VIS u s-SIS II. Huwa possibbli li l-kompetenzi tal-Aġenzija fir-rigward tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni jiġu estiżi biex tkun tista’ tieħu f’idejha sistemi oħrajn u/jew tieħu r-responsabilità għal kwistjonijiet finanzjarji f’dan il-qasam, soġġetta għall-modifiki rilevanti tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti.**

Fl-2014 l-Aġenzija ser tikkondividi r-responsabilità għall-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni mal-Kummissjoni[22]. L-Aġenzija ser tkun responsabbli mis-sorveljanza, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tas-servizz tan-netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għal dawn it-

---

[19] Il-Pjan ta’ Sigurtà (adottat mill-Bord sa tmiem Novembru 2012), il-Pjan ta’ Rkupru minn Diżastru ladarba dan jiġi approvat, ir-rekwiżiti ta’ kunfidenzjalità u ta’ segretezza professjonali u r-regoli għall-persunal li jaħdem bid-dejta fis-sistemi.

[20] Il-pjanijiet tas-sigurtà għall-VIS u l-EURODAC ġew adottati mill-Bord ta’ Tmexxija fi tmiem Novembru 2012.

[21] Miżuri ta’ sigurtà u pjanijiet tas-sigurtà għan-netwerk ta’ komunikazzjonijiet għas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC imħejjija mill-Aġenzija.

[22] Biex tkun żgurata koerenza fl-eżerċizzju tar-responsabilitajiet rispettivi tagħhom għan-netwerk, l-Aġenzija u l-Kummissjoni għandhom jaqblu dwar arranġamenti operattivi tax-xogħol bejniethom, li għandhom jiġu riflessi f’Memorandum ta’ Fehim (l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Aġenzija). Dan għandu jiġi approvat fl-2013).

tliet sistemi. Ir-responsabilitajiet partikolari tal-Aġenzija u l-Kummissjoni ser ikunu ddefiniti f'Memorandum ta' Fehim kif ipprovdut mir-Regolament Bażiku.

Il-Kummissjoni ser tkun responsabbli mill-kompiti l-oħrajn kollha marbutin mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari l-kompiti marbutin mal-implimentazzjoni tal-baġit, ix-xiri u t-tiġdid u l-kwistjonijiet kuntrattwali[23]. Il-Kummissjoni ser tibqa' responsabbli wkoll mill-adozzjoni tal-miżuri ta' sigurtà u l-pjan ta' sigurtà għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II[24].

Skont ir-Regolament Bażiku, il-kompiti marbutin mal-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni jistgħu jiġu fdati lil entitajiet jew korpi esterni mis-settur privat skont ir-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1605/2002. F'każ bħal dak, il-fornitur tan-netwerk għandu jkun marbut bil-miżuri ta' sigurtà stabbiliti fl-istrumenti bażiċi għal kull sistema u ma għandu jkollu ebda aċċess għad-dejta operattiva fis-SIS II, il-VIS jew l-EURODAC. L-Aġenzija ser tiżgura li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu rispettati.

Il-kuntratt ta' sTESTA mad-DĠ DIGIT ser jiskadi fi tmiem Settembru 2014. Fir-rigward tal-attivitajiet eżistenti, ser ikun possibbli li jkun hemm għaddejjin kuntratti speċifiċi f'dan il-qafas sa Settembru 2014, iżda b'talbiet limitati għal bidliet[25]. Fl-2013 għandu jkun disponibbli kuntratt qafas ġdid. Il-formalitajiet kuntrattwali f'dan il-kuntratt qafas ġdid u l-migrazzjoni tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC għan-netwerk il-ġdid għandhom jitlestew sa mhux iktar tard minn Settembru 2014. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-kwistjonijiet kuntrattwali marbutin man-netwerk. Imbagħad, il-kuntratt qafas il-ġdid ser ikollu jintuża wkoll għas-sistemi ta' Dħul/Ħruġ u RTP, ladarba jibdew l-iżvilupp u l-implimentazzjoni sussegwenti tagħhom. Dan huwa soġġett għall-approvazzjoni tal-istrumenti legali rilevanti. Dan il-proċess jista' jafda lill-Aġenzija b'responsabbilitajiet ulterjuri fir-rigward tal-ġestjoni tan-netwerk, inklużi kwistjonijiet kuntrattwali.

*Ara wkoll l-għan operattiv speċifiku OPI2 10 fit-taqsima 2.10.3.*

### 2.6.6. Taħriġ u assistenza teknika

**Fl-2014 l-Aġenzija ser tkompli tipprovdi taħriġ dwar l-użu tekniku tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC lill-Awtoritajiet nazzjonali li jużaw dawn is-sistemi. Ser tipprovdi wkoll taħriġ għall-persunal ta' SIRENE (SIRENE - Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali) u taħriġ għal membri tat-tim u esperti ewlenin tal-evalwazzjoni Schengen dwar l-aspetti tekniċi u funzjonali tas-SIS II. Il-kurrikuli u l-kontenut tat-taħriġ ser jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib mas-CEPOL.**

L-Aġenzija ser tkun responsabbli biex tipprovdi taħriġ dwar l-użu tekniku tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC lill-awtoritajiet nazzjonali li jużaw dawn is-sistemi, kif inhu stabbilit

[23] L-Artikolu 26(2) u (3) tar-Regolament dwar il-VIS, l-Artikolu 15(2) u (3) tar-Regolament u d-Deċiżjoni dwar is-SIS II u l-Artikolu 5(b) tar-Regolament tal-Aġenzija

[24] L-Artikolu 16(1) tar-Regolament dwar is-SIS II

[25] Il-Kuntratt Qafas ta' sTESTA jiskadi fit-28.9.2013 u l-aħħar kuntratti speċifiċi jistgħu jkopru servizzi sat-28.9.2014, iżda b'talbiet limitati għal bidliet permessi/possibbli tul l-aħħar sena.

fir-Regolament Bażiku u l-bażijiet legali speċifiċi għas-sistemi tal-IT ġestiti minnha. Fir-rigward tal-VIS u l-EURODAC, l-Aġenzija ser teħtieġ li tikkoordina l-iżvilupp ta' kurrikuli mal-Istati Membri u tistabbilixxi pjan ta' forniment tat-taħriġ f'kooperazzjoni ma' dawn l-awtoritajiet.

Il-programmi ta' taħriġ marbutin mas-SIS II ser jiġu pprovduti għall-persunal ta' SIRENE. Ser jiġi pprovdut ukoll taħriġ lill-esperti rilevanti dwar l-aspetti tekniċi tas-SIS II fil-qafas tal-evalwazzjoni Schengen. Il-programm tal-Aġenzija ta' attivitajiet ta' taħriġ għall-persunal ta' SIRENE fl-Istati Membri fl-2014 ser jiġi kkoordinat mill-qrib mas-CEPOL, l-EUROPOL u l-Istati Membri. B'mod simili, il-programmazzjoni tal-Aġenzija tat-taħriġ għall-membri tat-tim ta' evalwazzjoni u l-esperti ewlenin f'aspetti tekniċi tas-SIS II ser tieħu f'kunsiderazzjoni d-diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati t'hawn fuq biex jiġu ċċarati r-rwoli rispettivi tal-Aġenzija, is-CEPOL u l-FRONTEX.

L-Aġenzija ser tfittex li tifformalizza l-għoti ta' tali programmi ta' taħriġ permezz tal-iffirmar tal-Memoranda ta' Fehim mal-aġenziji sħab.

Ir-Regolament tal-ġejjieni dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen aktarx li ser iħalli impatt ukoll fuq il-programmazzjoni tal-ġejjieni tat-taħriġ f'dan il-qasam.

L-Aġenzija ser tipprovdi wkoll assistenza lil Stati Membri ġodda u eżistenti sabiex ikunu lesti teknikament għall-integrazzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom mas-SIS II u l-VIS. L-integrazzjoni proprja ser isseħħ biss ladarba jiġu solvuti l-kwistjonijiet politiċi pendenti kollha. Barra minn hekk, l-assistenza teknika ser tinkludi wkoll servizzi ta' ġestjoni tal-programm/proġett.

*Ara wkoll l-għanijiet operattivi speċifiċi GC 8, 9 u 10 fit-taqsima 2.10.3 kif ukoll l-għan GC 3 fl-istess taqsima u t-taqsima 2.9.1, Kooperazzjoni ma' Aġenziji u korpi oħrajn*

## 2.7. Għanijiet operattivi fl-Għan Strateġiku 2

**L-iżvilupp professjonali u fil-karriera tal-persunal ser ikun komponent ċentrali tal-konsolidazzjoni ulterjuri tal-organizzazzjoni fl-2014. Biex jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-evoluzzjoni tal-mudell ta' servizz tal-Aġenzija, ser jitwaqqaf u jiġi segwit proċess biex jiġu evalwati u mtejba b'mod regolari l-kapaċitajiet professjonali, il-karrieri u l-ħtiġijiet tat-taħriġ.**

Fl-2014 l-Aġenzija ser tiffoka l-isforzi tagħha fir-rigward taż-żamma u l-iżvilupp tal-persunal, peress li hi tqis ir-riżors uman disponibbli tagħha bħala l-assi l-iktar importanti. Dan ser ikopri kemm il-kompetenzi professjonali individwali kif ukoll l-aspetti ta' progress fil-karriera tal-iżvilupp personali tal-membri tat-tim. Biex jiġi ffaċilitat dan, l-Aġenzija ser timplimenta qafas ta' karrieri bbażat fuq il-mudell ta' servizz tal-IT ikkonsolidat tal-Aġenzija, inklużi rwoli tal-impjieg standardizzati fit-timijiet kollha biex jiġi ffaċilitat il-moviment intern tal-persunal u jipprovdi valutazzjonijiet regolari tal-kapaċitajiet professjonali, il-ħtiġijiet tal-persunal u tal-iżvilupp.

Abbażi tal-qafas ta' karrieri u d-definizzjoni tar-rwoli individwali, ser jitfasslu pjanijiet standard tat-taħriġ għar-rwoli u l-gruppi funzjonali kollha. Dawn ser jintużaw ulterjorment fil-proċess tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-membri tal-persunal. L-Aġenzija ser timmira wkoll li timmassimizza l-użu tar-riżorsi tat-taħriġ eżistenti u timplimenta mudelli tat-taħriġ innovattivi, bħall-approċċ "taħriġ lil min iħarreġ" u bl-użu

ta' ċampjins tal-prodott biex is-sessjonijiet tat-taħriġ għal gruppi ikbar tal-persunal isiru iktar effiċjenti u effettivi.

*Ara wkoll l-għanijiet operattivi speċifiċi AS 1, 2, 3 u 4 fl-OPI2.*

## 2.8. Għanijiet operattivi fl-Għan Strateġiku 3

**Fl-2014 l-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa l-mudelli ta' governanza u operattivi tagħha sabiex tikkonsolidahom ulterjorment. Dawn ser ikunu l-fatturi ewlenin għall-operazzjonijiet kosteffiċjenti u l-pedamenti sodi biex l-organizzazzjoni tiżviluppa bħala ċentru ta' eċċellenza għat-twassil ta' servizzi tal-ITC. L-Aġenzija ser timmira wkoll li tespandi ulterjorment il-kapaċitajiet tagħha fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġija, billi toħloq sħubiji ma' aġenziji u organizzazzjonijiet esterni oħrajn.**

L-Aġenzija ser tkompli bl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali ta' Governanza tal-IT kif definit fl-2013. Il-fokus ser ikun li jissaħħu ulterjorment il-proċessi ewlenin ta' governanza kif ukoll l-iżvilupp tal-arkitettura tal-Intrapriża tal-Aġenzija. Prijorità oħra ser tkun l-implimentazzjoni ta' KPIs għall-prestazzjoni korporattiva u l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni regolari tagħhom.[26] Din ser tkompli tevolvi wkoll il-mudell operattiv tagħha skont il-pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' ġestjoni tas-servizz ITIL/ITSM, maħluq fl-2013. Parti importanti mill-evoluzzjoni tal-qafas operattiv tal-Aġenzja ser ikun il-monitoraġġ kontinwu tal-infrastruttura, is-servizzi u s-sistemi biex tiġi ottimizzata u mtejba l-Ispiża Totali tas-Sjieda (TCO).

L-Aġenzija ser tiżviluppa ulterjoment ukoll l-għodod kollaborattivi interni tagħha, li ser jipprovdu appoġġ effettiv għall-oqfsa operattivi u ta' governanza tagħha.

*Ara l-għan operattiv GC0 fit-taqsima 2.10.4 u l-għanijiet GOV1, 2, 3 u 4 fit-taqsima 2.10.1*

### 2.8.1. Riċerka u żvilupp[27]

**F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-Aġenzija ser timmira li tiżgura li l-ħin kollu tintuża l-aħjar teknoloġija disponibbli (soġġetta għal analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji) għas-sistemi kollha ġestiti minnha, inklużi s-sistemi tal-IT, is-softwer għall-amministrazzjoni u n-netwerks. Ser tapplika wkoll l-istess prinċipji għas-sistemi interni tagħha stess.**

**L-Aġenzija ser timplimenta r-riżorsi u l-proċessi meħtieġa biex tiżgura monitoraġġ regolari tat-teknoloġija biex tieħu l-aqwa vantaġġ mill-iżviluppi teknoloġiċi l-ġodda li jkunu rilevanti għall-attivitajiet tagħha. Ir-riżultati tar-riċerka ser ikunu importanti sabiex jiġu żviluppati mudelli operattivi u ta' governanza tal-Aġenzija u ser jiffaċilitaw il-massimizzazzjoni tal-valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati.**

---

[26] L-abilità tal-Aġenzija li tikseb l-għanijiet fl-Għan Strateġiku 3 ser tiddependi mill-finalizzazzjoni b'suċċess tal-persunal fl-2013.

[27] L-istess bħal t'hawn fuq

Matul is-sena l-Aġenzija ser timmonitorja l-iżviluppi teknoloġiċi fil-qasam tal-ICT rilevanti għas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC u sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira. Il-prijoritajiet speċifiċi għal din l-attività ser jiġu definiti iktar tard, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-opinjonijiet tal-Gruppi Konsultattivi. Għall-2014, din il-ħidma ser tikkonsisti fil-monitoraġġ ta' avvanzi kbar u ġodda fit-teknoloġija, teknoloġiji innovattivi, proċessi u soluzzjonijiet rilevanti għall-operazzjoni, il-ġestjoni u l-evoluzzjoni tal-ġejjieni tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija.

Il-Gruppi Konsultattivi ser jagħtu sehem importanti wkoll billi jipprovdu parir dwar kwistjonijiet li huma rilevanti għal sistemi u oqsma speċifiċi identifikati għal monitoraġġ proattiv. L-Aġenzija ser tibni fuq il-kuntatti magħmula f'dan il-qasam fl-2012 u fl-2013, bil-ħsieb li tiżgura netwerking effettiv, kooperazzjoni u skambju ta' prattika tajba ma' aġenziji u awtoritajiet oħrajn li jaħdmu f'oqsma relatati, kif ukoll tistabbilixxi sħubiji ma' entitajiet privati u pubbliċi kif xieraq.

L-Aġenzija ser iżżomm lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (meta jkunu kkonċernati kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta) informati bl-iżviluppi tal-inqas darbtejn fis-sena.

*Ara wkoll l-għanijiet operattivi speċifiċi GOV1, l-għanijiet OPI4, 5 u 6 fit-taqsima 2.10.3 u l-għan GC1 fit-taqsima 2.10.4.*

### 2.8.2. Monitoraġġ, rapportar u statistika

Fl-2014 l-Aġenzija ser tkompli tipproduċi r-rapportar u l-istatistika rilevanti[28] dwar l-użu tas-sistemi tal-IT ġstiti minnha u l-prestazzjoni u d-disponibilità tagħhom, kif previst fil-bażijiet legali għal tali sistemi tal-IT u riflessi fir-Regolament Bażiku. Ser tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi, inklużi l-aspetti tas-sigurtà, u ser tipprovdi wkoll lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li teħtieġ għall-evalwazzjoni regolari tal-VIS, l-EURODAC u s-SIS II.

*Ara wkoll l-għanijiet OPI4, 5 u 6 fit-taqsima 2.10.3.*

### 2.8.3. Ġestjoni finanzjarja, infrastruttura, loġistika u kompiti amministrattivi[29]

**L-Aġenzija ser tkompli tiżviluppa t-tim u l-proċeduri finanzjarji tagħha. Ser tkun responsabbli wkoll mill-kompiti li għaddejjin ta' ġestjoni tal-faċilitajiet u tal-loġistika, l-implimentazzjoni progressiva ta' arranġamenti interni robusti u**

---

[28] Fir-rigward tal-VIS, l-Aġenzija ser ikollha bżonn statistiki biex twettaq il-kompiti li ġejjin assenjati lilha skont ir-Regolament dwar il-VIS:

- Manutenzjoni teknika, l-Artikolu 50(2): l-Aġenzija ser ikollha bżonn aċċess għall-informazzjoni meħtieġa dwar l-ipproċessar ta' operazzjonijiet fil-VIS

- Rapportar dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS, l-Artikolu 50(3)

- L-għoti tal-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni biex tipproduċi evalwazzjonijiet ġenerali skont l-Artikolu 50(7)

[29] L-abilità tal-Aġenzija li twettaq il-kompiti taħt 2.9.3 ser tiddependi mill-finalizzazzjoni b'suċċess tal-persunal fl-2013.

**awditjabbli biex jiġu sostitwiti l-ftehimiet fil-livell ta' servizz mas-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni. L-Aġenzija ser tiżgura wkoll li kull xogħol marbut mal-bini fiżiku tal-ġejjieni f'Tallinn u t-titjib tas-sit tekniku fi Strasburgu jżommu mal-iskeda.**

### 2.8.3.1. Ġestjoni finanzjarja u akkwist

L-Aġenzija ser tiżviluppa ulterjorment il-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha, billi tieħu approċċ proattiv biex tiżgura ġestjoni trasparenti u effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji.

L-Aġenzija ser tkompli tindirizza medda wiesgħa ta' proċeduri tal-akkwist, inklużi proċeduri biex ittejjeb bini u faċilitajiet, l-akkwist ta' tagħmir u għamara u akkwist speċjalizzat marbut mas-sistemi tal-IT ġestiti minnha. Ser tiġġestixxi l-attivitajiet kollha ta' akkwist fuq il-bażi ta' pjan ta' akkwist li ser jiġi kkomunikat lill-Bord ta' Tmexxija. Il-Bord ta' Tmexxija ser jiġi informat ukoll bis-sejħiet ewlenin għal offerti fi żmien xieraq. Il-Gruppi Konsultattivi għandhom ikunu involuti wkoll fl-attivitajiet ta' akkwist marbutin mal-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija. L-esperti tal-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna fuq bażi ta' każ b'każ biex jipprovdu kompetenza teknika għad-definizzjoni ta' dokumenti u proċeduri ta' offerti.

*Ara l-għanijiet PC 1-9 fit-taqsima 2.10.6.*

### 2.8.3.2. Kompiti amministrattivi u loġistiċi

Fl-2014 l-Aġenzija ser timmira li twettaq il-kompiti amministrattivi u loġistiċi meħtieġa bir-riżorsi interni. Madankollu, xi kompiti għad jeħtieġu li jitwettqu skont it-termini tal-ftehimiet eżistenti fil-livell ta' servizz bejn l-Aġenzija u s-Servizzi tal-Kummissjoni u/jew il-korpi tal-UE. Madankollu, l-Aġenzija ser tkompli timxi 'l quddiem b'mod progressiv sabiex tistabbilixxi s-servizzi interni tagħha stess, jew testernalizza servizzi li hija responsabbli minnhom, għal ħafna mill-elementi koperti mill-FLS li ġejjin.

*Ara l-għanijiet AS7 u 8 fit-taqsima 2.10.5.*

### 2.8.3.3. Ġestjoni tal-faċilità u l-infrastruttura

Fl-2014 l-Aġenzija għandha twettaq l-attivitajiet li ġejjin:

#### 2.8.3.3.1. Il-bini tal-Kwartieri Ġenerali f'Tallinn, l-Estonja

L-Aġenzija attwalment tinsab f'uffiċini temporanji minn Ġunju 2012. L-Aġenzija ser tissorvelja l-ħidma preparatorja marbuta mal-bini permanenti li għandu jiġi pprovdut mill-Estonja għall-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija u ser tiżgura li kwalunkwe xogħol ta' kostruzzjoni meħtieġ jibqa' mal-iskeda biex tintlaħaq il-mira li l-bini jkun disponibbli fi tmiem l-2014 jew fil-bidu tal-2015.

Sadanittant, l-Aġenzija ser tiżgura li flimkien mal-awtoritajiet Estonjani, titkompla l-ġestjoni xierqa tal-faċilitajiet tal-bini temporanju attwali.

##### 2.8.3.3.2. Titjib tas-sit tekniku fi Strasburgu

Il-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid għall-Aġenzija huwa skedat li jibda fl-2014. L-Aġenzija ser tikkoordina u tissorvelja x-xogħlijiet rilevanti kollha biex tiżgura li l-bini jitlesta u jingħadda skont l-iskeda miftiehma.

Sadanittant, l-Aġenzija ser tiżgura li flimkien mal-awtoritajiet Franċiżi, jitkompla l-livell xieraq ta' ġestjoni tal-faċilitajiet tas-sit ta' Strasburgu.

##### 2.8.3.3.3. Ġestjoni tal-infrastruttura fis-sit ta' riżerva

Ix-xogħol fl-2014 ser jikkonsisti essenzjalment f'ġestjoni u manutenzjoni ta' rutina tal-infrastruttura. Dan ser jitwettaq mit-tim fi Strasburgu. Madankollu, wara analiżi tal-ispejjeż ta' din l-attività l-Aġenzija tista' tiddeċiedi li jew taħtar persunal permanenti responsabbli mill-ġestjoni tal-infrastruttura fis-sit ta' riżerva jew li tuża ġestjoni mill-bogħod tal-infrastruttura fis-sit minn Strasburgu.

*Ara l-għan AS6 fit-taqsima 2.10.5.*

## 2.9. Għanijiet operattivi fl-Għan Strateġiku 4

### 2.9.1. Kooperazzjoni ma' Aġenziji u korpi oħrajn

**Fl-2014 l-Aġenzija ser tfittex ukoll li tiżviluppa ulterjorment is-sħubiji tagħha ma' aġenziji oħrajn fl-oqsma ta' politika rilevanti (jiġifieri l-EUROPOL, il-FRONTEX, l-EASO, l-EUROJUST, l-ENISA, is-CEPOL, l-FRA u l-KEPD) fuq il-bażi ta' memoranda ta' fehim formali u kooperazzjoni fl-oqsma ta' interess konġunt. Ser tkun immexxija mill-pjan ta' azzjoni żviluppat u l-Memoranda ta' Fehim bilaterali, iffirmati matul l-2013 (l-ewwel wieħed ġie ffirmat mas-CEPOL fl-20 ta' Novembru 2013 u t-tieni MoU huwa skedat li jiġi ffirmat mal-FRONTEX f'Jannar 2014). L-Aġenzija ser tfittex li tiskambja esperjenzi u għarfien mas-sħab identifikati, filwaqt li tikkontribwixxi għat-tnedija ta' sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija komuni u tipprovdi servizzi skont l-istrumenti legali rilevanti fis-seħħ.**

#### 2.9.1.1. Aġenziji

Il-kooperazzjoni ma' Aġenziji bħall-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO), l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA), l-EUROJUST, l-Aġenzija Ewropea għall-Infurzar tal-Liġi (EUROPOL), l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (FRONTEX) u korpi oħrajn bħall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (KEPD) ser tkompli fl-2014, filwaqt li tibni fuq ir-relazzjonijiet diġà stabbiliti fl-2012 u fl-2013.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija ser jipparteċipa fil-laqgħat annwali tal-kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI u rappreżentant tal-Aġenzija (livell ta' uffiċjal amministrattiv) ser jipparteċipa fil-Grupp ta' Kuntatt tal-Aġenziji tal-ĠAI, bil-ħsieb li jiġu esplorati u jintlaħaq qbil dwar forom rilevanti oħrajn ta' kooperazzjoni. Rappreżentanti ta' wħud minn dawn l-Aġenziji ser jiġu mistiedna biex jagħtu preżentazzjonijiet fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija.

Din li ġejja hija sommarju ta' xi wħud mill-aspetti prattiċi ta' kooperazzjoni mal-Aġenziji l-oħrajn fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja:

#### 2.9.1.1.1. CEPOL

Fl-2014 l-eu-LISA ser tibqa' responsabbli biex tiffaċilita t-taħriġ għall-utenti mill-Istati Membri dwar is-sistemi ġestiti minnha. Hija meħtieġa tipprovdi wkoll taħriġ dwar l-użu tekniku tas-SIS II għall-persunal ta' SIRENE fl-Istati Membri u għall-membri tat-tim ta' evalwazzjoni u l-esperti ewlenin ta' Schengen.

L-Aġenzija ser tiżviluppa u tikkoordina l-għoti ta' dawn il-programmi ta' taħriġ mas-CEPOL. It-taħriġ propost għall-membri tat-tim ta' evalwazzjoni u l-esperti ewlenin ta' Schengen huwa qasam ieħor ta' kooperazzjoni fl-2014. Dan il-proġett ser jitmexxa wkoll f'koordinazzjoni mal-FRONTEX.

#### 2.9.1.1.2. EASO

L-EASO jsaħħaħ il-kooperazzjoni prattika tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) dwar kwistjonijiet tal-asil sabiex jappoġġa lil pajjiżi tal-UE li s-sistemi ta' asil u akkoljenza tagħhom jinsabu taħt pressjoni partikolari u jtejjeb l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). Għall-2014, l-għan ewlieni tal-kooperazzjoni ser ikun iż-żamma ta' relazzjoni soda tax-xogħol ma' din l-Aġenzija, sabiex tiġi żgurata komplimentarjetà.

#### 2.9.1.1.3. ENISA

Il-kompitu ewlieni tal-ENISA huwa li ttejjeb il-kapaċità tal-UE u l-Istati Membri biex tevita, tindirizza u twieġeb għall-problemi tas-sigurtà tan-netwerk u l-informazzjoni. Taqdi bħala Ċentru ta' Kompetenza li jistimola l-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat f'dan il-qasam.

Fl-2014 l-Aġenzija ser tissieħeb mal-ENISA bil-ħsieb li tiżviluppa skambju ulterjuri ta' għarfien u prattika tajba li jikkonċernaw aspetti differenti ta' sigurtà u standards tal-informazzjoni.

#### 2.9.1.1.4. EUROPOL

Id-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI (id-Deċiżjoni dwar is-SIS II) tipprevedi aċċess għad-dejta operattiva tas-SIS II minn persunal tal-EUROPOL awtorizzat b'mod speċifiku u membri nazzjonali tal-EUROJUST u l-assistenti tagħhom. Dawn il-korpi jistgħu jaċċessaw biss dik id-dejta speċifika li jeħtieġu għat-twettiq tal-kompiti tagħhom. L-EUROPOL ser jingħata aċċess biex jikkonsulta d-dejta fil-VIS marbuta mal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI.

L-EUROPOL jista' jattendi l-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija bħala osservatur meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni li tirrigwarda l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni dwar is-SIS II jew il-VIS.

Fl-2014 il-kooperazzjoni prattika bejn l-Aġenzija u l-EUROPOL ser tkun iffukata fuq l-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-ICT ta' interess komuni, inkluż il-provvediment lill-EUROPOL b'kompetenza tal-IT u b'parir dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjattaformi ġodda jew l-evoluzzjoni eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni. Il-kooperazzjoni li telabora l-oqsma ta' kooperazzjoni ser tiġi konkluża.

#### 2.9.1.1.5. EUROJUST

L-EUROJUST tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex irendu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom iktar effettivi meta jiltaqgħu ma' kriminalità transkonfinali. Minbarra kwistjonijiet marbutin mal-parteċipazzjoni tagħha stess fis-SIS II, l-għan ewlieni tagħna ta' kooperazzjoni ma' din l-Aġenzija ser ikun li tinżamm relazzjoni soda tax-xogħol sabiex tiġi żgurata komplimentarjetà.

#### 2.9.1.1.6. FRA

Is-sistemi tal-IT imħaddma mill-Aġenzjia għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira għandhom il-potenzjal li joħolqu tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem, li primarjament huma marbutin ma' kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta. Għalhekk, l-Aġenzija ser iżżomm l-FRA informata dwar l-attivitajiet tagħha, is-sistema legali applikabbli għas-sistemi ġestiti minnha, ir-responsabilitajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta u l-limitazzjonijiet tekniċi li huma inerenti f'dawn is-sistemi tal-IT.

#### 2.9.1.1.7. FRONTEX

Fl-2014 il-FRONTEX ser tkun wieħed mis-sħab ewlenin tal-Aġenzija. Qasam minnhom ta' prijorità ta' kooperazzjoni mal-FRONTEX ser ikun it-taħriġ meħtieġ għall-użu tekniku tas-SIS II ipprovdut mal-Aġenzija lill-evalwaturi u l-esperti ewlenin ta' Schengen. L-Aġenzija beħsiebha tesplora l-possibilità ta' konklużjoni ta' arranġamenti ta' ħidma mal-FRONTEX dwar din il-kwistjoni u oħrajn. Suġġerimenti oħrajn għal oqsma li fihom l-Aġenzija tista' tipprovdi appoġġ lill-FRONTEX jikkonċernaw ir-riċerka, l-ittestjar u l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT biex il-FRONTEX tiġi megħjuna fl-attivitajiet tagħha. Għal kompiti iktar sostanzjali ta' dan it-tip b'implikazzjonijiet għar-riżorsi u l-baġit, ikun hemm bżonn li jiġu adottati dispożizzjonijiet legali li jgħaddu r-responsabilità ta' dawn il-kompiti lill-Aġenzija.

Kooperazzjoni mill-qrib mal-Frontex ser tkun meħtieġa biex jiġu evitati attivitajiet żejda jew doppji fil-qasam tar-riċerka, b'mod partikolari dwar il-biometrika.

#### 2.9.1.1.8. Sħubija mas-settur pubbliku u privat

Matul is-sena l-Aġenzija ser tistabbilixxi u/jew tiżviluppa ulterjorment sħubiji ma' entitajiet pubbliċi u privati kif xieraq. Dawn is-sħubiji għandhom l-għan li (a) jappoġġaw lill-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti f'dan il-Programm ta' ħidma; u (b) jiżviluppaw l-immaġni pubblika tal-Aġenzija bħala aġenzija Ewropea affidabbli u effiċjenti.

### 2.9.1.2. Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni (EIXM)

Ir-Regolament Bażiku jipprevedi li "l-Aġenzija għandha ssegwi l-istandards Ewropej u dawk internazzjonali b'kont meħud tal-ogħla rekwiżiti professjonali, b'mod partikolari l-Istrateġija ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-Unjoni Ewropea" (Premessa 22). L-

Istrateġija tal-UE għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni[30] (IMS) tipprovdi metodoloġija biex tiżgura li d-deċiżjonijiet dwar il-ħtieġa ta' ġestjoni u skambju ta' dejta u deċiżjonijiet dwar il-modi biex isir dan jittieħdu f'kunsiderazzjoni b'mod koerenti, professjonali, effiċjenti u kosteffettiv li jkun responsabbli u komprensibbli kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-utenti professjonali. Filwaqt li jieħu f'kunsiderazzjoni sħiħa l-IMS, l-EIXM għandu l-għan li jikseb koerenza u konsolidazzjoni aħjar fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi[31]. L-Aġenzija ser tkompli ssegwi l-iżviluppi fl-EIXM bil-ħsieb li tiddefinixxi l-possibilitajiet għal kooperazzjoni fil-ġejjieni ladarba l-politika tal-EIXM tiġi approvata fil-livell politiku.

*Ara wkoll l-għan speċifiku GC3 fil-punt 2.10.3.*

### 2.9.2. Komunikazzjoni

Fl-2014 l-isforzi tal-Aġenzija f'dan il-qasam ser ikunu mmexxija mill-istrateġija ta' Komunikazzjoni Esterna. Internament, l-Aġenzija ser tuża diversi kanali ta' komunikazzjoni biex issaħħaħ l-organizzazzjoni u tippromwovi l-missjoni u l-valuri tagħha. Esternament, l-Aġenzija ser tiffoka l-isforzi tagħha biex tipprovdi lill-pubbliku ġenerali b'informazzjoni regolari dwar l-attivitajiet tagħha, u tenfasizza l-valur miżjud liċ-ċittadini Ewropej tal-ħidma tal-Aġenzija. Barra minn hekk, l-Aġenzija ser torganizza u/jew tikkontribwixxi għal kampanji speċifiċi ta' informazzjoni kif meħtieġ.

Ser tiġi ffukata wkoll enfasi speċifika fuq komunikazzjoni regolari u komprensiva mal-Istati Membri u l-Bord ta' Tmexxija fir-rigward tal-progress tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma fl-intier tiegħu u proġetti u attivitajiet strateġiċi speċifiċi b'mod partikolari.

L-Aġenzija hija meħtieġa wkoll mill-bażijiet legali tas-sistemi tal-IT ġestiti minnha li tippubblika ċerti tipi ta' informazzjoni, inklużi listi ta' awtoritajiet nazzjonali li għandhom id-dritt li jaċċessaw jew jużaw dejta fis-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija u aġġornamenti fit-tali listi.

*Ara wkoll l-għan speċifiku GC2 u 5 fil-punt 2.10.3.*

#### 2.9.2.1. Bord ta' Tmexxija

L-Aġenzija ser tipprovdi appoġġ amministrattiv u loġistiku kontinwu lill-Bord ta' Tmexxija u lill-ħidma tal-Gruppi Konsultattivi permezz tas-Segretarjat tal-Bord. Il-Bord ta' Tmexxija ser ikompli jiżgura li l-Aġenzija twettaq il-kompiti u tipprovdi r-riżultati kif stabbiliti fir-Regolament Bażiku, bl-iktar mod kosteffettiv, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija fuq perjodu medju. Minbarra l-approvazzjoni ta' dokumenti standard fiċ-ċiklu tal-ħajja annwali tal-baġit u tal-

---

[30] L-IMS ġiet adottata mill-Kunsill ĠAI fit-30.11.2009 (ara d-dok. 16637/09 ĠAI 873).

[31] L-ewwel pass ta' EIXM imwettaq fl-2010/2011 kien jikkonsisti f'eżerċizzju ta' mmappjar fl-erba' oqsma ta' leġiżlazzjoni, komunikazzjoni, flussi ta' informazzjoni u teknoloġija.

ippjanar, kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu segwiti mill-Bord ta' Tmexxija fl-2014 ser jinkludu kwistjonijiet marbutin mal-iżvilupp tal-bini permanenti tal-Aġenzija f'Tallinn u l-iżvilupp tas-sit tekniku fi Strasburgu. Fl-2014, il-Gruppi Konsultattivi ser ikomplu jipprovdu appoġġ għall-Bord ta' Tmexxija biex jadotta l-Programm ta' Ħidma 2015 u r-Rapport tal-Attività għall-2013 kif ukoll dwar kwistjonijiet tekniċi marbutin mal-evoluzzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi eżistenti.

#### 2.9.2.2. Gruppi Konsultattivi

L-Aġenzija ser tkompli bl-impenn proattiv tagħha mal-Gruppi Konsultattivi, filwaqt li tipprovdilhom l-appoġġ amminstrattiv u loġistiku meħtieġ u tissieħeb magħhom sabiex tindirizza kwistjonijiet operattivi u strateġiċi marbutin mas-sistemi ġestiti.

Id-Direttur Eżekuttiv jew ir-rappreżentant tiegħu ser jattendu l-laqgħat kollha tal-Gruppi Konsultattivi bħala osservaturi.

Il-prijoritajiet għal dawn il-gruppi għall-2014 ser jinkludu s-segwitu tal-bidu tat-tħaddim tas-SIS II, il-monitoraġġ tal-użu ta' din is-sistema, il-kwistjonijiet tekniċi marbutin mal-adattament tal-EURODAC skont ir-Regolament Imfassal mill-Ġdid, it-tlestija tat-tnedija tal-VIS u l-VIS MAIL 2. Prijorità oħra għall-gruppi kollha ser tkun it-tħejjijiet tekniċi għall-adeżjoni f'dawn is-sistemi tal-IT ta' Stati Membri ġodda, it-tħejjijiet biex is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri attwali jkunu teknikament lesti u integrati biex jissieħbu fis-SIS II u l-VIS.

*Ara wkoll l-għanijiet speċifiċi AS7 u 8 fit-taqsima 2.10.5.*

## 2.10. L-għanijiet operattivi speċifiċi u l-indikaturi tal-prestazzjoni

### 2.10.1. Strateġija u Governanza

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| **GOV1** | 1.1 Implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-governanza korporattiva kif definit fl-2013 | 1.1 Il-kompiti pprovduti fil-Pjan ta' implimentazzjoni għall-2014 imwettqa | 1.1 Pjan ta' implimentazzjoni mħejji.<br>1.2 Ħidma mwettqa skont il-pjan<br>1.3 Rapportar regolari dwar il-progress ipprovdut |
| **GOV2** | 2.1 Implimentazzjoni tal-KPI għal prestazzjoni korporattiva | 2.1 Indikaturi tal-KPI definiti, maqbula u implimentati | 2.1 KPI mmonitorjat u rrapportat regolarment<br>2.2 Analiżi tal-prestazzjoni mdaħħla fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.<br>2.3 Persunal tal-Aġenzja jaġġorna regolarment dwar il-prestazzjoni tal-organizzazzjoni u l-impenn |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | billi jindirizza l-opportunitajiet u d-dgħufijiet. |
| **GOV3** | 3.1 Żvilupp tal-mudell tas-servizz skont il-Pjan direzzjonali tal-implimentazzjoni tal-ITIL/ITSM | 3.1 Il-kompiti pprovduti fil-Pjan ta' implimentazzjoni għall-2014 imwettqa | 3.1 Riżultati miksuba skont il-pjan<br>3.2 Rapportar regolari dwar il-progress ipprovdut |
| **GOV4** | 4.1 Żvilupp ulterjuri tal-istandards ta' kontroll intern | 4.1 Awditjar intern regolari<br>4.2 It-tim tal-ġestjoni tal-Aġenzija jrid jiżgura segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar | 4.1 Rapporti tal-awditjar analizzati mit-tim tal-ġestjoni<br>4.2 Sejbiet fir-rapporti tal-awditjar ikkomunikati lill-persunal<br>4.3 Pjan ta' azzjoni mħejji u implimentat biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet |

### 2.10.2. Forniment tas-Servizz

*(Ġestjoni operattiva tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC u t-tħejjijiet għal sistemi ġodda tal-IT)*

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | **Prodott potenzjali** | **Indikatur tal-prestazzjoni** |
| **DEV1** | 1.1 Monitoraġġ u evoluzzjoni tal-Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz għas-sistemi ġestiti mill-Aġenzija[32]. | 1.1 Analiżi regolari tas-servizz<br>1.2 Rapporti regolari dwar il-kwalità tas-servizz | 1.1 Twettiq regolari ta' analiżi tas-servizz u ta' rapporti dwar il-kwalità tas-servizz<br>1.2 KPIs tas-servizz skont l-FLS issodisfati<br>1.3 Opportunitajiet identifikati għat-titjib tas-servizz. |
| **DEV2** | 2.1 Ġestjoni operattiva tas-SIS II<br>2.2 Evoluzzjoni tas-SIS II | 2.1 Il-kompiti kollha meħtieġa biex jiġi żgurat funzjonament 24/7 tas-SIS II Ċentrali skont il- | 2.1 Livelli ta' servizz maqbula issodisfati skont l-FLS taħt DEV1 t'hawn fuq. |

[32] Fir-rigward tal-VIS, l-EURODAC, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sigurtà, l-Aġenzija ser ikollha żżomm il-livell ta' servizz li kien fis-seħħ qabel ħadet is-sistemi f'idejha. Ser tiżgura wkoll livell ta' servizz ekwivalenti għas-SIS II.

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | | bażijiet legali għal din is-sistema. B’mod partikolari l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-tħaddim bla xkiel tas-sistema u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni teknika tas-sistema.<br>2.2 Evoluzzjoni tas-sistema ppjanata u mwettqa<br>2.3 Sorveljanza u monitoraġġ tal-ħidma skont il-kuntratt għall-manutenzjoni tas-SIS II.<br>2.4 Assistenza lill-Istati Membri | 2.2 Kisbiet u prodotti finali maqbula milħuqa skont il-kompiti ta’ manutenzjoni u evoluzzjonarji maqbula mal-Istati Membri fil-qafas tal-kuntratt għall-manutenzjoni tas-SIS II. |
| **DEV3** | 3.1 Ġestjoni operattiva tal-VIS<br>3.2 Evoluzzjoni tal-VIS | 3.1 Ġestjoni Operattiva<br>Il-kompiti kollha meħtieġa biex jiġi żgurat funzjonament 24/7 tal-VIS Ċentrali skont il-bażijiet legali għall-VIS. B’mod partikolari l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-tħaddim bla xkiel tas-sistema. Dan ser jinkludi wkoll il-monitoraġġ tal-prestazzjoni teknika tas-sistema.<br>3.2 Manutenzjoni u aġġornament ta’:<br>• Id-database tal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni<br>• Il-Gwida għas-Soluzzjonijiet | 3.1 Livelli ta’ servizz maqbula issodisfati skont il-FLS taħt DEV1 t’hawn fuq.<br>3.2 Kisbiet u prodotti finali maqbula milħuqa skont il-kompiti ta’ manutenzjoni u evoluzzjonarji maqbula mal-Istati Membri fil-qafas tal-kuntratt għall-manutenzjoni tal-VIS.<br>3.3 Tnedija maqbula skedata għall-implimentazzjoni tal-VIS kif ippjanat<br>3.4 Utenti ġodda rreġistrati skont il-pjanijiet miftehmin. |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | **Prodott potenzjali** | **Indikatur tal-prestazzjoni** |
| | | • Id-Database tal-Għarfien<br>• Lista eżawrjenti ta' FAQs għall-utenti<br><br>3.3 Sorveljanza u monitoraġġ tal-ħidma ta' manutenzjoni skont il-kuntratt tal-VIS MWO.<br>3.4 Implimentazzjoni tat-tnedija maqbula skedata għall-VIS<br>3.5 Integrazzjoni ta' utenti ġodda | |
| **DEV4** | 4.1 Ġestjoni operattiva tal-EURODAC<br>4.2 Evoluzzjoni tal-EURODAC | 4.1 Il-kompiti kollha meħtieġa biex jiġi żgurat funzjonament 24/7 tal-EURODAC Ċentrali skont il-bażijiet legali għal din is-sistema. B'mod partikolari l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi meħtieġa għat-tħaddim bla xkiel tas-sistema.<br>Dan ser jinkludi ħidma għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni teknika tas-sistema.<br>4.2 Implimentazzjoni tar-rekwiżiti fir-Regolament imfassal mill-ġdid dwar l-EURODAC.<br>4.3 Integrazzjoni ta' utenti ġodda | 4.1 Livelli ta' servizz maqbula ssodisfati skont l-FLS taħt DEV1 t'hawn fuq.<br>4.2 Kisbiet u prodotti finali maqbula milħuqa skont il-kompiti ta' manutenzjoni u evoluzzjonarji maqbula mal-Istati Membri fil-qafas tal-kuntratt għall-manutenzjoni tal-EURODAC.<br>4.3 Ir-rekwiżiti l-ġodda fir-Regolament imfassal mill-ġdid dwar l-EURODAC implimentati kif ippjanat |
| **DEV5** | Sistemi tal-IT Ġodda<br>5.1 Twettiq ta' studji dwar il-fattibilità u pariri lill-Kummissjoni dwar | 5.1 Stimi ta' pjan tar-riżorsi (inklużi finanzjarji) u tal-implimentazzjoni għall-pilota ppjanat | 5.1 Kontribut tal-Aġenzija għall-istudju tal-fattibilità kif ippjanat<br>5.2. Dokumentazzjoni tal- |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | aspetti tekniċi dwar l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' Dħul/Ħruġ u RTP<br>5.2 Tkun lesta li tieħu f'idejha l-ġestjoni ta' sistemi oħrajn. | għall-2015<br>5.2 Tħejjija tad-dokumentazzjoni tal-offerta meħtieġa għall-pilota<br>5.3 Valutazzjoni regolari tal-kapaċitajiet li tittieħed responsabilità għas-sistemi addizzjonali | offerta meħtieġa mħejjija fil-ħin<br>5.3 Pjanijiet tar-riżorsi fis-seħħ biex tiġi indirizzata l-kapaċità tal-Aġenzija li tieħu r-responsabilità ta' sistemi oħrajn |

### 2.10.3. Operazzjonijiet u Infrastruttura tal-IT

*(Ġestjoni tas-sistemi, ġestjoni tan-netwerk, servizz tal-għajnuna, monitoraġġ tal-prestazzjoni, statistika, rapportar)*

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| **OPI1** | 1.1 Ġestjoni tal-infrastruttura tas-sistemi: (sistemi operattivi, softwer tad-database u oħrajn u prodotti lesti għall-bejgħ, inklużi aġġornamenti) | 1.1 Infrastruttura tas-sistemi aġġornata<br>1.2 Patches u aġġornamenti meħtieġa applikati | 1.1 Rekwiżiti tal-prestazzjoni maqbula issodisfati skont l-FLS taħt DEV1 t'hawn fuq. |
| **OPI2** | Netwerks:<br>2.1 Monitoraġġ tan-netwerk u koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-netwerk għas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC u l-iżgurar tas-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-VIS u l-EURODAC *(is-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni* | 2.1 L-iżgurar tad-disponibilità u l-prestazzjoni tan-Netwerk sTESTA (kif iddefinit fl-indikaturi tan-netwerk li ġejjin għan-netwerk għas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC)<br>2.1.1 Disponibilità tas-sit (disponibilità tat-TAP imkejjel mill-apparat ta' monitoraġġ tal-FLS, bejn it-TAP u sit ta' referenza ddefinit (CU u BCU)). | 2.1 Rekwiżiti tal-prestazzjoni maqbula issodisfati skont il-FLS taħt DEV1 t'hawn fuq.<br>2.2 Il-fornituri tan-netwerk tas-servizz jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sigurtà<br>2.3 Pjan ta' migrazzjoni implimentat skont l-iskeda maqbula.<br>2.4 Mudell transizzjonali għaċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tan-Netwerk implimentat u operattiv u li |

| ID | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | *għas-SIS II tibqa' taħt ir-responsabilità tal-Kummissjoni)*.<br>2.2 L-iżgurar li l-miżuri u l-prekawzjonijiet applikabbli għal kwalunkwe kompitu tan-netwerk fdat lil korpi esterni mis-settur privat jiġu rispettati bis-sħiħ.<br>2.3 L-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-ħidma fir-rigward tal-migrazzjoni tan-netwerk sTESTA attwali skont il-kuntratt il-ġdid għas-servizzi WAN.<br>2.4 L-istabbiliment ta' Mudell transizzjonali għaċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tan-Netwerk (NOC) biex tiġi żgurata parti "magħluqa" tal-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni l-ġdida<br>2.5 Trasferiment tal-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-VIS mail mill-fornitur tan-netwerk sTESTA għall-eu-LISA. | 2.2 Validazzjoni tal-proċeduri operattivi tal-kuntratturi esterni u l-konformità tagħhom ma' dispożizzjonijiet relatati fil-kuntratti<br>2.3 Tħejjija u implimentazzjoni tal-migrazzjoni tan-netwerk għall-VIS, is-SIS II u l-EURODAC fl-oqsma ta' kompetenzi tal-Aġenzija (monitoraġġ, sigurtà u ġestjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur il-ġdid tan-netwerk).<br>2.4 Tħejjija u implimentazzjoni tal-Mudell transizzjonali għaċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tan-Netwerk skont il-bażi legali u li jkopri l-kompetenzi tal-eu-LISA marbutin mal-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni (monitoraġġ, sigurtà u ġestjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur il-ġdid tan-netwerk).<br>2.5 Sistemi operattivi tal-VIS mail ġestiti mill-eu-LISA. | jkopri l-kompetenzi tal-eu-LISA fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni l-ġdida.<br>2.5 Trasferiment tas-sistemi VIS mail skont l-iskeda maqbula. Il-ġestjoni operattiva tas-sistemi VIS mail imwettqa skont l-FLS definit |
| **OPI3** | 3.1 Servizz tal-għajnuna | 3.1. Inċidenti solvuti<br>3.2. Disponibilità tas-sistema ta' ġestjoni tas-servizz tal-għajnuna | 3.1 Livelli tal-prestazzjoni maqbula issodisfati skont l-FLS taħt DEV1 hawn fuq.<br>3.2 Numru ta' inċidenti solvuti |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | **Prodott potenzjali** | **Indikatur tal-prestazzjoni** |
| **OPI4** | 4.1 Monitoraġġ u rfirnar tal-prestazzjoni tas-sistema għall-monitoraġġ tal-funzjonament tekniku tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC ġestiti minnha u għall-ġbir tad-dejta teknika meħtieġa kollha biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' rapportar, statistika u monitoraġġ tagħha. | 4.1 Statistika u informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sistemi kif previst fil-bażijiet legali | 4.1 Kwalità u puntwalità tal-kontribut fir-rapportar |
| **OPI5** | Statistika<br>5.1. Forniment ta' statistika dwar is-sistemi tal-IT kif stabbilit fir-Regolament Bażiku u l-bażijiet legali għas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija | 5.1 Forniment tal-istatistika kollha<br>• Statistika dwar is-SIS II<br>• Statistika dwar il-VIS<br>• Statistika trimestrali, statistika annwali<br>• ġabriet dwar il-ħidma tal-Unità Ċentrali tal-EURODAC<br>u kwalunkwe statistika oħra li tista' tkun meħtieġa dwar l-EURODAC | 5.1 Puntwalità u konformità mal-obbligi legali<br>5.2 Kwalità u komprensività tar-rapporti. |
| **OPI6** | Rapportar<br>Twettiq tal-obbligi kollha ta' rapportar stabbiliti fir-Regolament Bażiku u l-bażijiet legali għas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija bħal:<br>6.1. Ir-rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali tal-EURODAC<br>6.2. Ir-rapport dwar il- | 6.1 Ir-rapporti msemmija fil-bażijiet legali. | 6.1 Konformità mal-obbligi ta' rapportar kif definit fl-istrumenti legali |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | funzjonament tekniku inkluża s-sigurtà tal-VIS u tas-SIS II sentejn wara li bdiet titħaddem *(u mbagħad kull sentejn)* u l-preżentazzjoni tiegħu lill-PE, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni | | |

### 2.10.4. Koordinazzjoni Ġenerali

*(Pjanar strateġiku, riċerka u żvilupp, rapportar tal-prestazzjoni korporattiva, kooperazzjoni bejn l-aġenziji, parir legali, komunikazzjoni interna u esterna, informazzjoni għall-Kummissjoni, il-PE, il-KEPD u t-taħriġ tal-Istati Membri għall-Istati Membri, l-operaturi ta' SIRENE u l-evalwaturi ta' Schengen)*

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| **GC0** | L-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' ppjanar strateġiku tal-Aġenzija | • 0.1 Strateġija fit-tul għall-Aġenzija mħejjija u aġġornata<br>• 0.2 Pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni tal-arkitettura tal-intrapriża<br>• 0.3 Programm ta' ħidma pluriennali | 0.1 Strateġija għall-Aġenzija adottata mill-Bord ta' Tmexxija<br>0.2 Pjan direzzjonali tal-arkitettura korporattiva implimentat<br>0.3 Abbozz ta' programm ta' ħidma pluriennali mħejji |
| **GC 1** | **Riċerka u żvilupp**<br>1.1. Monitoraġġ tat-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet il-ġodda rilevanti għall-ġestjoni operattiva u l-evoluzzjoni tas-SIS II, il-VIS, l-EURODAC u sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira. | 1.1. Rapporti ta' monitoraġġ regolari dwar it-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet il-ġodda<br>1.2 Komunikazzjoni regolari lill-persunal u lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija<br>1.3 Appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-ippjanar | 1.1 Teknoloġiji/soluzzjonijiet ġodda identifikati u vvalutati<br>1.2 Proposti għal teknoloġiji/soluzzjonijiet imressqa lill-maniġment tal-Aġenzija |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | **Prodott potenzjali** | **Indikatur tal-prestazzjoni** |
| | 1.2. Notifiki lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta fuq bażi regolari | strateġiku | |
| **GC 2** | **Rapportar tal-Prestazzjoni Korporattiva:**<br>2.1 Adozzjoni tar-rapport dwar l-Attività Annwali għall-Aġenzija għall-2013 u l-preżentazzjoni lill-PE, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri | 2.1 Abbozz ta' rapport dwar l-Attività Annwali | 2.1. Kwalità u puntwalità (15 ta' Ġunju 2014)<br>2.2 Rapport adottat mill-Bord ta' Tmexxija |
| **GC3** | 3.1 Kooperazzjoni bejn l-aġenziji | 3.1 Pjanijiet ta' azzjoni skont l-MoUs iffirmati<br>3.2 Riżultati/eżiti miksuba mill-inizjattivi konġunti | 3.1 Azzjonijiet fil-pjanijiet imwettqa kif maqbula<br>3.2 Sodisfazzjon mill-partijiet ikkonċernati |
| **GC4** | **Parir legali:**<br>4.1. Iż-żamma u l-iżvilupp tal-qafas għall-għoti ta' parir legali fejn meħtieġ għall-operazzjonijiet interni tal-Aġenzija u sabiex tiġi difiża l-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-estern kif meħtieġ | 4.1. Pariri legali għat-teħid ta' deċiżjonijiet intern<br>4.2. Parir legali fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Aġenzija fi kwalunkwe tilwima possibbli | 4.1 Puntwalità u kwalità tal-pariri pprovduti<br>4.2 Numru ta' deċiżjonijiet interni u esterni kkontestati |
| **GC5** | **Komunikazzjoni interna:**<br>Biex jiġu promossi l-missjoni, il-viżjonijiet u l-valuri ewlenin tal- | 5.1. Sit tal-intranet u għodod kollaborattivi mfassla għall-Persunal tal-Aġenzija<br>5.2. Attivitajiet u | 5.1 Aġġornamenti regolari dwar il-progess bl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma u l-progress strateġiku |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | **Prodott potenzjali** | **Indikatur tal-prestazzjoni** |
| | Aġenzija bħala mexxejja għall-iżvilupp ta' kultura korporattiva tal-Aġenzija. | avvenimenti interni informali ta' sensibilizzazzjoni<br>5.3. Attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-prijorità tal-kisba ta' għanijiet strateġiċi u objettivi operattivi tal-Aġenzija<br>5.4 Pjan ta' komunikazzjoni interna | 5.2 Attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni kull xahar<br>5.3 Riżultati pożittivi mill-istħarriġ regolari tal-persunal<br>5.4. Pjan ta' komunikazzjoni interna mwettaq kif maqbul<br>5.5 Livell ta' sodisfazzjon tal-persunal tal-Aġenzija |
| **GC6** | **Komunikazzjoni esterna:**<br>Biex tiġi promossa l-Aġenzija u s-sistemi li tħaddem u biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-komunikazzjoni stabbiliti fir-Regolament Bażiku u l-bażijiet legali tas-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija | 6.1 Aġġornamenti regolari fis-sit elettroniku tal-Aġenzija u l-ottimizzazzjoni tal-viżibilità tas-sit.<br>6.2. L-iżvilupp ta' netwerk ta' kuntatti tal-midja, il-bini ta' relazzjonijiet sodi ma' dawn il-kuntatti, il-forniment ta' informazzjoni valida għall-midja (messaġġi ddefiniti b'mod ċar), il-valutazzjoni tal-impatt permezz ta' monitoraġġ u analiżi mill-istampa u l-organizzazzjoni ta' taħriġ dwar il-midja għall-persunal tal-Aġenzija<br>6.3. Pjan ta' komunikazzjoni esterna<br>6.4 L-ilħuq tar-rekwiżiti kollha ta' pubblikazzjoni stabbiliti fil-bażijiet legali, b'mod partikolari:<br>6.5 Il-pubblikazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2015 u r-rapport dwar l-attività annwali għall-2013<br>6.6 Il-pubblikazzjoni | 6.1 Pjan ta' komunikazzjoni esterna implimentat kif ippjanat.<br>6.2 Żieda progressiva fl-għadd ta' nies li żaru s-sit elettroniku tal-Aġenzija matul is-sena<br>6.3 Sodisfazzjon fost l-utenti u l-partijiet ikkonċernati (stħarriġ annwali fuq is-sit elettroniku, stħarriġ wara kull kampanja)<br>6.4 Kwalità u kwantità ta' kopertura mill-istampa dwar żviluppi kbar relatati mal-Aġenzija.<br>6.5 Ilħuq fil-ħin tar-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni skont il-bażijiet legali (rapport annwali għall-Aġenzija, listi ta' awtoritajiet nazzjonali u aġġornamenti annwali fihom u obbligi ta' rapportar oħrajn) |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | | annwali ta' listi tal-awtoritajiet nazzjonali awtorizzati jużaw jew ifittxu dejta fis-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija (SIS II, VIS, EURODAC), kif iddefinit fil-bażijiet legali għal dawn is-sistemi. | |
| **GC7** | Informazzjoni għall-Kummissjoni, il-Parlament, il-KEPD u l-Istati Membri<br>7.1 Il-forniment lill-Kummissjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex tipproduċi evalwazzjoni regolari tal-VIS, l-EURODAC u s-SIS II<br>7.2. Notifika lill-PE u lill-Kunsill dwar il-miżuri biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-dejta użata fil-VIS[33] | 7.1 L-għoti ta' informazzjoni sħiħa kif meħtieġ | 7.1 Informazzjoni mogħtija fl-iskeda ta' żmien maqbula |
| **GC8** | Taħriġ għal **awtoritajiet nazzjonali** dwar sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija | Tal-inqas kors wieħed f'kull sistema fl-2014[34] | Sodisfazzjon tal-persuni f'taħriġ (=> Tal-inqas 3 fuq skala ta' 1 sa 5) |

[33] F'Mejju 2010, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni dwar Pjan tas-Sigurtà għall-VIS, li timplimenta d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-istrumenti bażiċi tal-VIS. Din id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ meta ġiet attivata l-VIS u ser tibqa' fis-seħħ sakemm l-Aġenzija, li ser ikollha l-pjanijiet tas-sigurtà tagħha stess, tieħu r-responsabilitajiet tagħha f'idejha.

[34] Id-disponibilità tal-Aġenzija ser tiddependi mill-istat tal-baġit għall-2014 u mill-prijoritajiet f'termini ta' ħtiġijiet interni.

| ID | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| **GC9** | Taħriġ għall-operaturi ta' SIRENE | 2 korsijiet fl-2014 | Sodisfazzjon tal-persuni f'taħriġ (=> tal-inqas 3 fuq skala ta' 1 sa 5) |
| **GC10** | Taħriġ tat-tim ta' evalwazzjoni u l-esperti ewlenin ta' Schengen | Kors wieħed fl-2014 skont ir-rekwiżiti tal-esperti | Sodisfazzjon tal-persuni f'taħriġ (=> Tal-inqas 3 fuq skala ta' 1 sa 5) |

### 2.10.5. Riżorsi Umani u Amministrazzjoni

(Riżorsi umani, Loġistika u ġestjoni tal-faċilità, appoġġ amministrattiv għall-bord ta' tmexxija u l-gruppi konsultattivi)

| ID | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | **Riżorsi Umani** | | |
| **AS1** | Taħriġ Ġenerali għall-persunal tal-Aġenzija | 1.1 Taħriġ Ġenerali<br>1.2 Avvenimenti u preżentazzjonijiet għat-tisħiħ tat-tim:<br>i) seminars interni għat-tisħiħ tat-tim<br>ii) preżentazzjonijiet matul il-pranzu/kolazzjon, possibiliment b'link VC bejn is-siti,<br>iii) ġurnata barra<br>L-attivitajiet ta' tisħiħ tat-tim ser jieħdu f'kunsiderazzjoni sħiħa l-limiti baġitarji, b'enfasi fuq soluzzjonijiet interni li ma jiħdux wisq riżorsi mill- | 90 % tal-persunal tal-Aġenzija li attenda minimu ta' 2 avvenimenti ta' tisħiħ tat-tim matul is-sena<br>100 % tal-persunal tad-dipartimenti li jestendi fuq iż-żewġ siti għandu jattendi minimu ta' 2 attivitajiet ta' tisħiħ tat-tim matul is-sena. |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | | baġit. | |
| **AS2** | Taħriġ Ġenerali għall-persunal tal-Aġenzija | 2.1 Taħriġ tal-IT tal-Pakkett ta' Merħba tal-Aġenzjia: kors ta' ġimgħa għar-rekluti ġodda li jaħdmu fil-qasam tekniku (b'aspetti komuni għas-sistemi kollha).<br>2.2 Taħriġ speċifiku tekniku[35]<br>2.3 Taħriġ kummerċjali u operattiv: taħriġ marbut mal-funzjonijiet kummerċjali u operattivi tas-sistema speċifika li l-persunal ser iħaddem/iġestixxi[36] | Ġenerali:<br>- 100 % tal-persunal attenda l-korsijiet obbligatorji elenkati fil-pjan ta' taħriġ tiegħu.<br>- Sodisfazzjon tal-persuni f'taħriġ (=> Tal-inqas 3 fuq skala ta' 1 sa 5) |
| **AS3** | Effiċjenza tat-taħriġ | 3.1 Pjanijiet ta' taħriġ standard għal kull rwol u grupp funzjonali<br>3.2 Mudelli innovattivi ta' taħriġ, bħall-approċċ ta' taħriġ lil min iħarreġ u ċampjins tal-prodott implimentati | 3.1 Numru ta' taħriġ li attenda kull impjegat<br>3.2 Effiċjenza tal-Mudell tas-servizz |
| **AS4** | L-iżvilupp ulterjuri tal-qafas ta' kompetenzi tal-Aġenzija: | 4.1 Qafas tal-karrieri bbażat fuq il-mudell konsolidat tas-servizz tal-IT tal-Aġenzija<br>4.2 Rwoli tal-impjieg standardizzati skont il- | 4.1 Proċessi ta' reklutaġġ, selezzjoni u żvilupp tal-persunal ibbażati fuq il-qafas ta' kompetenzi<br>4.2 Effiċjenza tal-Mudell tas- |

[35] Taħriġ li jikkontribwixxi direttament għall-iżvilupp u/jew l-estensjoni tal-għarfien tekniku u l-kapaċitajiet tal-persunal, meħtieġ għar-rwoli tagħhom fl-organizzazzjoni

[36] Pereżempju, kif inhuma pproċessati l-viżi, l-ambjent kummerċjali għall-EURODAC u kif jiġu solvuti l-inċidenti. Għall-VIS u s-SIS II, dan it-taħriġ ser jiġi pprovdut fuq il-bażi tal-materjal ipprovdut mill-kuntrattur ewlieni tal-iżvilupp matul il-pjanijiet ta' Transizzjoni tal-VIS/BMS u s-SIS II (primarjament proċeduri operattivi li jiddeskrivu xenarji operattivi fuq skala kbira jew dawk ta' kuljum).

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | **Prodott potenzjali** | **Indikatur tal-prestazzjoni** |
| | | kapaċitajiet tat-timijiet u l-ħtiġijiet tal-persunal kollha<br>4.3 Familji ta’ impjiegi biex il-persunal tas-servizzi tal-IT jiġi organizzat fi gruppi funzjonali simili<br>4.4 Analiżi regolari tal-ħtiġijiet tal-persunal u tat-taħriġ | servizz tal-Aġenzija |
| **AS5** | Reklutaġġ u żamma tal-persunal | Livelli tal-persunal stabbli tat-timijiet fl-Aġenzija | 5.1 Karigi mimlija fi żmien 20 ġimgħa mill-pubblikazzjoni.<br>5.2 Ċaqliq tal-persunal matul is-sena |
| **AS6** | **Il-loġistika u l-ġestjoni tal-faċilità**<br>Il-forniment ta’ servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-bini, il-ġestjoni tal-faċilità u l-loġistika fis-siti kollha tal-Aġenzija; | 6.1 Kompiti li għaddejjin marbutin mal-ġestjoni tal-infrastruttura tal-bini temporanju tal-kwartieri ġenerali f’Tallinn.<br>6.2 L-iżgurar li x-xogħol biex isir disponibbli bini ġdid għall-kwartieri ġenerali f’Tallinn iżomm mal-iskeda<br>6.3 Kompiti li għaddejjin marbutin mal-ġestjoni tal-infrastruttura għas-sit f’St Johann im Pongau<br>6.4 Tħaddim ta’ rutina tas-servizzi loġistiċi li ma jaqtax; | 6.1 Stħarriġ annwali. Sodisfazzjon tal-utenti b’minimu ta’ 75 %.<br>6.2 Ammont ta’ ħidma għall-bini permanenti tal-eu-LISA skedat għall-2014 lest fil-ħin (mira >= 80 %) |
| **AS7** | Twettiq tal-proċeduri tal-akkwist għall-kisba ta’ kuntrattur(i) għall-konverżjoni mill-ġdid tas-sit tekniku fi Strasburgu | Dokumentazzjoni tal-akkwist<br>Proċedura/i tal-akkwist | Dokumentazzjoni tal-akkwist ippreżentata fil-ħin<br>Proċedura/i tal-akkwist imwettqa sal-aħħar tas-sena |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| AS8 | Appoġġ amministrattiv lill-Bord ta' Tmexxija | Organizzazzjoni ta' mill-inqas 2 laqgħat (koordinazzjoni ta' arranġamenti loġistiċi, koordinazzjoni ta' aġenda u dokumentazzjoni u parteċipazzjoni tal-ED fil-laqgħa). | Kwalità u puntwalità tal-prodotti finali (b'mod partikolari, dokumenti disponibbli minn qabel il-laqgħat, skont it-termini tal-proċeduri operattivi) |
| AS9 | Appoġġ amministrattiv lill-Gruppi Konsultattivi | L-Aġenzija għandha tiżgura s-segretarjat. | Kwalità u puntwalità tal-prodotti finali |

### 2.10.6. Finanzi, Akkwist u Kuntratti

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| PC1 | 1.1 Konsolidazzjoni ulterjuri u tisħiħ mill-ġdid tal-proċeduri finanzjarji u tal-akkwisti, inklużi kontrolli *ex ante*.<br>1.2. Il-bini u ż-żamma tal-kapaċitajiet biex jiġi pprovdut parir kompetenti dwar proċeduri tal-akkwist internament u lil kuntratturi u fornituri potenzjali. | 1.1 Konsolidazzjoni tal-proċeduri interni<br>1.2 Komunikazzjoni regolari lill-persunal<br>1.3 Koordinazzjoni tal-fażijiet kollha tal-proċedura ta' kuntrattar u l-għoti ta' feedback dwar l-ambitu għal titjib.<br>1.4 L-għoti ta' pariri u taħriġ intern kif meħtieġ. | 1.1 Numru ikbar ta' persunal imħarreġ.<br>1.2 Numru ikbar ta' proċeduri tal-akkwist li tlestew fil-ħin<br>1.3 Sodisfazzjon tal-utenti (permezz ta' stħarriġ annwali, riżultat >=75 %) |
| PC2 | L-ipproċessar tal-fatturi/talbiet kollha għar-rimborż fi ħdan il-limiti ta' żmien stabbiliti. | 2.1 Ħlasijiet fil-ħin<br>2.2 Analiżi perjodika tad-dewmien u l-analiżi tiegħu | 2.1. Inqas minn 10 % tat-transazzjonijiet ma tħallsux fi ħdan il-limiti regolatorji.<br>2.2 L-analiżi twassal għal għanijiet konkreti għat-titjib |
| PC3 | Iż-żamma u l-iżvilupp ulterjuri ta' informazzjoni | 3.1 rapporti kull xahar dwar l-implimentazzjoni baġitarja | 3. Puntwalità tar-rapporti u l-analiżijiet kull xahar u l-livell ta' sodisfazzjon tal-utenti |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | **Prodott potenzjali** | **Indikatur tal-prestazzjoni** |
| | finanzjarja mfassla għall-ġestjoni tal-Aġenzija. | 3.2 analiżi kull xahar tal-ħlasijiet | (stħarriġ annwali. Sodisfazzjon tal-utenti>=75 %) |
| **PC4** | Kontribut għall-iżvilupp, is-semplifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-akkwisti tal-Aġenzija, filwaqt li jiġi żgurat rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni u l-linji gwida tal-UE. | Analiżi interna perjodika ta' proċeduri, filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-kontribut mill-utenti, bidliet *ex ante* u oħrajn fi proċeduri ċentrali (tal-inqas darba fis-sena, sabiex jiġu proposti pjanijiet ta' azzjoni biex isir titjib). | It-twettiq ta' analiżi perjodika (qabel tmiem l-2014) u l-implimentazzjoni ta' bidliet f'konformità mal-pjan ta' azzjoni u skont l-iskeda tiegħu. |
| **PC5** | Irfinar u validazzjoni tas-sistema kontabilistika tal-Aġenzija, inklużi s-sistemi lokali ta' ġestjoni finanzjarja | 5.1 Is-sistema tal-Kontabilità tal-Aġenzija mfassla u vvalidata.<br>5.2 Introduzzjonijiet u modifiki tas-sistema jsiru wara konsultazzjoni mal-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni u validazzjoni mill-uffiċjal tal-kontabilità. | Valutazzjoni esterna pożittiva |
| **PC6** | Iż-żamma u l-preżentazzjoni tal-kontijiet skont it-Titolu VII tar-Regolament Finanzjarju | 6.1. Il-kontijiet jikkonformaw mar-regoli, huma preċiżi u komprensivi u jippreżentaw idea vera u ġusta tal-assi u l-obbligi tal-Aġenzija, is-sitwazzjoni finanzjarja u r-riżultat tas-sena finanzjarja tagħha;<br>6.2. Il-ktieb tad-dħul u s-sistema ġenerali tal-ktieb jiġu miżmuma u jkun fihom dejta aġġornata;<br>6.3. Il-maniġment tal-Aġenzija jingħata informazzjoni regolari dwar it-transazzjonijiet li daħħal u vvalida fis-sistema kontabilistika | 6.1-2 Il-kontijiet jirrispettaw id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament Finanzjarju<br>6.3. Puntwalità tar-rapporti pprovduti<br>6.3 u 6.6 Laqgħat fix-xahar mal-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni<br>6.5. Inqas każijiet ta' diskrepanzi<br>6.6 Laqgħat kull xahar mal-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni<br>6.7 Ebda osservazzjoni negattiva sinifikanti |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | | ċentrali (ABAC/SAP);<br>6.4. Il-ġestjoni tat-teżor u r-reġistru tal-assi jiġu rrikonċiljati b'mod regolari u f'każ ta' xi diskrepanza, il-partijiet rilevanti jiġu mgħarrfa kif xieraq dwar dan;<br>6.5. Il-monitoraġġ regolari tar-regolarizzazzjoni ta' operazzjonijiet mhux tal-baġit huwa żgurat;<br>6.6. L-interfaċċja ma' uffiċjali tal-awtorizzazzjoni dwar kwistjonijiet kontabilistiċi;<br>6.7. L-implimentazzjoni tar-regoli u l-metodi tal-kontabilità u l-karta tal-kontijiet skont id-dispożizzjonijiet adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni Ewropea. | |
| PC7 | Implimentazzjoni tal-istandards kollha ta' kontroll intern fi ħdan l-organizzazzjoni, biex isiru analiżi perjodiċi u biex jiġi żgurat li l-persunal ikun mgħarraf dwar dawn l-istandards u kwalunkwe proċedura relatata. | 7.1 Implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istandards kollha fi ħdan l-Aġenzija.<br>7.2 L-istandards marbutin mal-ġestjoni finanzjarja għandhom jiġu implimentati malajr kemm jista' jkun.<br>7.3 Fir-rigward tal-analiżi tar-riskji, minħabba l-għamla tas-sistemi tal-IT ġestiti minnha, l-Aġenzija hi mistennija taqbeż malajr l-istandards tal-linja bażi f'dan il-qasam.<br>7.4. 2 analiżi fis-sena. | 7.1 Għadd ta' standards implimentati bis-sħiħ Mira: 100 % konformità.<br>7.2 Jekk, minħabba ċirkustanzi ta' eċċezzjoni, ikun hemm għadd żgħir ta' standards li mhumiex implimentati bis-sħiħ, iridu jiddaħħlu fis-seħħ pjanijiet ta' azzjoni ċari biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun wara tmiem is-sena. |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | | 7.5. Il-pubblikazzjoni ta’ sommarju ta’ standards fuq l-intranet u referenza għalihom fit-taħriġ ta’ introduzzjoni għall-persunal. | |
| PC8 | Implimentazzjoni tal-ħlasijiet, ġbir tad-dħul, segwitu għan-noti, VAT u ordnijiet ta’ rkupru | Politika rigoruża dwar it-teżor implimentata. | Il-fondi fil-kontijiet tal-bank jikkorrispondu għall-ħtieġa attwali tal-Aġenzija |
| PC9 | Tħejjija u implimentazzjoni ta’ pjan tal-akkwist | 9.1 Pjan tal-akkwist għall-2014<br>9.2 Analiżi regolari | 9.1 Kwalità u puntwalità tal-proċeduri tal-akkwist<br>9.2 Pjan implimentat kif maqbul |

### 2.10.7. Sigurtà u protezzjoni tad-dejta

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| SE1 | Sigurtà<br>L-iżgurar li l-uffiċċji tal-Aġenzija joperaw f’ambjent b’sigurtà adegwata li jirrispetta l-pjan tas-sigurtà għall-Aġenzija (u l-pjan ta’ rkupru minn diżastru, ladarba jitlesta). Dan ser jinkludi miżuri li jiżguraw li l-persunal ikun kompletament konxju mir-regoli u l-proċeduri bażiċi dwar is-sigurtà marbutin mal-attivitajiet tagħhom u li jiġu rrapportati l- | 1.1 Pariri/aġġornamenti lil unitajiet oħrajn tal-Aġenzija dwar is-sigurtà<br>1.2 Taħriġ għall-persunal dwar is-sigurtà<br>1.3 Verifika tal-funzjonament tal-proċeduri dwar is-sigurtà<br>1.4 Pjanijiet ta’ azzjoni biex tiġi indirizzata kwalunkwe kwistjoni identifikata.<br>1.5 Pjan ta’ Kontinwità Kummerċjali | 1.1 Kwalità u ċarezza tal-informazzjoni<br>1.2 Il-persunal kollu ħa sehem fit-taħriġ dwar is-sigurtà sa tmiem l-2014<br>1.3 Ebda sejba negattiva serja<br>1.4 BCP imħejji u implimentat kif maqbul |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | inċidenti u l-irregolaritajiet. | | |
| SE2 | L-iżgurar li jiġu rispettati r-regoli dwar ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u segretezza professjonali għall-persunal li jaħdem b'dejta fis-sistemi | 2.1 Informazzjoni/taħriġ għall-persunal<br>2.2 verifiki kull ċertu żmien (tal-inqas darba fis-sena) + dħul fis-seħħ ta' pjanijiet ta' azzjoni biex tiġi rrimedjata kwalunkwe kwistjoni identifikata. | 2.2 Ebda sejba negattiva sinifikanti |
| SE3 | Prova tal-pjan ta' kontinwità kummerċjali u ta' rkupru minn diżastru għall-Aġenzija. | 3.1 Provi perjodiċi (kull trimestru) | 3.1 Puntwalità tal-implimentazzjoni |
| SE4 | L-iżgurar li l-aspetti kollha dwar is-sigurtà ttieħdu f'kunsiderazzjoni matul l-ippjanar u r-restawr tal-bini tal-Aġenzija | 4.1 Verifika li l-bini huwa konformi mal-istandards tas-sigurtà.<br>Implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għal kwalunkwe kwistjoni identifikata. | 4.1 Sodisfazzjon tal-utenti<br>Ebda sejba negattiva sinifikanti |
| SE5 | L-iżgurar li l-miżuri ta' sigurtà u l-pjanijiet tas-sigurtà għas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC u għan-netwerks tal-komunikazzjonijiet marbutin ma' dawn is-sistemi huma implimentati bis-sħiħ. | 5.1 informazzjoni, pariri u taħriġ għall-persunal dwar is-sigurtà<br>5.2 Rapporti regolari dwar il-konformità mad-definizzjoni dettaljata dwar il-livell ta' servizz + Verifiki annwali<br>5.3 Verifika annwali tal-funzjonament tal-BCP u, jekk meħtieġ, reviżjoni.<br>5.4 Ġestjoni tal-kodiċi kriptografiċi għan-netwerk TESTA-ng | 5.1 L-indikaturi speċifiċi ser ikunu fil-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz żviluppati fl-għan OPI2 imsemmi iktar 'il fuq.<br>5.2 Implimentazzjoni tal-ġestjoni tal-kodiċi kriptografika |
| SE6 | Implimentazzjoni, żamma u żvilupp ta' proċeduri u proċessi biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni tad- | 6.1. Proċeduri interni implimentati<br>6.2 Analiżi interna regolari<br>6.3 Pjan ta' azzjoni biex | 6.1 Il-proċeduri kollha huma implimentati u segwiti<br>6.2 Ebda kwistjoni ta' protezzjoni tad-dejta matul is- |

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| | dejta fir-rigward tal-operazzjonijiet amministrattivi tal-Aġenzija u fir-rigward tas-sistemi ta' informazzjoni amministrati minnha u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom. L-iżgurar tal-konformità mal-aħjar prattika u mar-regolamenti rilevanti fis-seħħ permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-KEPD. | jiġu indirizzati d-diskrepanzi identifikati<br>6.4 Tħejjija u preżentazzjoni ta' rapport annwali lill-Bord ta' Tmexxija dwar il-protezzjoni tad-dejta, l-inċidenti u l-attivitajiet.<br>6.5 L-għoti ta' taħriġ obbligatorju lill-persunal dwar ir-rekwiżiti u r-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-dejta fis-seħħ | sena.<br>6.3 Pjan ta' azzjoni implimentat<br>6.4 Rapport dwar il-protezzjoni tad-dejta li jrid jiġi ppreżentat lill-Bord ta' Tmexxija fuq bażi annwali<br>6.5 Taħriġ obbligatorju lill-persunal dwar kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta jrid jiġi introdott |

### 2.10.8. Awditjar Intern

| I D | Għan | Prodotti potenzjali u indikatur tal-prestazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Prodott potenzjali | Indikatur tal-prestazzjoni |
| **IA1** | L-awditjar regolari tas-sistema u l-proċessi interni ta' kontroll implimentati, sabiex tiġi vvalutata l-effikaċja u, b'mod iktar ġenerali, il-prestazzjoni tal-unitajiet fl-implimentazzjoni tal-proġetti, l-azzjonijiet u s-servizzi tal-Aġenzija bil-ħsieb li jġibu magħhom titjib kontinwu. | 1.1 Pjan tal-awditjar annwali | 1.1 L-attivitajiet ipprovduti fil-pjan tal-awditjar huma implimentati bis-sħiħ<br>1.2 Pjan(ijiet) ta' azzjoni implimentat(i) biex jiġu indirizzati s-sejbiet |

## 2.11. Anness A: Previżjoni tal-baġit – baġit 2014

| INFIQ | Abbozz tal-Baġit 2014 | |
|---|---|---|
| | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
| **Titolu 1 Nefqa għal Persunal** | **18,290,000** | **18,290,000** |
| **11 Salarji u benefiċċji** | 17,372,000 | 17,372,000 |
| *- li minnhom karigi fil-pjan ta' stabbiliment* | | |
| *- li minnhom persunal estern* | | |
| **12 Nefqa għar-reklutaġġ u l-assenjazzjoni mill-ġdid** | 108,000 | 108,000 |
| **13 Spejjeż ta' missjonijiet** | 210,000 | 210,000 |
| **14 Infrastruttura soċjomedika** | 200,000 | 200,000 |
| **15 Taħriġ** | 400,000 | 400,000 |
| **Titolu 2 Infrastruttura u nfiq operattiv** | **16,850,000** | **16,850,000** |
| **20 Kiri ta' bini u spejjeż assoċjati** | 10,788,000 | 10,788,000 |
| **21 Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni korporattivi** | 2,850,000 | 2,850,000 |
| **22 Proprjetà mobbli u spejjeż assoċjati** | 445,000 | 445,000 |
| **23 Nefqa amministrattiva attwali** | 500,000 | 500,000 |
| **24 Posta** | 30,000 | 30,000 |
| **25 Laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija u oħrajn** | 400,000 | 400,000 |
| **26 Informazzjoni, Pubblikazzjoni u multimidja** | 400,000 | 400,000 |
| **27 Servizzi ta' Appoġġ Amministrattiv Estern** | 587,000 | 587,000 |
| **28 Sigurtà Korporattiva** | 850,000 | 850,000 |
| **Titolu 3 Nefqa operattiva** | **24,240,000** | **24,240,000** |

| INFIQ | Abbozz tal-Baġit 2014 | |
|---|---|---|
| | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
| **30 Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi** | 9,050,000 | 4,050,000 |
| **31 SIS II** | 0 | 5,000,000 |
| **32 VIS/BMS** | 6,500,000 | 6,500,000 |
| **33 EURODAC** | 5,500,000 | 5,500,000 |
| **36 Servizzi Operattivi mwettqa minn esterni** | 1,550,000 | 1,550,000 |
| **37 Laqgħat u missjonijiet marbutin direttament mal-Operazzjonijiet** | 950,000 | 950,000 |
| **38 Taħriġ marbut direttament mal-Operazzjonijiet** | 690,000 | 690,000 |
| **39 Sistemi ġodda** | 0 | 0 |
| ***NEFQA TOTALI*** | ***59,380,000*** | ***59,380,000*** |

**Noti:**

1. Id-differenza bejn l-impenji totali u l-approprjazzjonijiet tal-pagament hija minħabba l-approprjazzjonijiet tal-impenji operattivi riportati mill-2011, l-2012 u l-2013.
2. Dawn kienu qegħdin isegwu impenn globali approvat mill-Bord ta' Tmexxija f'Diċembru 2013:

- Impenn globali L1: EUR 25,000,000.00 għas-SIS II MWO; Impenji individwali L2 għandhom jiġu ffirmati matul l-2014 mal-implimentazzjoni ta' kuntratti speċifiċi mal-kuntrattur il-ġdid.
- Impenn globali L1: EUR 3,334,507.00 għall-estensjoni tal-manutenzjoni attwali għas-SIS II mogħti fis-06/12/2013; Impenn individwali L2 li għandu jiġi ffirmat f'Jannar 2014, mal-iskadenza tal-perjodu ta' sospensjoni obbligatorju.
- Impenn globali L1: EUR 2,000,000.00 għall-Kuntratt Speċifiku Nru 10 għall-VIS MWO; Impenji individwali L2 għandhom jiġu ffirmati fl-ewwel trimestru tal-2014 mat-tlestija tal-Ordnijiet tax-Xogħol.
- Impenn globali L1: EUR 5,000,000.00 għall-Evoluzzjoni tal-BMS; Impenn individwali L2 għandu jiġi ffirmat matul l-2014.
- Impenn globali L1: EUR 5,500,000.00 għat-tfassil mill-ġdid; Impenn individwali L2 għandu jiġi ffirmat matul is-sena mat-tlestija tal-proċedura tal-akkwist li għaddejja.

## 2.12. Anness B: Ħarsa ġenerali lejn ir-riskji kritiċi u l-miżuri ta' mitigazzjoni

Element essenzjali tal-qafas ta' governanza ġenerali tagħha, l-Aġenzija żviluppat u implimentat proċess wiesa' tal-ġestjoni tar-riskji korporattivi. Dan għandu l-għan li jidentifika u jivvaluta riskji fil-livell organizzattiv kif ukoll li jiddefinixxi strateġija ta' rispons għal kull wieħed minnhom. Il-proċess huwa integrat fiċ-ċiklu tal-ippjanar u r-rapportar annwali, f'konformità mal-Istandard tal-Kontroll Intern (ICS) Nru 6 tal-Kummissjoni[37].

Riskju huwa ddefinit bħala avveniment jew sett ta' avvenimenti inċerti li, jekk iseħħ, iħalli impatt negattiv jew pożittiv fuq il-kisba tal-għanijiet stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma annwali u t-twettiq tal-għanijiet fuq perjodu medju tal-Aġenzija. Il-ħarsa ġenerali iktar 'l isfel tispjega biss ir-riskji maġġuri identifikati filwaqt li pjan ta' ġestjoni tar-riskju separat ser jindirizza r-riskji identifikati kollha fil-livell organizzattiv.

Riskju jitqies bħala "maġġuri" u jiġi rrapportat fil-Programm ta' Ħidma u r-Rapport tal-Attività jekk jista':

- ikun ta' xkiel għall-implimentazzjoni ta' għanijiet maġġuri jew strateġiċi;
- jikkawża ħsara serja għall-partijiet ikkonċernati jew is-sħab tal-Aġenzija (il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-kumpaniji, iċ-ċittadini, eċċ.);
- jirriżulta f'intervent kritiku fil-livell politiku (eż. il-Kunsill/il-Parlament) rigward il-prestazzjoni tal-Aġenzija;
- jirriżulta fil-ksur ta' liġijiet u regolamenti;
- jirriżulta f'telf materjali u/jew finanzjarju;
- ikun ta' xkiel għas-sigurtà tal-persunal tal-Aġenzija; jew
- ikun ta' ħsara serja fi kwalunkwe mod għall-immaġni u r-reputazzjoni tal-Aġenzija.

[37] Ara wkoll l-għan speċifiku PC7 fil-punt 2.10.6

**Ħarsa ġenerali lejn ir-riskji maġġuri li jistgħu jħallu impatt fuq l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma 2014**

| ID | Deskrizzjoni tar-riskju (kawża, avveniment u effett) | Għanijiet ikkonċernati | Tip ta' rispons[38] | Azzjonijiet |
|---|---|---|---|---|
| R 01 | Mhux biżżejjed persunal minħabba l-kompiti addizzjonali assenjati lill-Aġenzija | L-għanijiet kollha | Mitigazzjoni | 1.1 Żieda fil-gradi tal-karigi kritiċi biex jiġu attirati persuni bil-ħiliet u l-kwalifiki xierqa<br>1.2 L-għoti mill-ġdid tal-prijoritajiet lix-xogħol<br>1.3 Analiżi u definizzjoni mill-ġdid tar-rwoli tal-impjiegi biex jiġi permess użu aħjar tal-persunal eżistenti<br>1.4 Tfittxija ta' inċentivi għall-persuni fit-tim biex jieħdu iktar responsabilitajiet<br>1.5 Twaqqif ta' proċess ta' rikonoxximent regolari għall-impjegati l-iktar produttivi u l-aqwa kontributuri. |
| R 02 | Ċaqliq kbir tal-persunal | L-għanijiet kollha | Mitigazzjoni | 2.1 Tfittxija ta' inċentivi għall-persuni fit-tim biex jieħdu iktar responsabilitajiet<br>2.2 Twaqqif ta' proċess ta' rikonoxximent regolari għall-impjegati l-iktar produttivi u l-aqwa kontributuri.<br>2.3 Il-membri tat-tim jiġu impenjati b'tip differenti ta' xogħol, filwaqt li jiġu pprovduti b'opportunitajiet ta' żvilupp professjonali |

[38] Ir-risponsi għat-tip ta' riskju ta' periklu huma: Mitigazzjoni (teħid ta' azzjonijiet biex jiġu mminimizzati l-probabilità jew l-impatt; ir-responsabilità għall-effett(i) tar-riskju u l-miżura/i tar-rispons jibqgħu f'idejn l-Aġenzija); Soluzzjoni (bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tal-għan kummerċjali kkonċernat); Trasferiment (parti terza tieħu r-responsabilità għar-riskju); Aċċettazzjoni (deċiżjoni konxja u deliberata biex jiġi aċċettat ir-riskju u, speċjalment, l-effett(i) possibbli fuq l-għan kummerċjali); Kondiviżjoni (ir-responsabilità għall-effett(i) tar-riskju u l-miżura/i ta' rispons għar-riskju jiġu kondiviżi bejn il-partijiet involuti)

| ID | Deskrizzjoni tar-riskju (kawża, avveniment u effett) | Għanijiet ikkonċernati | Tip ta' rispons[38] | Azzjonijiet |
|---|---|---|---|---|
| R 03 | Bidliet frekwenti fil-prijoritajiet u d-domanda għas-servizz matul is-sena | GOV 2, GOV 3<br>DEV 1-6<br>OPI 1-6 | Mitigazzjoni | 3.1 Twettiq ta' analiżi regolari tal-prijoritajiet u progress bl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma<br>3.2 Forniment ta' komunikazzjoni regolari lill-partijiet ikkonċernati dwar l-istatus tal-implimentazzjoni<br>3.3 Komunikazzjoni fi żmien xieraq tal-valutazzjonijiet tal-impatt għall-bidliet mitluba fil-prijoritajiet u tmexxija fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet |
| R 04 | Il-Baġit 2014 jiddevja b'mod sinifikanti mill-previżjoni | L-għanijiet kollha | Kondiviżjoni | 4.1 L-għoti mill-ġdid tal-prijoritajiet għall-għanijiet u l-proġetti operattivi<br>4.2 Qbil mal-prijoritajiet riveduti tal-partijiet ikkonċernati<br>4.3 Netwerk ma' Aġenziji oħrajn għal spunti mill-esperjenzi u l-aħjar prattika tagħhom<br>4.4 Tfittxija ta' parir u appoġġ mill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet kritiċi |
| R 05 | Dewmien fit-tħejjija u t-twettiq tal-proċedura/i tal-akkwist meħtieġa għall-kostruzzjoni mill-ġdid tas-sit fi Strasburgu | DEV1-6<br>OPI 1-6 | Mitigazzjoni | 5.1 Tmiem gradwali tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fi Strasburgu<br>5.2 Sfruttar tal-użu ta' superviżur indipendenti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni<br>5.3 Twaqqif ta' klawsoli ta' inadempjenza fil-kuntratt għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni<br>5.4 Ħidma biex tinstab soluzzjoni legali għat-tiġdid tal-arranġamenti għall-bini temporanju, jekk ikun meħtieġ<br>5.5 Qabel tmiem il-kuntratti, l-Aġenzija jeħtieġ li tinforma formalment lill-Awtorità Baġitarja jekk l-impatt fuq il-baġit tal-Aġenzija hux sinifikanti (skont ir-Regolament Finanzjarju). |

## 2.13. Anness C: Tabella Sommarja ta’ Proġetti tal-Akkwist Maġġuri għall-2014

| Entrata | Deskrizzjoni tal-Proġett | Raġuni għall-Implimentazzjoni | Baġit Riżervat **(EUR)** | Linja Baġitarja | **Kapitolu/Linja** tal-Baġit |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Euromodules - BATCOM2 - uffiċċji temporanji għal SXB | Uffiċċji temporanji għall-persunal u l-kuntratturi matul l-implimentazzjoni tal-proġett ta’ arranġament mill-ġdid | 1,000,000 | *Nefqa għall-bini fi Franza* | A02-0-1-0 |
| 2 | Ġestjoni tal-Proġett għall-arranġament mill-ġdid tal-bini f’SXB - it-Tieni Fażi | Għażla ta’ kuntrattur estern biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-proġett ta’ arranġament mill-ġdid f’SXB | 1,543 000 | Nefqa għall-bini fi Franza | A02-0-1-0 |
| 3 | Implimentazzjoni tal-proġett ta’ arranġament mill-ġdid għal SXB | Għażla ta’ kuntrattur estern li ser jimplimenta l-proġett ta’ arranġament mill-ġdid f’SXB - il-baġit ikopri l-Ewwel Fażi (EUR 11,000,000 meħtieġa għat-tieni fażi fl-2015) | 6,200,000 | Nefqa għall-bini fi Franza | A02-0-1-0 |
| 4 | Stazzjonijiet ta’ Ħidma tal-Utent Finali għall-VIS/BMS | Aġġornament u evoluzzjoni ta’ infrastruttura tal-ġestjoni għall-VIS/BMS (inkluż ħardwer, softwer, liċenzji u konsulenza) | 3,000,000 | Nefqa Operattiva/Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi Ewlenin) | B03-0-0-0 |
| 5 | Maħżen tad-dejta | Akkwist tal-applikazzjoni biex jiġu appoġġati għodod ta’ rapportar unifikati għas-sistemi ewlenin kollha | 3,000,000 | Nefqa Operattiva/Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi Ewlenin) | B03-0-0-0 |
| 6 | Maniġer tas-Servizz 7 (SM7) (Integrazzjoni tal-għodod tal-għoti ta’ biljetti) - infrastruttura orizzontali | Integrazzjoni tal-monitoraġġ tas-sistemi kollha f’għodda waħda u allinjament mal-mudell tas-servizz tal-Aġenzija | 700,000 | Nefqa Operattiva/Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi Ewlenin) | B03-0-0-0 |
| 7 | Ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tad-dejta | Ċentralizzazzjoni tal-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tad-dejta f’SXB u f’St Johann | 700,000 | Nefqa Operattiva/Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi Ewlenin) | B03-0-0-0 |
| 8 | Marki tas-swaba’ artifiċjali għad-database | Akkwist ta’ database ta’ marki tas-swaba’ artifiċjali biex jiġi appoġġat ittestjar tal-biometrika għas-sistemi kollha | 500,000 | Nefqa Operattiva/Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi Ewlenin) | B03-0-0-0 |
| 9 | Studju ta’ virtwalizzazzjoni | Studju tal-fattibilità biex jiġu stabbiliti possibilitajiet għall-konsolidazzjoni tal-arkitettura tal-ħardwer u s-softwer u l-virtwalizzazzjoni tal-infrastruttura tas-server | 500,000 | Nefqa Operattiva/Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi Ewlenin) | B03-0-0-0 |
| 10 | Valutazzjoni tas-sigurtà esterna (għas-SIS II/l-EURODAC/il-VIS/il-BMS) | Valutazzjoni annwali tas-sigurtà tas-sistemi | 120,000 | Nefqa Operattiva/Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi Ewlenin) | B03-0-0-0 |
| 11 | Infrastruttura tas-sigurtà | Il-bini ta’ pjattaforma awtonoma kompleta fejn jiġu ttestjati soluzzjonijiet u għodod tas-sigurtà u jitmexxew simulazzjonijiet lil hinn minn kwalunkwe netwerk kummerċjali | 150,000 | Nefqa Operattiva/Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi Ewlenin) | B03-0-0-0 |
| 12 | Studji RFS u dwar il-fattibilità fir-rigward ta’ server ċentrali tal-AV/server tas-syslog | Dan sabiex il-VIS Evolution timplimenta antimalware u repożitorju tal-log tas-sigurtà ċentralizzati u amministrati kif meħtieġ mill-awditjar preċedenti tal-KEPD għas-sistema | 60,000 | Nefqa Operattiva/Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi Ewlenin) | B03-0-0-0 |
| 13 | Infrastruttura tas-sistemi ewlenin kondiviżi tal-PKI | Is-Sistemi tal-IT kollha ġestiti mill-Aġenzija jagħmlu użu miċ-ċertifikati diġitali għal firem kodifikati u diġitali. Dan huwa servizz indispensabbli mil-lat operattiv u tas-sigurtà u bi skop multiplu li għandu jinbena fl-infrastruttura ewlenija | 100,000 | Nefqa Operattiva/Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi Ewlenin) | B03-0-0-0 |
| 14 | Kontroll tal-Fluss | Implimentazzjoni tal-bidliet fil-VIS mitluba mill-Istati Membri, iżda mhux koperti fl-MWO | 1,000,000 | Nefqa Operattiva/VIS/BMS/MWO | B03-2-0-0 |
| 15 | Evoluzzjoni tal-BMS | Implimentazzjoni tal-miżuri tekniċi urġenti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta’ prestazzjoni u kapaċità fil-BMS kif stabbilit fl-2013 | 5,000,000 (5,000,000 impenn L1 magħmul fl-2013) | Nefqa Operattiva/VIS/BMS/MWO | B03-2-0-0 |
| 16 | EURODAC MWO ġdid | L-Aġenzija għandha tikkonkludi MWO ġdid, minħabba l-iskadenza ta’ dak eżistenti f’Diċembru 2014 | 5,500,000 | Nefqa Operattiva/EURODAC/MWO | B03-3-0-0 |
| 17 | 3 esperti esterni biex jiġi appoġġat l-akkwist fil-qasam tas-SIS/il-VIS/l-EURODAC | Biex tiġi appoġġata ġestjoni tal-kuntratti marbutin mas-sistemi ewlenin taħt il-kontroll tal-Aġenzija | 250,000 | Nefqa Operattiva/Servizzi ta’ Appoġġ Estern Marbutin Direttament mas-Sistemi Ewlenin | B03-6-0-0 |
| 18 | Assistenza esterna għall-implimentazzjoni tat-TESTA NG | Akkwist ta’ riżorsi umani addizzjonali biex jiġu appoġġati ħtiġijiet operattivi fuq perjodu qasir marbut mal-migrazzjoni lejn it-TESTA NG | 450,000 | Nefqa Operattiva/Servizzi ta’ Appoġġ Estern Marbutin Direttament mas-Sistemi Ewlenin | B03-6-0-0 |
| 19 | Proġetti pilota, studji u riċerka marbutin mas-sistemi ewlenin | | 650,000 | Nefqa Operattiva/Servizzi ta’ Appoġġ Estern Marbutin Direttament mas-Sistemi Ewlenin | B03-6-0-0 |
| 20 | Taħriġ għall-Istati Membri | Taħriġ tekniku skont il-mandat ewlieni tal-Aġenzija | 450,000 | Nefqa Operattiva/Taħriġ għall-Istati Membri | B03-8-1-0 |